Parlament Ewropew
2019-2024

Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali

2023/0311(COD)

10.11.2023

EMENDI
70 - 369

Abbozz ta' rapport
Lucia Ďuriš Nicholsonová
(PE754.831v01-00)

L-istabbiliment l-Kard Ewropea tad-Diżabilità u l-Kard Ewropea għall-Parkeġġ għall-persuni b'diżabilità

Proposta għal direttiva
(COM(2023)0512 – C9-0328/2023 – 2023/0311(COD))

Emenda 70
Antonius Manders

Proposta għal direttiva
Titolu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Proposta għal DIRETTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li tistabbilixxi l-Kard Ewropea tad-Diżabilità u l-Kard Ewropea għall-Parkeġġ għall-persuni b'diżabilità (Test b'rilevanza għaż-ŻEE)	Proposta għal DIRETTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li tistabbilixxi l-Kard Ewropea tad-Diżabilità ***u tal-Anzjani*** u l-Kard Ewropea għall-Parkeġġ għall-persuni b'diżabilità ***u għall-anzjani*** (Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-inklużjoni speċifika tal-anzjani f'din id-Direttiva hija meħtieġa u ġġustifikata, peress li madwar nofs il-persuni b'diżabilità fl-UE għandhom aktar minn 65 sena (48,5 %, sors: Eurostat 2022). Barra minn hekk, l-għadd ta' persuni b'diżabilità huwa mistenni li jiżdied, hekk kif il-popolazzjoni tal-UE qed tixjieħ.

Emenda 71
Elena Lizzi, Antonio Maria Rinaldi, Paola Ghidoni

Proposta għal direttiva
Titolu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Proposta għal DIRETTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li tistabbilixxi l-Kard Ewropea tad-Diżabilità u l-Kard Ewropea ***għall-Parkeġġ*** għall-persuni b'diżabilità (Test b'rilevanza għaż-ŻEE)	Proposta għal DIRETTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li tistabbilixxi l-Kard Ewropea tad-Diżabilità u l-Kard Ewropea ***għat-Trasport bit-Triq*** għall-persuni b'diżabilità (Test b'rilevanza għaż-ŻEE) *(Din l-emenda tapplika għat-test leġiżlattiv kollu)*

Or. en

Ġustifikazzjoni

Huwa essenzjali li l-ambitu ta' din il-kard ma jiġix limitat għall-kundizzjonijiet u l-faċilitajiet tal-parkeġġ biss

. Fil-fatt, din il-kard hija mfassla biex tiżgura aċċess liberu għal żoni tat-traffiku limitati wkoll.

Minħabba r-raġunijiet imsemmija hawn fuq, qed jiġi propost li d-denominazzjoni tagħha, tinbidel minn

"Kard Ewropea għall-Parkeġġ" għal "Kard Ewropea għat-Trasport bit-Triq".

Emenda 72
Jordi Cañas, Monica Semedo, Lucia Ďuriš Nicholsonová, Abir Al-Sahlani

Proposta għal direttiva
Premessa 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(1) L-Unjoni Ewropea hija bbażata fuq il-valuri tad-dinjità tal-bniedem, tal-libertà, u tar-rispett tad-drittijiet tal-bniedem u hija impenjata li tiġġieled id-diskriminazzjoni, inkluż abbażi tad-diżabilità, kif stabbilit fit-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE), fit-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) ***u*** fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea (il-"Karta").	(1) L-Unjoni Ewropea hija bbażata fuq il-valuri tad-dinjità tal-bniedem, tal-libertà, u tar-rispett tad-drittijiet tal-bniedem u hija impenjata li tiġġieled id-diskriminazzjoni, inkluż abbażi tad-diżabilità, kif stabbilit fit-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE), fit-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE)**,** fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea (il-"Karta") ***u fil-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità (UNCRPD)***.

Or. en

Emenda 73
Chiara Gemma

Proposta għal direttiva
Premessa 2a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*

(2a) Għandha tiżdied eżenzjoni mal-Artikolu 2.2 li tippermetti rikonoxximent temporanju tal-istatus ta' diżabilità ta' persuni għall-fażi ta' tranżizzjoni meta jmorru jgħixu barra minn pajjiżhom għal xogħol jew studji, u waqt li wieħed ikun għaddej mill-proċedura ta' rivalutazzjoni biex ikollu d-diżabilità tiegħu rikonoxxuta mill-Istat Membru l-ġdid. Din l-eżenzjoni għandha tapplika wkoll għal parteċipanti fil-Programmi ta' Mobilità tal-UE, bħal pereżempju l-ERASMUS+.

Or. en

Emenda 74
Antonius Manders

Proposta għal direttiva
Premessa 2a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(2a) Fl-Artikolu 25 tal-Karta, l-Unjoni tirrikonoxxi u tirrispetta d-dritt tal-anzjani li jgħixu ħajja dinjituża u indipendenti u li jipparteċipaw fil-ħajja soċjali u kulturali.

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-inklużjoni speċifika tal-anzjani f'din id-Direttiva hija meħtieġa u ġġustifikata, peress li madwar nofs il-persuni b'diżabilità fl-UE għandhom aktar minn 65 sena (48,5 %, sors: Eurostat 2022). Barra minn hekk, l-għadd ta' persuni b'diżabilità huwa mistenni li jiżdied, hekk kif il-popolazzjoni tal-UE qed tixjieħ.

Emenda 75
Chiara Gemma

Proposta għal direttiva
Premessa 2b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(2b) Sabiex tissaħħaħ il-proposta dwar il-Kard għall-Parkeġġ u jsir xi titjib konkret għall-persuni b'diżabilità, għandha titwaqqaf bażi tad-data ġdida biex tinforma lill-persuni b'diżabilità dwar id-drittijiet u r-regoli differenti tal-parkeġġ li jikkonċernaw spazji tal-parkeġġ għal persuni b'diżabilità fl-Istati Membri differenti u fir-reġjuni, fil-bliet u fil-muniċipalitajiet tagħhom.

Or. en

Emenda 76
Jordi Cañas, Monica Semedo, Lucia Ďuriš Nicholsonová, Abir Al-Sahlani

Proposta għal direttiva
Premessa 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(3) Kull ċittadin tal-Unjoni għandu d-dritt fundamentali li jiċċaqlaq u li jgħix liberament fit-territorju tal-Istati Membri, soġġett għal-limitazzjonijiet u l-kundizzjonijiet stabbiliti fit-Trattati u l-miżuri adottati biex jidħlu fis-seħħ.	(3) Kull ċittadin tal-Unjoni għandu d-dritt fundamentali li jiċċaqlaq u li jgħix liberament fit-territorju tal-Istati Membri, soġġett għal-limitazzjonijiet u l-kundizzjonijiet stabbiliti fit-Trattati u l-miżuri adottati biex jidħlu fis-seħħ. ***L-Artikolu 18 tal-UNCRPD jirrikonoxxi wkoll id-drittijiet tal-persuni b'diżabilità għal-libertà ta' moviment u għal-libertà li jagħżlu r-residenza tagħhom, fuq bażi ugwali mal-oħrajn.***

Or. en

Emenda 77
Abir Al-Sahlani, Lucia Ďuriš Nicholsonová, Monica Semedo, Dragoş Pîslaru, Irena Joveva, Sylvie Brunet, Marie-Pierre Vedrenne

Proposta għal direttiva
Premessa 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(4) Skont il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, iċ-ċittadinanza tal-Unjoni hija destinata li tkun l-istatus fundamentali taċ-ċittadini tal-Istati Membri meta jeżerċitaw id-dritt ta' moviment u ta' residenza fit-territorju tal-Istati Membri, biex dawk li jsibu ruħhom fl-istess sitwazzjoni jkunu jistgħu jgawdu, fil-kamp ta' applikazzjoni ratione materiae tat-TFUE, l-istess trattament fil-liġi irrispettivament min-nazzjonalità tagħhom, soġġett għal tali eċċezzjonijiet li huma previsti b'mod espliċitu.	(4) Skont il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, iċ-ċittadinanza tal-Unjoni hija destinata li tkun l-istatus fundamentali taċ-ċittadini tal-Istati Membri meta jeżerċitaw id-dritt ta' moviment u ta' residenza fit-territorju tal-Istati Membri, biex dawk li jsibu ruħhom fl-istess sitwazzjoni jkunu jistgħu jgawdu, fil-kamp ta' applikazzjoni ratione materiae tat-TFUE, l-istess trattament fil-liġi irrispettivament min-nazzjonalità tagħhom, soġġett għal tali eċċezzjonijiet li huma previsti b'mod espliċitu. ***Id-dritt għall-moviment liberu jenħtieġ li japplika wkoll għal ċittadini ta' pajjiżi terzi li għandhom residenza legali fi Stat Membru tal-Unjoni Ewropea u diżabilità rikonoxxuta f'dak l-Istat Membru, fl-interess ta' trattament ugwali. Għalhekk, din id-Direttiva għandha tkun ikkomplementata minn att legali separat li se jnaqqas id-distakk legali bejn iċ-ċittadini tal-UE u ċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi residenti legalment f'dan ir-rigward. Dan se jipprevedi aktar ċertezza legali b'mod speċjali għaċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi nisa u bniet b'diżabilità li għandhom residenza legali fl-Unjoni Ewropea.***

Or. en

Emenda 78
Lucia Ďuriš Nicholsonová, Abir Al-Sahlani, Jordi Cañas, Monica Semedo, Dragoş Pîslaru, Irena Joveva, Max Orville, Sylvie Brunet, Marie-Pierre Vedrenne

Proposta għal direttiva
Premessa 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(5) L-Unjoni hija Parti għall-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabilità (UNCRPD)[39], u hija marbuta bid-dispożizzjonijiet tagħha li huma parti	(5) L-Unjoni hija Parti għall-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabilità (UNCRPD)[39], u hija marbuta bid-dispożizzjonijiet tagħha li huma parti

integrali mill-ordni ġuridiku tal-Unjoni sal-firxa tal-kompetenzi tagħha. L-Istati Membri kollha huma Partijiet għall-UNCRPD u huma marbuta minnha wkoll sal-firxa tal-kompetenzi tagħhom.	integrali mill-ordni ġuridiku tal-Unjoni sal-firxa tal-kompetenzi tagħha. L-Istati Membri kollha huma Partijiet għall-UNCRPD u huma marbuta minnha wkoll sal-firxa tal-kompetenzi tagħhom. ***Filwaqt li l-Unjoni u l-Istati Membri kollha tagħha huma marbuta mill-UNCRPD, hemm differenzi sinifikanti fl-implimentazzjoni tagħha[3a]. Hemm bżonn li jsir progress fl-ugwaljanza għall-persuni b'diżabilità kemm għall-Unjoni nnifisha kif ukoll fl-Istati Membri kollha, pereżempju permezz ta' investimenti fl-infrastruttura, fil-bini tal-kapaċitajiet, fit-taħriġ u f'kampanji ta' sensibilizzazzjoni. L-Unjoni u l-Istati Membri kollha jenħtieġ li jirratifikaw aktar il-Protokoll Fakultattiv tal-UNCRPD.***
	3a ***https://fra.europa.eu/en/publication/2023/implementing-un-convention-rights-persons-disabilities-human-rights-indicators***
[39] Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2010/48/KE tas-26 ta' Novembru 2009 dwar il-konklużjoni, mill-Komunità Ewropea, tal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabbiltà, ĠU L 23, 27.1.2010, p. 35.	[39] Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2010/48/KE tas-26 ta' Novembru 2009 dwar il-konklużjoni, mill-Komunità Ewropea, tal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabbiltà, ĠU L 23, 27.1.2010, p. 35.

Or. en

Emenda 79
João Albuquerque, Daniela Rondinelli, Marc Angel, Milan Brglez, Agnes Jongerius, Aurore Lalucq, Elisabetta Gualmini, Klára Dobrev, Marianne Vind, Vilija Blinkevičiūtė, Alex Agius Saliba, Brando Benifei, Alicia Homs Ginel, Estrella Durá Ferrandis

Proposta għal direttiva
Premessa 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(6) L-għan tal-UNCRPD huwa li tippromwovi, tipproteġi u tiżgura t-	(6) ***L-UNCRPD tirrikonoxxi li l-persuni b'diżabilità jinkludu dawk li***

tgawdija sħiħa u ugwali tad-drittijiet tal-bniedem u tal-libertajiet fundamentali kollha mill-persuni kollha b'diżabilità, u li tippromwovi r-rispett għad-dinjità inerenti tagħhom, u b'hekk tiżgura l-parteċipazzjoni u l-inklużjoni sħiħa u effettiva tagħhom fis-soċjetà fuq bażi ugwali ma' oħrajn. Il-UNCRPD tirrikonoxxi wkoll l-importanza tal-ħtieġa li jittieħdu miżuri xierqa biex tiġi żgurata l-aċċessibbiltà għall-persuni b'diżabilità.

għandhom indeboliment fiżiku, mentali, intellettwali jew sensorju fit-tul li, meta f'interazzjoni ma' diversi ostakli amministrattivi, teknoloġiċi u soċjetali, jista' jirriżulta fi trattament diskriminatorju. L-għan tal-UNCRPD huwa***, għalhekk.*** li tippromwovi, tipproteġi u tiżgura t-tgawdija sħiħa u ugwali tad-drittijiet tal-bniedem u tal-libertajiet fundamentali kollha mill-persuni kollha b'diżabilità, u li tippromwovi r-rispett għad-dinjità inerenti tagħhom, ***l-awtonomija individwali inkluża l-libertà li wieħed jagħmel l-għażliet tiegħu stess, u l-indipendenza tal-persuni,*** u b'hekk tiżgura l-parteċipazzjoni u l-inklużjoni sħiħa u effettiva tagħhom fis-soċjetà fuq bażi ugwali ma' oħrajn. Il-UNCRPD tirrikonoxxi wkoll l-importanza ***tar-rispett għad-differenza u għall-aċċettazzjoni tal-persuni b'diżabilità bħala parti mid-diversità umana u l-umanità u*** tal-ħtieġa li jittieħdu miżuri xierqa biex tiġi żgurata l-aċċessibbiltà ***sħiħa u ugwali*** għall-persuni b'diżabilità.

Or. en

Emenda 80
Rosa Estaràs Ferragut

Proposta għal direttiva
Premessa 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(6) L-għan tal-UNCRPD huwa li tippromwovi, tipproteġi u tiżgura t-tgawdija sħiħa u ugwali tad-drittijiet tal-bniedem u tal-libertajiet fundamentali kollha mill-persuni kollha b'diżabilità, u li tippromwovi r-rispett għad-dinjità inerenti tagħhom, u b'hekk tiżgura l-parteċipazzjoni u l-inklużjoni sħiħa u effettiva tagħhom fis-soċjetà fuq bażi ugwali ma' oħrajn. Il-UNCRPD tirrikonoxxi wkoll l-importanza tal-ħtieġa	(6) L-għan tal-UNCRPD huwa li tippromwovi, tipproteġi u tiżgura t-tgawdija sħiħa u ugwali tad-drittijiet tal-bniedem u tal-libertajiet fundamentali kollha mill-persuni kollha b'diżabilità, u li tippromwovi r-rispett għad-dinjità inerenti tagħhom, u b'hekk tiżgura l-parteċipazzjoni u l-inklużjoni sħiħa u effettiva tagħhom fis-soċjetà fuq bażi ugwali ma' oħrajn. Il-UNCRPD tirrikonoxxi wkoll l-importanza tal-ħtieġa

li jittieħdu miżuri xierqa biex tiġi żgurata l-aċċessibbiltà għall-persuni b'diżabilità.	li jittieħdu miżuri xierqa biex tiġi żgurata l-aċċessibbiltà għall-persuni b'diżabilità ***u jiġi żgurat li l-persuni b'diżabilità jgawdu minn mobilità personali bl-akbar indipendenza possibbli***.

Or. en

Emenda 81
Miriam Lexmann

Proposta għal direttiva
Premessa 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(6) L-għan tal-UNCRPD huwa li tippromwovi, tipproteġi u tiżgura t-tgawdija sħiħa u ugwali tad-drittijiet tal-bniedem u tal-libertajiet fundamentali kollha mill-persuni kollha b'diżabilità, u li tippromwovi r-rispett għad-dinjità inerenti tagħhom, u b'hekk tiżgura l-parteċipazzjoni u l-inklużjoni sħiħa u effettiva tagħhom fis-soċjetà fuq bażi ugwali ma' ***oħrajn***. Il-UNCRPD tirrikonoxxi wkoll l-importanza tal-ħtieġa li jittieħdu miżuri xierqa biex tiġi żgurata l-aċċessibbiltà għall-persuni b'diżabilità.	(6) L-għan tal-UNCRPD huwa li tippromwovi, tipproteġi u tiżgura t-tgawdija sħiħa u ugwali tad-drittijiet tal-bniedem u tal-libertajiet fundamentali kollha mill-persuni kollha b'diżabilità, u li tippromwovi r-rispett għad-dinjità inerenti tagħhom, u b'hekk tiżgura l-parteċipazzjoni u l-inklużjoni sħiħa u effettiva tagħhom fis-soċjetà ***u fl-aspetti kollha tal-ħajja*** fuq bażi ugwali ma' ***persuni mingħajr diżabilità***. Il-UNCRPD tirrikonoxxi wkoll l-importanza tal-ħtieġa li jittieħdu miżuri xierqa biex tiġi żgurata l-aċċessibbiltà għall-persuni b'diżabilità.

Or. en

Emenda 82
Jordi Cañas, Monica Semedo, Lucia Ďuriš Nicholsonová, Abir Al-Sahlani

Proposta għal direttiva
Premessa 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(6) L-għan tal-UNCRPD huwa li tippromwovi, tipproteġi u tiżgura t-tgawdija sħiħa u ugwali tad-drittijiet tal-bniedem u tal-libertajiet fundamentali	(6) L-għan tal-UNCRPD huwa li tippromwovi, tipproteġi u tiżgura t-tgawdija sħiħa u ugwali tad-drittijiet tal-bniedem u tal-libertajiet fundamentali

kollha mill-persuni kollha b'diżabilità, u li tippromwovi r-rispett għad-dinjità inerenti tagħhom, u b'hekk tiżgura l-parteċipazzjoni u l-inklużjoni sħiħa u effettiva tagħhom fis-soċjetà fuq bażi ugwali ma' oħrajn. Il-UNCRPD tirrikonoxxi wkoll l-importanza tal-ħtieġa li jittieħdu miżuri xierqa biex tiġi żgurata l-aċċessibbiltà għall-persuni b'diżabilità.	kollha mill-persuni kollha b'diżabilità, u li tippromwovi r-rispett għad-dinjità inerenti tagħhom, u b'hekk tiżgura l-parteċipazzjoni u l-inklużjoni sħiħa u effettiva tagħhom fis-soċjetà fuq bażi ugwali ma' oħrajn. Il-UNCRPD tirrikonoxxi wkoll l-importanza tal-ħtieġa li jittieħdu miżuri xierqa biex tiġi żgurata ***l-ugwaljanza tal-opportunitajiet u*** l-aċċessibbiltà ***universali*** għall-persuni b'diżabilità.

Or. en

Emenda 83
João Albuquerque, Daniela Rondinelli, Marc Angel, Milan Brglez, Agnes Jongerius, Aurore Lalucq, Elisabetta Gualmini, Klára Dobrev, Marianne Vind, Vilija Blinkevičiūtė, Alex Agius Saliba, Brando Benifei, Ilan De Basso, Alicia Homs Ginel, Carina Ohlsson, Estrella Durá Ferrandis

Proposta għal direttiva
Premessa 6a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(6a) L-UNCRPD tirrikonoxxi wkoll il-kundizzjonijiet diffiċli li qed jiffaċċjaw persuni b'diżabilità li huma soġġetti għal forom multipli u aggravati ta' diskriminazzjoni minħabba razza, kulur, sess, lingwa, reliġjon, politika jew opinjonijiet oħra, oriġini nazzjonali, etnika, indiġena jew soċjali, proprjetà, twelid, età jew status ieħor. B'mod partikolari, tirrikonoxxi li n-nisa u l-bniet b'diżabilità huma f'riskju akbar u soġġetti għal numru ta' diskriminazzjonijiet, u li l-Istati Partijiet jenħtieġ li jieħdu miżuri adegwati biex jiżguraw it-tgawdija sħiħa u ugwali tagħhom tad-drittijiet tal-bniedem u tal-libertajiet fundamentali kollha.

Or. en

Emenda 84

João Albuquerque, Daniela Rondinelli, Marc Angel, Milan Brglez, Agnes Jongerius, Aurore Lalucq, Elisabetta Gualmini, Klára Dobrev, Marianne Vind, Vilija Blinkevičiūtė, Alex Agius Saliba, Brando Benifei, Ilan De Basso, Alicia Homs Ginel, Carina Ohlsson, Estrella Durá Ferrandis

Proposta għal direttiva
Premessa 7

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(7) Il-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, ipproklamat mill-Parlament Ewropew, mill-Kunsill, u l-Kummissjoni Ewropea f'Gothenburg fis-17 ta' Novembru 2017[40], jipprovdi li kulħadd, inter alia irrispettivament mid-diżabilità, għandu d-dritt għal trattament u opportunitajiet indaqs fir-rigward***, fost l-oħrajn,*** tal-aċċess għall-prodotti u s-servizzi disponibbli għall-pubbliku (il-prinċipju 3). Barra minn hekk, il-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali jirrikonoxxi li l-persuni b'diżabilità għandhom id-dritt għal servizzi li jippermettulhom jipparteċipaw fis-soċjetà (il-prinċipju 17).	(7) Il-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, ipproklamat mill-Parlament Ewropew, mill-Kunsill, u l-Kummissjoni Ewropea f'Gothenburg fis-17 ta' Novembru 2017[4], jipprovdi li kulħadd, inter alia irrispettivament mid-diżabilità, għandu d-dritt għal trattament u opportunitajiet indaqs fir-rigward ***tal-impjiegi, tal-protezzjoni soċjali, tal-edukazzjoni, u*** tal-aċċess għall-prodotti u s-servizzi disponibbli għall-pubbliku ***u li għandhom jitrawmu opportunitajiet indaqs ta' gruppi sottorappreżentati*** (il-prinċipju 3). Barra minn hekk, il-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali jirrikonoxxi li l-persuni b'diżabilità għandhom id-dritt ***li jgħixu b'dinjità u għal appoġġ għall-introjtu li jiżgura għajxien deċenti,*** għal servizzi li jippermettulhom jipparteċipaw fis-soċjetà ***u ambjent tax-xogħol adattat għall-ħtiġijiet tagħhom*** (il-prinċipju 17).

[40] Proklamazzjoni Interistituzzjonali dwar il-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, ĠU C 428, 13.12.2017, p. 10.

Or. en

Emenda 85
Jordi Cañas, Monica Semedo, Lucia Ďuriš Nicholsonová, Abir Al-Sahlani

Proposta għal direttiva
Premessa 7a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*

(7a) L-UNCRPD tirrikonoxxi li n-nisa u l-bniet b'diżabilità huma soġġetti għal numru ta' diskriminazzjonijiet, u li l-Istati Partijiet jenħtieġ li jieħdu miżuri biex jiżguraw it-tgawdija sħiħa u ugwali tagħhom tad-drittijiet tal-bniedem u tal-libertajiet fundamentali kollha. Il-Konvenzjoni dwar il-Prevenzjoni u l-Ġlieda kontra l-Vjolenza fuq in-Nisa u l-Vjolenza Domestika, li l-Unjoni Ewropea hija parti minnha, għandha tiggwida wkoll it-twaqqif tal-Kard Ewropea tad-Diżabilità u l-Kard Ewropea għall-Parkeġġ għall-persuni b'diżabilità.

Or. en

Emenda 86
Rosa Estaràs Ferragut

Proposta għal direttiva
Premessa 7a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(7a) Il-mandat ta' ugwaljanza u nondiskriminazzjoni li jinsab fl-Artikolu 5 tas-CRPD huwa rilevanti, peress li l-Kard Ewropea tad-Diżabilità hija maħsuba biex tħaffef l-ugwaljanza tal-persuni b'diżabilità permezz ta' rikonoxximent globali fl-UE, fil-pajjiżi membri tagħha u bejniethom.

Or. en

Emenda 87
Miriam Lexmann

Proposta għal direttiva
Premessa 8

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(8) Id-Direttiva (UE) 2019/882 tal-	(8) Id-Direttiva (UE) 2019/882 tal-

Parlament Ewropew u tal-Kunsill[41] (l-"Att Ewropew dwar l-Aċċessibbiltà") għandha l-għan li ttejjeb l-aċċess għall-prodotti u għas-servizzi billi telimina u tipprevjeni l-ostakli li jirriżultaw minn rekwiżiti ta' aċċessibbiltà diverġenti fl-Istati Membri, b'hekk tikkontribwixxi għaż-żieda fid-disponibbiltà ta' prodotti u servizzi aċċessibbli fis-suq intern, inkluż l-aċċess għal siti web u għal servizz ibbażat fuq apparat mobbli ta' ċerti servizzi pubbliċi[42] , u li ttejjeb l-aċċessibbiltà tal-informazzjoni rilevanti. Barra minn hekk, id-dritt tal-Unjoni jiggarantixxi wkoll id-drittijiet għan-nondiskriminazzjoni fl-aċċess għat-trasport u drittijiet oħra bħad-dritt li wieħed jirċievi l-assistenza mingħajr ħlas għall-passiġġieri b'diżabilità u b'mobbiltà mnaqqsa meta jivvjaġġa bl-ajru[43], bil-ferrovija[44], bil-mezzi tat-trasport marittimi[45], jew bix-xarabank u bil-kowċ[46]. Id-dritt tal-Unjoni jippermetti wkoll lill-Istati Membri jipprevedu tariffi jew pedaġġi mnaqqsa tat-toroq/pontijiet/mini kif ukoll eżenzjonijiet mill-obbligu li jitħallsu tali tariffi jew imposti għall-utenti għal kwalunkwe vettura użata minn jew proprjetà ta' persuni b'diżabilità fir-rigward ta' toroq soġġetti għal tariffi fuq it-toroq[47].

Parlament Ewropew u tal-Kunsill[41] (l-"Att Ewropew dwar l-Aċċessibbiltà") għandha l-għan li ***tegħleb l-ostakli għall-persuni b'diżabilità u persuni b'indebolimenti fiżiċi u li*** ttejjeb l-aċċess għall-prodotti u għas-servizzi billi telimina u tipprevjeni l-ostakli li jirriżultaw minn rekwiżiti ta' aċċessibbiltà diverġenti fl-Istati Membri, b'hekk tikkontribwixxi għaż-żieda fid-disponibbiltà ta' prodotti u servizzi aċċessibbli fis-suq intern, inkluż l-aċċess għal siti web u għal servizz ibbażat fuq apparat mobbli ta' ċerti servizzi pubbliċi[42], u li ttejjeb l-aċċessibbiltà tal-informazzjoni rilevanti. Barra minn hekk, id-dritt tal-Unjoni jiggarantixxi wkoll id-drittijiet għan-nondiskriminazzjoni fl-aċċess għat-trasport u drittijiet oħra bħad-dritt li wieħed jirċievi l-assistenza mingħajr ħlas għall-passiġġieri b'diżabilità u b'mobbiltà mnaqqsa meta jivvjaġġa bl-ajru[43], bil-ferrovija[44], bil-mezzi tat-trasport marittimi[45], jew bix-xarabank u bil-kowċ[46]. Id-dritt tal-Unjoni jippermetti wkoll lill-Istati Membri jipprevedu tariffi jew pedaġġi mnaqqsa tat-toroq/pontijiet/mini kif ukoll eżenzjonijiet mill-obbligu li jitħallsu tali tariffi jew imposti għall-utenti għal kwalunkwe vettura użata minn jew proprjetà ta' persuni b'diżabilità fir-rigward ta' toroq soġġetti għal tariffi fuq it-toroq[47].

---

[41] Id-Direttiva (UE) 2019/882 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' April 2019 dwar ir-rekwiżiti ta' aċċessibbiltà għall-prodotti u għas-servizzi, (ĠU L 150, 7.6.2019, p. 70).

[42] Barra minn hekk, id-Direttiva (UE) 2016/2102 dwar l-aċċessibbiltà tas-siti elettroniċi u tal-applikazzjonijiet mobbli tal-korpi tas-settur pubbliku għandha l-għan li ttejjeb l-aċċessibbiltà tas-siti web tal-korpi tas-settur pubbliku u tal-apps mobbli tagħhom.

[43] Ir-Regolament (KE) Nru 1107/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta'

[41] Id-Direttiva (UE) 2019/882 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' April 2019 dwar ir-rekwiżiti ta' aċċessibbiltà għall-prodotti u għas-servizzi, (ĠU L 150, 7.6.2019, p. 70).

[42] Barra minn hekk, id-Direttiva (UE) 2016/2102 dwar l-aċċessibbiltà tas-siti elettroniċi u tal-applikazzjonijiet mobbli tal-korpi tas-settur pubbliku għandha l-għan li ttejjeb l-aċċessibbiltà tas-siti web tal-korpi tas-settur pubbliku u tal-apps mobbli tagħhom.

[43] Ir-Regolament (KE) Nru 1107/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta'

Lulju 2006 dwar id-drittijiet ta' persuni b'diżabbiltà u ta' persuni b'mobilità mnaqqsa meta jivvjaġġaw bl-ajru, ĠU L 204, 26.7.2006, p. 1.

[44] Ir-Regolament (UE) Nru 2021/782 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2021 dwar id-drittijiet u l-obbligi tal-passiġġieri tal-ferroviji, ĠU L 172, 17.5.2021, p. 1.

[45] Ir-Regolament (UE) Nru 1177/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 dwar id-drittijiet tal-passiġġieri meta jivvjaġġaw bil-baħar jew minn passaġġi fuq l-ilma interni u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 2006/2004, ĠU L 334, 17.12.2010, p. 1.

[46] Ir-Regolament (UE) Nru 181/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 dwar id-drittijiet tal-passiġġieri fit-trasport bix-xarabank u bil-kowċ u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 2006/2004 (ĠU L 55, 28.2.2011, p. 1).

[47] Id-Direttiva (UE 1999/62/KE) tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u d-Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (UE) 2022/362 li temenda d-Direttivi 1999/62/KE, 1999/37/KE u (UE) 2019/520, fir-rigward tal-ħlas li jrid isir mill-vetturi għall-użu ta' ċerti infrastrutturi.

Lulju 2006 dwar id-drittijiet ta' persuni b'diżabbiltà u ta' persuni b'mobilità mnaqqsa meta jivvjaġġaw bl-ajru, ĠU L 204, 26.7.2006, p. 1.

[44] Ir-Regolament (UE) Nru 2021/782 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2021 dwar id-drittijiet u l-obbligi tal-passiġġieri tal-ferroviji, ĠU L 172, 17.5.2021, p. 1.

[45] Ir-Regolament (UE) Nru 1177/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 dwar id-drittijiet tal-passiġġieri meta jivvjaġġaw bil-baħar jew minn passaġġi fuq l-ilma interni u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 2006/2004, ĠU L 334, 17.12.2010, p. 1.

[46] Ir-Regolament (UE) Nru 181/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 dwar id-drittijiet tal-passiġġieri fit-trasport bix-xarabank u bil-kowċ u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 2006/2004 (ĠU L 55, 28.2.2011, p. 1).

[47] Id-Direttiva (UE 1999/62/KE) tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u d-Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (UE) 2022/362 li temenda d-Direttivi 1999/62/KE, 1999/37/KE u (UE) 2019/520, fir-rigward tal-ħlas li jrid isir mill-vetturi għall-użu ta' ċerti infrastrutturi.

Or. en

Emenda 88
Rosa Estaràs Ferragut

Proposta għal direttiva
Premessa 8a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(8a) Fl-Artikolu 18, iddedikat għal-Libertà tal-moviment u n-nazzjonalità, is-CRPD tiddikjara li l-Istati Partijiet għandhom jirrikonoxxu d-drittijiet tal-persuni b'diżabilità għal-libertà tal-

moviment, għal-libertà li jagħżlu r-residenza tagħhom u għan-nazzjonalità, fuq bażi ugwali ma' oħrajn, inkluż bl-iżgurar li l-persuni b'diżabilità ma jiġux imċaħħda, abbażi tad-diżabilità, mill-kapaċità tagħhom li jiksbu, jippossjedu u jużaw dokumentazzjoni tan-nazzjonalità tagħhom jew dokumentazzjoni oħra ta' identifikazzjoni, jew li jutilizzaw proċessi rilevanti bħal proċeduri ta' immigrazzjoni, li jistgħu jkunu meħtieġa biex jiffaċilitaw eżerċizzju tad-dritt għal-libertà tal-moviment.

Or. en

Emenda 89
Ádám Kósa

Proposta għal direttiva
Premessa 9

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(9) Il-persuni b'diżabilità jistgħu japplikaw mal-awtoritajiet kompetenti fl-Istat Membru li fih jirrisjedu għar-rikonoxximent tal-istatus ta' diżabilità peress li din hija kwistjoni fil-kompetenza tagħhom. Kull Stat Membru u l-awtoritajiet kompetenti rispettivi tiegħu għandhom proċedura ta' valutazzjoni tad-diżabilità li tvarja minn Stat Membru għal ieħor. Meta l-awtoritajiet kompetenti jirrikonoxxu l-istatus ta' diżabilità ta' applikant, huma joħorġu ċertifikat tad-diżabilità, kard tad-diżabilità jew dokument formali ieħor li jirrikonoxxi l-istatus ta' diżabilità tal-applikant.	(9) Il-persuni b'diżabilità jistgħu japplikaw mal-awtoritajiet kompetenti fl-Istat Membru li fih jirrisjedu għar-rikonoxximent tal-istatus ta' diżabilità peress li din hija kwistjoni fil-kompetenza tagħhom. Kull Stat Membru u l-awtoritajiet kompetenti rispettivi tiegħu għandhom proċedura ta' valutazzjoni tad-diżabilità li tvarja minn Stat Membru għal ieħor. Meta l-awtoritajiet kompetenti jirrikonoxxu l-istatus ta' diżabilità ta' applikant, huma joħorġu ċertifikat tad-diżabilità, kard tad-diżabilità jew dokument formali ieħor li jirrikonoxxi l-istatus ta' diżabilità tal-applikant. ***Xi Stati Membri ma għandhomx kard nazzjonali waħda tad-diżabilità u/jew definizzjoni ta' status ta' diżabilità, li jistgħu jwasslu għar-rikonoxximent ta' livelli differenti ta' diżabilità. F'dawk l-Istati Membri, il-ħtiġijiet tas-servizz jew kriterji oħra jistgħu jintużaw - ħafna drabi b'mod differenti f'setturi differenti - meta s-***

servizzi jew il-benefiċċji jingħataw lil persuni b'diżabilità.

Or. en

Emenda 90
Antonius Manders

Proposta għal direttiva
Premessa 9

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(9) Il-persuni b'diżabilità jistgħu japplikaw mal-awtoritajiet kompetenti fl-Istat Membru li fih jirrisjedu għar-rikonoxximent tal-istatus ta' diżabilità peress li din hija kwistjoni fil-kompetenza tagħhom. Kull Stat Membru u l-awtoritajiet kompetenti rispettivi tiegħu għandhom proċedura ta' valutazzjoni tad-diżabilità li tvarja minn Stat Membru għal ieħor. Meta l-awtoritajiet kompetenti jirrikonoxxu l-istatus ta' diżabilità ta' applikant, huma joħorġu ċertifikat tad-diżabilità, kard tad-diżabilità jew dokument formali ieħor li jirrikonoxxi l-istatus ta' diżabilità tal-applikant.	(9) Il-persuni b'diżabilità ***u l-anzjani*** jistgħu japplikaw mal-awtoritajiet kompetenti fl-Istat Membru li fih jirrisjedu għar-rikonoxximent tal-istatus ta' diżabilità ***jew ta' anzjani*** peress li din hija kwistjoni fil-kompetenza tagħhom. Kull Stat Membru u l-awtoritajiet kompetenti rispettivi tiegħu għandhom proċedura ta' valutazzjoni tad-diżabilità li tvarja minn Stat Membru għal ieħor. Meta l-awtoritajiet kompetenti jirrikonoxxu l-istatus ta' diżabilità ***jew ta' anzjan*** ta' applikant, huma joħorġu ċertifikat tad-diżabilità, kard tad-diżabilità***, kard tal-anzjani*** jew dokument formali ieħor li jirrikonoxxi l-istatus ta' diżabilità ***jew ta' anzjan*** tal-applikant.

Or. en

Emenda 91
José Gusmão

Proposta għal direttiva
Premessa 10

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(10) Minħabba n-nuqqas ta' rikonoxximent tal-istatus ta' diżabilità bejn l-Istati Membri, il-persuni b'diżabilità jistgħu jiffaċċjaw diffikultajiet speċifiċi	(10) Minħabba n-nuqqas ta' rikonoxximent tal-istatus ta' diżabilità bejn l-Istati Membri, il-persuni b'diżabilità jistgħu jiffaċċjaw diffikultajiet speċifiċi

meta jeżerċitaw id-drittijiet fundamentali tagħhom ta' moviment liberu.	meta jeżerċitaw id-drittijiet fundamentali tagħhom ta' moviment liberu. ***Il-Mudell Soċjali ta' Diżabilità jistabbilixxi li hija s-soċjetà li tagħmel diżabbli lill-persuni b'diżabilità fiżika. Id-diżabilità hija xi ħaġa imposta oltre l-indebolimenti, bil-mod kif il-persuni b'diżabilità huma iżolati bla bżonn u esklużi mill-parteċipazzjoni sħiħa fis-soċjetà. Indeboliment huwa l-limitazzjoni funzjonali fl-individwu kkawżata minn indeboliment fiżiku, mentali jew sensorju. Id-diżabilità hija t-telf jew il-limitazzjoni ta' opportunitajiet biex wieħed jieħu sehem fil-ħajja normali tal-komunità minħabba ostakli fiżiċi u soċjali. L-Istati Membri huma mħeġġa jimmodifikaw id-definizzjonijiet tagħhom applikati fuq livell nazzjonali biex jallinjaw mal-Mudell Soċjali ta' Diżabilità u jfasslu proċeduri ta' valutazzjoni tad-diżabilità ġusti u trasparenti kif xieraq.***
	Or. en

Emenda 92
Elżbieta Rafalska, Beata Szydło, Margarita de la Pisa Carrión, Anna Zalewska

Proposta għal direttiva
Premessa 10

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(10) Minħabba n-nuqqas ta' rikonoxximent tal-istatus ta' diżabilità bejn l-Istati Membri, il-persuni b'diżabilità jistgħu jiffaċċjaw diffikultajiet speċifiċi meta jeżerċitaw id-drittijiet fundamentali tagħhom ta' moviment liberu.	(10) Minħabba n-nuqqas ta' rikonoxximent tal-istatus ta' diżabilità bejn l-Istati Membri, il-persuni b'diżabilità jistgħu jiffaċċjaw diffikultajiet speċifiċi meta jeżerċitaw id-drittijiet fundamentali tagħhom ta' moviment liberu. ***Id-definizzjonijiet ta' diżabilità u l-kriterji użati biex tiġi vvalutata d-diżabilità fl-Istati Membri huma marbuta mill-qrib mas-sistema tas-sigurtà soċjali stabbilita f'kull pajjiż, li tiddetermina l-aċċess, pereżempju, għal suq tax-xogħol protett jew benefiċċji għal persuni b'diżabilità u***

l-indokraturi tagħhom.

Or. en

Emenda 93
Antonius Manders

Proposta għal direttiva
Premessa 10

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(10) Minħabba n-nuqqas ta' rikonoxximent tal-istatus ta' diżabilità bejn l-Istati Membri, il-persuni b'diżabilità jistgħu jiffaċċjaw diffikultajiet speċifiċi meta jeżerċitaw id-drittijiet fundamentali tagħhom ta' moviment liberu.	(10) Minħabba n-nuqqas ta' rikonoxximent tal-istatus ta' diżabilità ***jew ta' anzjani*** bejn l-Istati Membri, il-persuni b'diżabilità ***jew l-anzjani*** jistgħu jiffaċċjaw diffikultajiet speċifiċi meta jeżerċitaw id-drittijiet fundamentali tagħhom ta' moviment liberu.

Or. en

Emenda 94
Miriam Lexmann

Proposta għal direttiva
Premessa 10

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(10) Minħabba n-nuqqas ta' rikonoxximent tal-istatus ta' diżabilità bejn l-Istati Membri, il-persuni b'diżabilità ***jistgħu*** jiffaċċjaw diffikultajiet speċifiċi meta jeżerċitaw id-drittijiet fundamentali tagħhom ta' moviment liberu.	(10) Minħabba n-nuqqas ta' rikonoxximent ***reċiproku*** tal-istatus ta' diżabilità bejn l-Istati Membri, il-persuni b'diżabilità ***spiss*** jiffaċċjaw diffikultajiet speċifiċi meta jeżerċitaw id-drittijiet fundamentali tagħhom ta' moviment liberu.

Or. en

Emenda 95
Elena Lizzi, Antonio Maria Rinaldi, Paola Ghidoni

Proposta għal direttiva

Premessa 11

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(11) Il-persuni b'diżabilità li jiċċaqilqu għal perjodi itwal lejn Stati Membri oħra għal raġunijiet ta' impjieg, studju jew skopijiet oħra, ħlief fejn previst mod ieħor mid-dritt jew kif miftiehem bejn l-Istati Membri, jista' jkollhom l-istatus ta' diżabilità tagħhom ivvalutat u rikonoxxut formalment mill-awtoritajiet kompetenti fl-Istat Membru l-ieħor u jistgħu jirċievu ċertifikat tad-diżabilità, kard tad-diżabilità jew kwalunkwe dokument formali ieħor li jirrikonoxxi l-istatus ta' diżabilità tagħhom f'konformità mar-regoli applikabbli ta' dak l-Istat Membru.	***imħassra***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-kunċett ta' perjodu "twil" jew "itwal" jidher mhux definit; huwa aktar xieraq li tinżamm il-validità taż-żewġ dokumenti maħruġa mill-pajjiż ta' oriġini sakemm tiġi preżunta "residenza" fil-pajjiż ospitanti (eż. żagħżugħ b'diżabilità li jattendi l-Erasmus f'pajjiż Ewropew ieħor ma jassumix residenza għal dak il-perjodu, u ma tagħmilx sens li jkollu l-oneru li jitlob dokumenti mill-pajjiż ospitanti anke jekk għal perjodu estiż ta' diversi xhur.

Emenda 96
Katrin Langensiepen

Proposta għal direttiva
Premessa 11

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(11) Il-persuni b'diżabilità li jiċċaqilqu għal perjodi itwal lejn Stati Membri oħra għal raġunijiet ta' impjieg, studju jew skopijiet oħra, ħlief fejn previst mod ieħor mid-dritt jew kif miftiehem bejn l-Istati Membri, jista' jkollhom l-istatus ta' diżabilità tagħhom ivvalutat u rikonoxxut formalment mill-awtoritajiet kompetenti fl-Istat Membru l-ieħor u jistgħu jirċievu ċertifikat tad-diżabilità, kard tad-diżabilità	(11) Il-persuni b'diżabilità li jiċċaqilqu għal perjodi itwal lejn Stati Membri oħra għal raġunijiet ta' impjieg, studju jew skopijiet oħra, ħlief fejn previst mod ieħor mid-dritt jew kif miftiehem bejn l-Istati Membri, jista' jkollhom l-istatus ta' diżabilità tagħhom ivvalutat u rikonoxxut formalment mill-awtoritajiet kompetenti fl-Istat Membru l-ieħor u jistgħu jirċievu ċertifikat tad-diżabilità, kard tad-diżabilità

jew kwalunkwe dokument formali ieħor li jirrikonoxxi l-istatus ta' diżabilità tagħhom f'konformità mar-regoli applikabbli ta' dak l-Istat Membru.	jew kwalunkwe dokument formali ieħor li jirrikonoxxi l-istatus ta' diżabilità tagħhom f'konformità mar-regoli applikabbli ta' dak l-Istat Membru. ***Madankollu, il-persuni b'diżabilità li joqogħdu għal perjodu ta' żmien fiss, jiġifieri itwal mill-perjodu ta' żmien qasir meqjus, fil-kuntest ta' programm ta' mobilità, jenħtieġ li ma jkollhomx għalfejn ikollhom l-istatus ta' diżabilità tagħhom ivvalutat fl-Istat Membru l-ġdid. Dawk jistgħu jkunu proġetti ta' mobilità għall-VET, studenti tal-iskola, edukazzjoni tal-adulti, skambji taż-żgħażagħ, ħaddiema żgħażagħ, attivitajiet ta' parteċipazzjoni taż-żgħażagħ, azzjoni ta' Discover EU Inclusion, proġetti għal studenti u persunal tal-edukazzjoni għolja, shubijiet għall-kooperazzjoni.***
	Or. en

Emenda 97
Antonius Manders

Proposta għal direttiva
Premessa 11

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(11) Il-persuni b'diżabilità li jiċċaqilqu għal perjodi itwal lejn Stati Membri oħra għal raġunijiet ta' impjieg, studju ***jew*** skopijiet oħra, ħlief fejn previst mod ieħor mid-dritt jew kif miftiehem bejn l-Istati Membri, jista' jkollhom l-istatus ta' diżabilità tagħhom ivvalutat u rikonoxxut formalment mill-awtoritajiet kompetenti fl-Istat Membru l-ieħor u jistgħu jirċievu ċertifikat tad-diżabilità, kard tad-diżabilità jew kwalunkwe dokument formali ieħor li jirrikonoxxi l-istatus ta' diżabilità tagħhom f'konformità mar-regoli applikabbli ta' dak l-Istat Membru.	(11) Il-persuni b'diżabilità ***u l-anzjani*** li jiċċaqilqu għal perjodi itwal lejn Stati Membri oħra għal raġunijiet ta' impjieg, studju***, li jgħixu jew joqogħdu fi Stati Membri oħra għal*** skopijiet oħra, ħlief fejn previst mod ieħor mid-dritt jew kif miftiehem bejn l-Istati Membri, jista' jkollhom l-istatus ta' diżabilità tagħhom ivvalutat u rikonoxxut formalment mill-awtoritajiet kompetenti fl-Istat Membru l-ieħor u jistgħu jirċievu ċertifikat tad-diżabilità, kard tad-diżabilità***, kard tal-anzjani,*** jew kwalunkwe dokument formali ieħor li jirrikonoxxi l-istatus ta' diżabilità ***jew ta' anzjani*** tagħhom f'konformità mar-regoli applikabbli ta' dak l-Istat Membru.

Or. en

Emenda 98
João Albuquerque, Daniela Rondinelli, Marc Angel, Milan Brglez, Agnes Jongerius, Aurore Lalucq, Elisabetta Gualmini, Klára Dobrev, Vilija Blinkevičiūtė, Alex Agius Saliba, Brando Benifei, Ilan De Basso, Alicia Homs Ginel, Carina Ohlsson, Estrella Durá Ferrandis

Proposta għal direttiva
Premessa 11

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(11) Il-persuni b'diżabilità ***li*** jiċċaqilqu għal perjodi itwal lejn Stati Membri oħra għal raġunijiet ta' impjieg, studju jew skopijiet oħra, ***ħlief fejn previst mod ieħor mid-dritt jew kif miftiehem bejn l-Istati Membri, jista' jkollhom l-istatus*** ta' diżabilità tagħhom ***ivvalutat u rikonoxxut formalment*** mill-awtoritajiet kompetenti fl-Istat Membru l-ieħor ***u jistgħu jirċievu*** ċertifikat tad-diżabilità, kard tad-diżabilità jew kwalunkwe dokument formali ieħor li jirrikonoxxi l-istatus ta' diżabilità tagħhom f'konformità mar-regoli applikabbli ta' dak l-Istat Membru.	(11) ***Fil-każijiet li fihom*** il-persuni b'diżabilità jiċċaqilqu għal perjodi itwal lejn Stati Membri oħra għal raġunijiet ta' impjieg, studju jew skopijiet oħra, ***il-Kard Ewropea tad-Diżabilità jenħtieġ li sservi bħala rikonoxximent temporanju tal-istatus*** ta' diżabilità tagħhom ***sakemm tittieħed deċiżjoni formali*** mill-awtoritajiet kompetenti fl-Istat Membru l-ieħor***,*** ***permezz ta'*** ċertifikat tad-diżabilità, kard tad-diżabilità jew kwalunkwe dokument formali ieħor li jirrikonoxxi l-istatus ta' diżabilità tagħhom f'konformità mar-regoli applikabbli ta' dak l-Istat Membru.

Or. en

Emenda 99
Miriam Lexmann

Proposta għal direttiva
Premessa 12

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(12) Madankollu, persuni bi status ta' diżabilità rikonoxxut li jivvjaġġaw lejn jew li jżuru Stat Membru għajr l-Istat Membru li fih jirrisjedu għal perjodu qasir ta' żmien ***jistgħu*** jiffaċċjaw diffikultajiet sinifikanti jekk l-istatus ta' diżabilità tagħhom ma jkunx rikonoxxut fl-Istat Membru li	(12) Madankollu, persuni bi status ta' diżabilità rikonoxxut li jivvjaġġaw lejn jew li jżuru Stat Membru għajr l-Istat Membru li fih jirrisjedu għal perjodu qasir ta' żmien ***spiss*** jiffaċċjaw diffikultajiet sinifikanti jekk l-istatus ta' diżabilità tagħhom ma jkunx rikonoxxut fl-Istat Membru li

jivvjaġġaw lejh jew li iżuru, u jekk ma jkollhomx ċertifikat, kard tad-diżabilità jew kwalunkwe dokument formali ieħor li jirrikonoxxi l-istatus ta' diżabilità tagħhom fl-Istat Membru ospitanti, sabiex jibbenefikaw minn kundizzjonijiet speċjali u/jew minn trattament preferenzjali offrut hemmhekk.	jivvjaġġaw lejh jew li iżuru, u jekk ma jkollhomx ċertifikat, kard tad-diżabilità jew kwalunkwe dokument formali ieħor li jirrikonoxxi l-istatus ta' diżabilità tagħhom fl-Istat Membru ospitanti, sabiex jibbenefikaw minn kundizzjonijiet speċjali u/jew minn trattament preferenzjali offrut hemmhekk. ***Il-persuni b'diżabilitajiet mhux viżibbli spiss jiffaċċjaw diffikultajiet speċifiċi meta jintalbu jagħtu prova tad-diżabilità tagħhom waqt li jivvjaġġaw.***
	Or. en

Emenda 100
Antonius Manders

Proposta għal direttiva
Premessa 12

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(12) Madankollu, persuni bi status ta' diżabilità rikonoxxut li jivvjaġġaw lejn jew li jżuru Stat Membru għajr l-Istat Membru li fih jirrisjedu għal perjodu qasir ta' żmien jistgħu jiffaċċjaw diffikultajiet sinifikanti jekk l-istatus ta' diżabilità tagħhom ma jkunx rikonoxxut fl-Istat Membru li jivvjaġġaw lejh jew li iżuru, u jekk ma jkollhomx ċertifikat, kard tad-diżabilità jew kwalunkwe dokument formali ieħor li jirrikonoxxi l-istatus ta' diżabilità tagħhom fl-Istat Membru ospitanti, sabiex jibbenefikaw minn kundizzjonijiet speċjali u/jew minn trattament preferenzjali offrut hemmhekk.	(12) Madankollu, persuni bi status ta' diżabilità rikonoxxut ***u persuni anzjani*** li jivvjaġġaw lejn jew li jżuru Stat Membru għajr l-Istat Membru li fih jirrisjedu għal perjodu qasir ta' żmien jistgħu jiffaċċjaw diffikultajiet sinifikanti jekk l-istatus ta' diżabilità ***jew ta' anzjani*** tagħhom ma jkunx rikonoxxut fl-Istat Membru li jivvjaġġaw lejh jew li iżuru, u jekk ma jkollhomx ċertifikat, kard tad-diżabilità***,*** ***kard tal-anzjani*** jew kwalunkwe dokument formali ieħor li jirrikonoxxi l-istatus ta' diżabilità ***jew ta' anzjani*** tagħhom fl-Istat Membru ospitanti, sabiex jibbenefikaw minn kundizzjonijiet speċjali u/jew minn trattament preferenzjali offrut hemmhekk.
	Or. en

Emenda 101
Rosa Estaràs Ferragut

Proposta għal direttiva

Premessa 12a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(12a) Li tkun mara huwa fattur li jaffettwa d-dimensjonijiet kollha, inklużi l-mobilità u l-moviment liberu, u għalhekk irid jitqies sabiex din il-leġiżlazzjoni tikkontribwixxi għar-rikonoxximent tad-drittijiet tan-nisa u l-bniet b'diżabilità, l-ommijiet u l-indokraturi tal-persuni b'diżabilità u tħarishom minn diskriminazzjoni intersezzjonali.

Or. en

Emenda 102
Antonius Manders

Proposta għal direttiva
Premessa 13

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(13) F'dan il-każ, il-persuni b'diżabilità li jivvjaġġaw lejn jew li jżuru Stat Membru ieħor jitqiegħdu fi żvantaġġ meta jeżerċitaw id-drittijiet tagħhom ta' moviment liberu meta mqabbla ma' persuni b'diżabilità li għandhom ċertifikat ta' diżabilità, kard tad-diżabilità jew kwalunkwe dokument formali ieħor li jirrikonoxxi l-istatus tad-diżabilità tagħhom fl-Istat Membru li jivvjaġġaw lejh jew iżuruh.	(13) F'dan il-każ, il-persuni b'diżabilità ***u l-persuni anzjani*** li jivvjaġġaw lejn jew li jżuru Stat Membru ieħor jitqiegħdu fi żvantaġġ meta jeżerċitaw id-drittijiet tagħhom ta' moviment liberu meta mqabbla ma' persuni b'diżabilità ***u persuni anzjani*** li għandhom ċertifikat ta' diżabilità, kard tad-diżabilità***, kard tal-anzjani*** jew kwalunkwe dokument formali ieħor li jirrikonoxxi l-istatus tad-diżabilità tagħhom fl-Istat Membru li jivvjaġġaw lejh jew iżuruh.

Or. en

Emenda 103
Abir Al-Sahlani, Lucia Ďuriš Nicholsonová, Monica Semedo, Jordi Cañas, Dragoş Pîslaru, Irena Joveva, Sylvie Brunet, Marie-Pierre Vedrenne

Proposta għal direttiva

Premessa 13a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(13a) L-ostakoli għad-dritt fundamentali tal-moviment liberu huma aggravati għan-nisa u l-bniet b'diżabilità li jħabbtu wiċċhom ma' diskriminazzjoni intersezzjonali fl-oqsma kollha tal-ħajja, b'mod speċjali fl-edukazzjoni u l-impjiegi. Pereżempju, 20 % tan-nisa b'diżabilità huma f'impjieg full-time, meta mqabbla ma' 29 % tal-irġiel b'diżabilità u 48 % tan-nisa mingħajr diżabilità. 22 % tan-nisa b'diżabilità huma f'riskju ta' faqar, meta mqabbla ma' 20 % tal-irġiel b'diżabilità u 16 % tan-nisa mingħajr diżabilità. 17 % tan-nisa b'diżabilità jiggradwaw b'edukazzjoni terzjarja, meta mqabbla ma' 18 % tal-irġiel b'diżabilità u 32 % tan-nisa mingħajr diżabilità. 11 % tan-nisa b'diżabilità għandhom bżonnijiet mhux issodisfati għal eżami mediku, meta mqabbla ma' 10 % tal-irġiel b'diżabilità u 3 % tan-nisa mingħajr diżabilità.[47a] Id-differenza hija partikolarment notevoli fiż-żoni rurali fejn l-aċċess għas-servizzi u l-opportunitajiet b'mod ġenerali huwa ferm aktar limitat meta mqabbel maż-żoni urbani. Għalhekk, il-Kard Ewropea tad-Diżabilità jrid ikollha perspettiva aktar ċara tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri u tikkontribwixxi għat-titjib tal-moviment liberu speċjalment għan-nisa u l-bniet b'diżabilità, pereżempju meta jittrasferixxu ruħhom fi Stat Membru ieħor għal xogħol jew studju u jiġu evalwati mill-ġdid mill-Istat Membru l-ġdid. Huwa kruċjali li s-sitwazzjoni vulnerabbli għan-nisa u l-bniet b'diżabilità ma tiġix aggravata aktar iżda pjuttost, li jkunu mħeġġa jeżerċitaw il-libertà tal-moviment tagħhom u protetti meta jagħmlu dan sabiex jiżguraw il-moviment liberu u l-indipendenza ekonomika tagħhom.
	[47a] (Intersecting inequalities in the

European Union in the 2023 Gender Equality Index*) *Inugwaljanzi li jikkoinċidu fl-Unjoni Ewropea fl-Indiċi tal-Ugwaljanza bejn il-Ġeneri tal-2023 https://eige.europa.eu/gender-equality-index/2022/domain/intersecting-inequalities/disability/work

Or. en

Emenda 104
Monica Semedo, Abir Al-Sahlani, Lucia Ďuriš Nicholsonová, Sylvie Brunet

Proposta għal direttiva
Premessa 13a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(13a) Il-persuni b'diżabilità li jappartjenu wkoll għal gruppi emarġinati oħra bħal LGBTQI+, gruppi li jsofru diskriminazzjoni razzjali u minoranzi etniċi, nies minn sfond soċjoekonomiku żvantaġġat, żgħażagħ u nies minn żoni ġeografiċi remoti... spiss jiffaċċjaw diskriminazzjoni multipla u għalhekk huwa importanti li l-Istati Membri japplikaw approċċ intersezzjonali meta jittrasponu u jimplimentaw din id-direttiva.

Or. en

Emenda 105
Rosa Estaràs Ferragut

Proposta għal direttiva
Premessa 13a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(13a) L-Unjoni Ewropea rratifikat il-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa dwar il-Prevenzjoni u l-Ġlieda Kontra l-Vjolenza fuq in-Nisa u l-Vjolenza

Domestika, il-Konvenzjoni ta' Istanbul.

Or. en

Emenda 106
José Gusmão

Proposta għal direttiva
Premessa 14

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(14) Barra minn hekk, in-nuqqas ta' għarfien dwar jekk u, jekk iva, sa liema punt l-istatus tad-diżabilità u d-dokumenti formali tagħhom li jirrikonoxxu dan l-istatus jistgħu jkunu rikonoxxuti meta jivvjaġġaw lejn Stat Membru ieħor jew meta jżuru Stat Membru ieħor, joħloq inċertezza għalihom. Fl-aħħar mill-aħħar, il-persuni b'diżabilità jistgħu jiġu skoraġġuti milli jeżerċitaw id-drittijiet tagħhom ta' moviment liberu.	(14) Barra minn hekk, in-nuqqas ta' għarfien dwar jekk u, jekk iva, sa liema punt l-istatus tad-diżabilità u d-dokumenti formali tagħhom li jirrikonoxxu dan l-istatus jistgħu jkunu rikonoxxuti meta jivvjaġġaw lejn Stat Membru ieħor jew meta jżuru Stat Membru ieħor, joħloq inċertezza għalihom. Fl-aħħar mill-aħħar, il-persuni b'diżabilità jistgħu jiġu skoraġġuti milli jeżerċitaw id-drittijiet tagħhom ta' moviment liberu. ***Għandha tiżdied eżenzjoni mal-Artikolu 2.2 li tippermetti rikonoxximent temporanju tal-istatus ta' diżabilità ta' persuni għall-fażi ta' tranżizzjoni meta jmorru jgħixu barra minn pajjiżhom għal xogħol jew studji, u waqt li wieħed ikun għaddej mill-proċedura ta' rivalutazzjoni biex ikollu d-diżabilità tiegħu rikonoxxuta mill-Istat Membru l-ġdid. Din l-eżenzjoni għandha tapplika wkoll għal parteċipanti fil-Programmi ta' Mobilità tal-UE, bħal pereżempju l-ERASMUS+.***

Or. en

Emenda 107
Antonius Manders

Proposta għal direttiva
Premessa 14

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(f) "kundizzjonijiet u faċilitajiet ta' parkeġġ" tfisser kwalunkwe spazju ta' parkeġġ riżervat għall-persuni b'diżabilità b'mod ġenerali kif ukoll benefiċċji assoċjati ta' parkeġġ għal, jew kundizzjonijiet preferenzjali mogħtija lil, persuni b'diżabilità, bħal parkeġġ bla ħlas, tariffi mnaqqsa, miżati jew imposti tal-utenti mnaqqsa għal toroq/pontijiet/mini bin-nollijiet jew spazji ta' parkeġġ estiżi irrispettivament minn jekk ikunux ipprovduti fuq bażi volontarja jew imposti minn obbligi legali.	(f) "kundizzjonijiet u faċilitajiet ta' parkeġġ" tfisser kwalunkwe spazju ta' parkeġġ riżervat għall-persuni b'diżabilità ***u għall-anzjani*** b'mod ġenerali kif ukoll benefiċċji assoċjati ta' parkeġġ għal, jew kundizzjonijiet preferenzjali mogħtija lil, persuni b'diżabilità ***u anzjani***, bħal parkeġġ bla ħlas, tariffi mnaqqsa, miżati jew imposti tal-utenti mnaqqsa għal toroq/pontijiet/mini bin-nollijiet jew spazji ta' parkeġġ estiżi irrispettivament minn jekk ikunux ipprovduti fuq bażi volontarja jew imposti minn obbligi legali.

Or. en

Emenda 234
Lucia Ďuriš Nicholsonová, Abir Al-Sahlani, Jordi Cañas, Monica Semedo, Dragoş Pîslaru, Irena Joveva, Max Orville, Sylvie Brunet, Marie-Pierre Vedrenne

Proposta għal direttiva
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt fa (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(fa) "Akkomodazzjoni raġonevoli" tfisser modifika neċessarja u adegwata u aġġustamenti li ma jimponux piż sproporzjonat jew eċċessiv, meta tkun meħtieġa f'każ partikolari, biex jiġi żgurat li l-persuni b'diżabilità jistgħu jgawdu u jeżerċitaw fuq bażi ugwali ma' ħaddieħor id-drittijiet tal-bniedem kollha, il-libertajiet fundamentali u d-drittijiet ipprovduti f'din id-Direttiva;

Or. en

Emenda 235
José Gusmão

Proposta għal direttiva
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt fa (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(fa) "Akkomodazzjoni raġonevoli" tfisser modifika neċessarja u adegwata u aġġustamenti li ma jimponux piż sproporzjonat jew eċċessiv, meta tkun meħtieġa f'każ partikolari, biex jiġi żgurat li l-persuni b'diżabilità jistgħu jgawdu jew jeżerċitaw fuq bażi ugwali ma' ħaddieħor id-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali kollha;

Or. en

Emenda 236

Katrin Langensiepen

Proposta għal direttiva
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt fa (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(fa) "Akkomodazzjoni raġonevoli" tfisser modifika neċessarja u adegwata u aġġustamenti li ma jimponux piż sproporzjonat jew bla bżonn, meta tkun meħtieġa f'każ partikolari, biex jiġi assigurat li l-persuni b'diżabilità jistgħu jgawdu u jeżerċitaw fuq bażi ugwali ma' ħaddieħor id-drittijiet tal-bniedem kollha u l-libertà fundamentali;

Or. en

Emenda 237
José Gusmão

Proposta għal direttiva
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt fb (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(fb) il-koproduzzjoni hija relazzjoni li fiha l-professjonisti u ċ-ċittadini jaqsmu s-setgħa li jfasslu, jippjanaw u jagħtu appoġġ flimkien, filwaqt li jirrikonoxxu li ż-żewġ sħab għandhom kontributi vitali x'jagħmlu sabiex itejbu l-kwalità tal-ħajja għan-nies u l-komunitajiet. Din tinvolvi diversi komponenti: Kodisinn, inkluż l-ippjanar ta' servizzi; Teħid ta' kodeċiżjoni fl-allokazzjoni tar-riżorsi; Twettiq konġunt ta' servizzi, inkluż ir-rwol tal-voluntiera fil-forniment tas-servizzi; Kovalutazzjoni tas-servizzi;

Or. en

Emenda 238
Katrin Langensiepen

Proposta għal direttiva
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt fb (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(fb) "Programm ta' mobilità tal-UE" tfisser kwalunkwe programm li għandu perjodu ta' żmien fiss, u li huwa temporanju, li jiżvolġi fi Stat Membru ieħor minbarra l-istat ta' residenza, fil-qasam tal-edukazzjoni, it-taħriġ, jew għal skopijiet relatati max-xogħol.

Or. en

Emenda 239
José Gusmão

Proposta għal direttiva
Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt fc (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(fc) organizzazzjoni li tirrappreżenta persuni b'diżabilità għandu jkollha sħubija li tikkonsisti minn persuni b'diżabilità fl-intier tagħha. Il-bord u l-korp governattiv kollu jridu jikkonsistu minn persuni b'diżabilità. L-Organizzazzjoni għandha turi li jsir sforz qawwi biex timla karigi remunerati, inklużi pożizzjonijiet għolja, b'persunal b'diżabilità kwalifikat b'mod adegwat.

Or. en

Emenda 240
Miriam Lexmann

Proposta għal direttiva
Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*

(a) Ċittadini tal-Unjoni u membri tal-familja ta' ċittadini tal-Unjoni li l-istatus ta' diżabilità tagħhom ikun rikonoxxut mill-awtoritajiet kompetenti fl-Istat Membru tar-residenza tagħhom permezz ta' ċertifikat, kard jew kwalunkwe dokument formali ieħor maħruġ f'konformità mal-kompetenzi, il-prattiki, u l-proċeduri nazzjonali, kif ukoll, fejn applikabbli, lill-persuna/i li jakkumpanjawhom jew li jassistuhom inklużi l-assistent(i) personali***(i)***,	(a) Ċittadini tal-Unjoni u membri tal-familja ta' ċittadini tal-Unjoni ***kif ukoll, meta applikabbli skont ir-regoli nazzjonali, ċittadini ta' pajjiżi terzi li għandhom status ta' residenza permanenti fi Stat Membru tal-Unjoni Ewropea*** li l-istatus ta' diżabilità tagħhom ikun rikonoxxut mill-awtoritajiet kompetenti fl-Istat Membru tar-residenza tagħhom permezz ta' ċertifikat, kard jew kwalunkwe dokument formali ieħor maħruġ f'konformità mal-kompetenzi, il-prattiki, u l-proċeduri nazzjonali, kif ukoll, fejn applikabbli, lill-persuna/i li jakkumpanjawhom jew li jassistuhom inklużi l-assistent(i) personali,

Or. en

Emenda 241
Elżbieta Rafalska, Beata Szydło, Margarita de la Pisa Carrión, Anna Zalewska

Proposta għal direttiva
Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) Ċittadini tal-Unjoni u membri tal-familja ta' ċittadini tal-Unjoni li l-istatus ta' diżabilità tagħhom ikun rikonoxxut mill-awtoritajiet kompetenti fl-Istat Membru tar-residenza tagħhom permezz ta' ċertifikat, kard jew kwalunkwe dokument formali ieħor maħruġ f'konformità mal-kompetenzi, il-prattiki, u l-proċeduri nazzjonali, kif ukoll, fejn applikabbli, lill-persuna/i li jakkumpanjawhom jew li jassistuhom inklużi l-assistent(i) personali***(i)***,	(a) Ċittadini tal-Unjoni u membri tal-familja ta' ċittadini tal-Unjoni li l-istatus ta' diżabilità tagħhom ikun rikonoxxut mill-awtoritajiet kompetenti fl-Istat Membru tar-residenza tagħhom permezz ta' ċertifikat, kard jew kwalunkwe dokument formali ieħor maħruġ f'konformità mal-kompetenzi, il-prattiki, u l-proċeduri nazzjonali, kif ukoll, fejn applikabbli, lill-persuna/i li jakkumpanjawhom jew li jassistuhom inklużi l-assistent(i) personali ***u inkluż interpretu/i tal-lingwa tas-sinjali kif indikat bl-ittra "A" fuq il-Kard Ewropea tad-Diżabilità tagħhom, jew minn annimali ta' għajnuna***,

Or. en

Emenda 242
Chiara Gemma

Proposta għal direttiva
Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) Ċittadini tal-Unjoni u membri tal-familja ta' ċittadini tal-Unjoni li l-istatus ta' diżabilità tagħhom ikun rikonoxxut mill-awtoritajiet kompetenti fl-Istat Membru tar-residenza tagħhom permezz ta' ċertifikat, kard jew kwalunkwe dokument formali ieħor maħruġ f'konformità mal-kompetenzi, il-prattiki, u l-proċeduri nazzjonali, kif ukoll, fejn applikabbli, lill-persuna/i li jakkumpanjawhom jew li jassistuhom inklużi l-assistent(i) personali***(i)***,	(a) Ċittadini tal-Unjoni u membri tal-familja ta' ċittadini tal-Unjoni***, kif ukoll ċittadini ta' pajjiżi terzi li għandhom status ta' residenza permanenti fi Stat Membru tal-Unjoni Ewropea,*** li l-istatus ta' diżabilità tagħhom ikun rikonoxxut mill-awtoritajiet kompetenti fl-Istat Membru tar-residenza tagħhom permezz ta' ċertifikat, kard jew kwalunkwe dokument formali ieħor maħruġ f'konformità mal-kompetenzi, il-prattiki, u l-proċeduri nazzjonali, kif ukoll, fejn applikabbli, lill-persuna/i li jakkumpanjawhom jew li jassistuhom inklużi l-assistent(i) personali,

Or. en

Emenda 243
José Gusmão

Proposta għal direttiva
Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) Ċittadini tal-Unjoni u membri tal-familja ta' ċittadini tal-Unjoni li l-istatus ta' diżabilità tagħhom ikun rikonoxxut mill-awtoritajiet kompetenti fl-Istat Membru tar-residenza tagħhom permezz ta' ċertifikat, kard jew kwalunkwe dokument formali ieħor maħruġ f'konformità mal-kompetenzi, il-prattiki, u l-proċeduri nazzjonali, kif ukoll, fejn applikabbli, lill-persuna/i li jakkumpanjawhom jew li jassistuhom inklużi l-assistent(i) personali***(i)***,	(a) Ċittadini tal-Unjoni u membri tal-familja ta' ċittadini tal-Unjoni***, kif ukoll ċittadini ta' pajjiżi terzi li għandhom status ta' residenza permanenti fi Stat Membru tal-Unjoni Ewropea*** li l-istatus ta' diżabilità tagħhom ikun rikonoxxut mill-awtoritajiet kompetenti fl-Istat Membru tar-residenza tagħhom permezz ta' ċertifikat, kard jew kwalunkwe dokument formali ieħor maħruġ f'konformità mal-kompetenzi, il-prattiki, u l-proċeduri nazzjonali, kif ukoll, fejn applikabbli, lill-persuna/i li

jakkumpanjawhom jew li jassistuhom inklużi l-assistent(i) personali,

Or. en

Emenda 244
Jordi Cañas, Monica Semedo

Proposta għal direttiva
Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) Ċittadini tal-Unjoni u membri tal-familja ta' ċittadini tal-Unjoni li l-istatus ta' diżabilità tagħhom ikun rikonoxxut mill-awtoritajiet kompetenti fl-Istat Membru tar-residenza tagħhom permezz ta' ċertifikat, kard jew kwalunkwe dokument formali ieħor maħruġ f'konformità mal-kompetenzi, il-prattiki, u l-proċeduri nazzjonali, kif ukoll, fejn applikabbli, lill-persuna/i li jakkumpanjawhom jew li jassistuhom inklużi l-assistent(i) personali***(i)***,	(a) Ċittadini ***u residenti*** tal-Unjoni u membri tal-familja ta' ċittadini ***u residenti*** tal-Unjoni li l-istatus ta' diżabilità tagħhom ikun rikonoxxut mill-awtoritajiet kompetenti fl-Istat Membru tar-residenza tagħhom permezz ta' ċertifikat, kard jew kwalunkwe dokument formali ieħor maħruġ f'konformità mal-kompetenzi, il-prattiki, u l-proċeduri nazzjonali, kif ukoll, fejn applikabbli, lill-persuna/i li jakkumpanjawhom jew li jassistuhom inklużi l-assistent(i) personali, ***kif ukoll klieb gwida jew annimali ta' għajnuna.***

Or. en

Emenda 245
Rosa Estaràs Ferragut

Proposta għal direttiva
Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) Ċittadini tal-Unjoni u membri tal-familja ta' ċittadini tal-Unjoni li l-istatus ta' diżabilità tagħhom ikun rikonoxxut mill-awtoritajiet kompetenti fl-Istat Membru tar-residenza tagħhom permezz ta' ċertifikat, kard jew kwalunkwe dokument formali ieħor maħruġ f'konformità mal-kompetenzi, il-prattiki, u	(a) Ċittadini ***u residenti*** tal-Unjoni u membri tal-familja ta' ċittadini ***u residenti*** tal-Unjoni li l-istatus ta' diżabilità tagħhom ikun rikonoxxut mill-awtoritajiet kompetenti fl-Istat Membru tar-residenza tagħhom permezz ta' ċertifikat, kard jew kwalunkwe dokument formali ieħor maħruġ f'konformità mal-kompetenzi, il-

l-proċeduri nazzjonali, kif ukoll, fejn applikabbli, lill-persuna/i li jakkumpanjawhom jew li jassistuhom inklużi l-assistent(i) personali***(i)***,	prattiki, u l-proċeduri nazzjonali, kif ukoll, fejn applikabbli, lill-persuna/i li jakkumpanjawhom jew li jassistuhom inklużi l-assistent(i) personali***, kif ukoll klieb gwida u ta' għajnuna***,

Or. en

Emenda 246
Stelios Kympouropoulos, Loucas Fourlas

Proposta għal direttiva
Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) Ċittadini tal-Unjoni u membri tal-familja ta' ċittadini tal-Unjoni li l-istatus ta' diżabilità tagħhom ikun rikonoxxut mill-awtoritajiet kompetenti fl-Istat Membru tar-residenza tagħhom permezz ta' ċertifikat, kard jew kwalunkwe dokument formali ieħor maħruġ f'konformità mal-kompetenzi, il-prattiki, u l-proċeduri nazzjonali, kif ukoll, fejn applikabbli, lill-persuna/i li jakkumpanjawhom jew li jassistuhom inklużi l-assistent(i) personali***(i)***,	(a) Ċittadini tal-Unjoni u membri tal-familja ta' ċittadini tal-Unjoni li l-istatus ta' diżabilità tagħhom ikun rikonoxxut mill-awtoritajiet kompetenti fl-Istat Membru tar-residenza tagħhom***, irrispettivament mis-severità tad-diżabilità,*** permezz ta' ċertifikat, kard jew kwalunkwe dokument formali ieħor maħruġ f'konformità mal-kompetenzi, il-prattiki, u l-proċeduri nazzjonali, kif ukoll, fejn applikabbli, lill-persuna/i li jakkumpanjawhom jew li jassistuhom inklużi l-assistent(i) personali,

Or. en

Emenda 247
Ádám Kósa

Proposta għal direttiva
Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) ***Ċittadini tal-Unjoni u membri tal-familja ta'*** ċittadini tal-Unjoni li l-istatus ta' diżabilità tagħhom ikun rikonoxxut mill-awtoritajiet kompetenti fl-Istat Membru tar-residenza tagħhom permezz	(a) Ċittadini tal-Unjoni li l-istatus ta' diżabilità tagħhom ikun rikonoxxut mill-awtoritajiet kompetenti fl-Istat Membru tar-residenza tagħhom permezz ta' ċertifikat, kard jew kwalunkwe dokument

ta’ ċertifikat, kard jew kwalunkwe dokument formali ieħor maħruġ f’konformità mal-kompetenzi, il-prattiki, u l-proċeduri nazzjonali, kif ukoll, fejn applikabbli, lill-persuna/i ***li jakkumpanjawhom jew*** li jassistuhom inklużi l-assistent(i) personali***(i)***,	formali ieħor maħruġ f’konformità mal-kompetenzi, il-prattiki, u l-proċeduri nazzjonali, kif ukoll, fejn applikabbli, lill-persuna/i li jassistuhom inklużi l-assistent(i) personali,

Or. en

Emenda 248
Antonius Manders

Proposta għal direttiva
Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt aa (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(aa) Ċittadini tal-Unjoni u membri tal-familja ta’ ċittadini tal-Unjoni li l-istatus ta’ anzjani tagħhom ikun rikonoxxut mill-awtoritajiet kompetenti fl-Istat Membru tar-residenza tagħhom permezz ta’ ċertifikat, kard jew kwalunkwe dokument formali ieħor maħruġ f’konformità mal-kompetenzi, il-prattiki, u l-proċeduri nazzjonali, kif ukoll, fejn applikabbli, lill-persuna/i li jakkumpanjawhom jew li jassistuhom inklużi l-assistent(i) personali,

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-inklużjoni speċifika tal-anzjani f’din id-Direttiva hija meħtieġa u ġġustifikata, peress li madwar nofs il-persuni b’diżabilità fl-UE għandhom aktar minn 65 sena (48,5 %, sors: Eurostat 2022). Barra minn hekk, l-għadd ta’ persuni b’diżabilità huwa mistenni li jiżdied, hekk kif il-popolazzjoni tal-UE qed tixjieħ.

Emenda 249
Miriam Lexmann

Proposta għal direttiva
Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) Ċittadini tal-Unjoni u membri tal-familja ta' ċittadini tal-Unjoni li d-drittijiet tagħhom għal kundizzjonijiet u faċilitajiet ta' parkeġġ riżervati għall-persuni b'diżabilità ***ikunu*** rikonxxuti fl-Istat Membru ta' residenza tagħhom permezz ta' kard għall-parkeġġ jew dokument ieħor maħruġ f'konformità mal-kompetenzi, il-prattiki, u l-proċeduri nazzjonali, kif ukoll, fejn applikabbli, lill-persuna/i li jakkumpanjawhom jew li jassistuhom inklużi l-assistent(i) personali***(i)***.	(b) Ċittadini tal-Unjoni u membri tal-familja ta' ċittadini tal-Unjoni ***kif ukoll, meta applikabbli skont ir-regoli nazzjonali, ċittadini ta' pajjiżi terzi li għandhom status ta' residenza permanenti fi Stat Membru tal-Unjoni Ewropea*** li d-drittijiet tagħhom għal kundizzjonijiet u faċilitajiet ta' parkeġġ riżervati għall-persuni b'diżabilità ***jkunu*** rikonxxuti fl-Istat Membru ta' residenza tagħhom permezz ta' kard għall-parkeġġ jew dokument ieħor maħruġ f'konformità mal-kompetenzi, il-prattiki, u l-proċeduri nazzjonali, kif ukoll, fejn applikabbli, lill-persuna/i li jakkumpanjawhom jew li jassistuhom inklużi l-assistent(i) personali.

Or. en

Emenda 250
José Gusmão

Proposta għal direttiva
Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) Ċittadini tal-Unjoni u membri tal-familja ta' ċittadini tal-Unjoni li d-drittijiet tagħhom għal kundizzjonijiet u faċilitajiet ta' parkeġġ riżervati għall-persuni b'diżabilità ***ikunu*** rikonxxuti fl-Istat Membru ta' residenza tagħhom permezz ta' kard għall-parkeġġ jew dokument ieħor maħruġ f'konformità mal-kompetenzi, il-prattiki, u l-proċeduri nazzjonali, kif ukoll, fejn applikabbli, lill-persuna/i li jakkumpanjawhom jew li jassistuhom inklużi l-assistent(i) personali***(i)***.	(b) Ċittadini tal-Unjoni***, kif ukoll ċittadini ta' pajjiżi terzi li għandhom status ta' residenza permanenti fi Stat Membru tal-Unjoni Ewropea*** li d-drittijiet tagħhom għal kundizzjonijiet u faċilitajiet ta' parkeġġ riżervati għall-persuni b'diżabilità ***jkunu*** rikonxxuti fl-Istat Membru ta' residenza tagħhom permezz ta' kard għall-parkeġġ jew dokument ieħor maħruġ f'konformità mal-kompetenzi, il-prattiki, u l-proċeduri nazzjonali, kif ukoll, fejn applikabbli, lill-persuna/i li jakkumpanjawhom jew li jassistuhom inklużi l-assistent(i) personali.

Or. en

Emenda 251
Chiara Gemma

Proposta għal direttiva
Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) Ċittadini tal-Unjoni u membri tal-familja ta' ċittadini tal-Unjoni li d-drittijiet tagħhom għal kundizzjonijiet u faċilitajiet ta' parkeġġ riżervati għall-persuni b'diżabilità ***ikunu*** rikonxxuti fl-Istat Membru ta' residenza tagħhom permezz ta' kard għall-parkeġġ jew dokument ieħor maħruġ f'konformità mal-kompetenzi, il-prattiki, u l-proċeduri nazzjonali, kif ukoll, fejn applikabbli, lill-persuna/i li jakkumpanjawhom jew li jassistuhom inklużi l-assistent(i) personali***(i)***.	(b) Ċittadini tal-Unjoni u membri tal-familja ta' ċittadini tal-Unjoni***, kif ukoll ċittadini ta' pajjiżi terzi li għandhom status ta' residenza permanenti fi stat membru tal-Unjoni Ewropea*** li d-drittijiet tagħhom għal kundizzjonijiet u faċilitajiet ta' parkeġġ riżervati għall-persuni b'diżabilità ***jkunu*** rikonxxuti fl-Istat Membru ta' residenza tagħhom permezz ta' kard għall-parkeġġ jew dokument ieħor maħruġ f'konformità mal-kompetenzi, il-prattiki, u l-proċeduri nazzjonali, kif ukoll, fejn applikabbli, lill-persuna/i li jakkumpanjawhom jew li jassistuhom inklużi l-assistent(i) personali.

Or. en

Emenda 252
Antonius Manders

Proposta għal direttiva
Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) Ċittadini tal-Unjoni u membri tal-familja ta' ċittadini tal-Unjoni li d-drittijiet tagħhom għal kundizzjonijiet u faċilitajiet ta' parkeġġ riżervati għall-persuni b'diżabilità ***ikunu*** rikonxxuti fl-Istat Membru ta' residenza tagħhom permezz ta' kard għall-parkeġġ jew dokument ieħor maħruġ f'konformità mal-kompetenzi, il-prattiki, u l-proċeduri nazzjonali, kif ukoll, fejn applikabbli, lill-persuna/i li jakkumpanjawhom jew li jassistuhom	(b) Ċittadini tal-Unjoni u membri tal-familja ta' ċittadini tal-Unjoni li d-drittijiet tagħhom għal kundizzjonijiet u faċilitajiet ta' parkeġġ riżervati għall-persuni b'diżabilità ***u għall-anzjani jkunu*** rikonxxuti fl-Istat Membru ta' residenza tagħhom permezz ta' kard għall-parkeġġ jew dokument ieħor maħruġ f'konformità mal-kompetenzi, il-prattiki, u l-proċeduri nazzjonali, kif ukoll, fejn applikabbli, lill-persuna/i li jakkumpanjawhom jew li

inklużi l-assistent(i) personali***(i)***.	jassistuhom inklużi l-assistent(i) personali.

Or. en

Emenda 253
Rosa Estaràs Ferragut

Proposta għal direttiva
Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt ba (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(ba) Kwalunkwe persuna b'diżabilità fattwali, skont it-tifsira ddikjarata fl-Artikolu 1 tas-CRPD, meta tirrisjedi u tiġi spostata fi Stat tal-UE differenti minn tagħha, anke jekk ma jkollhiex status ta' diżabilità rikonoxxut mill-Istat Membru ta' residenza tagħha.

Or. en

Emenda 254
Rosa Estaràs Ferragut

Proposta għal direttiva
Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt bb (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(bb) Il-persuni b'diżabilità f'sitwazzjoni ta' protezzjoni internazzjonali fi Stat Membru tal-UE.

Or. en

Emenda 255
Rosa Estaràs Ferragut

Proposta għal direttiva
Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt bc (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(bc) Iċ-ċittadini tal-Unjoni li għandhom ċertifikat mediku ta' dijanjożi ta' disturb tal-ispettru tal-awtiżmu maħruġ jew ivvalidat mis-servizzi tas-saħħa appoġġati minn fondi pubbliċi.

Or. en

Emenda 256
Antonius Manders

Proposta għal direttiva
Artikolu 5 – titolu

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Aċċess ugwali għal kundizzjonijiet speċjali jew trattament preferenzjali u għal kundizzjonijiet u faċilitajiet ta' parkeġġ għall-persuni b'diżabilità	Aċċess ugwali għal kundizzjonijiet speċjali jew trattament preferenzjali u għal kundizzjonijiet u faċilitajiet ta' parkeġġ għall-persuni b'diżabilità ***u għall-anzjani***

Or. en

Emenda 257
Elena Lizzi, Antonio Maria Rinaldi, Paola Ghidoni

Proposta għal direttiva
Artikolu 5 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li ***d-detenturi ta'*** Kard Ewropea tad-Diżabilità, waqt li jivvjaġġaw lejn jew iżuru Stat Membru differenti minn dak li tiegħu huma residenti, jingħataw aċċess fuq termini u kundizzjonijiet ugwali bħal dawk ipprovduti lil persuni b'diżabilità li huma detenturi ta' ċertifikat tad-diżabilità, kard tad-diżabilità jew kwalunkwe dokument formali ieħor li jirrikonoxxi l-istatus ta' diżabilità tagħhom f'dak l-Istat Membru,	1. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li***, soġġett għall-verifika tal-validità tal-Kard Ewropea tad-Diżabilità biss, id-detenturi tal-istess*** Kard Ewropea tad-Diżabilità, waqt li jivvjaġġaw lejn jew iżuru Stat Membru differenti minn dak li tiegħu huma residenti, jingħataw aċċess fuq termini u kundizzjonijiet ugwali bħal dawk ipprovduti lil persuni b'diżabilità li huma detenturi ta' ċertifikat tad-diżabilità, kard tad-diżabilità jew kwalunkwe dokument

għal kwalunkwe kundizzjoni speċjali jew trattament preferenzjali offrut fir-rigward tas-servizzi, l-attivitajiet u l-faċilitajiet imsemmija fl-Artikolu 2(1).

formali ieħor li jirrikonoxxi l-istatus ta' diżabilità tagħhom f'dak l-Istat Membru, għal kwalunkwe kundizzjoni speċjali jew trattament preferenzjali offrut fir-rigward tas-servizzi, l-attivitajiet u l-faċilitajiet imsemmija fl-Artikolu 2(1).

Or. en

Emenda 258
Antonius Manders

Proposta għal direttiva
Artikolu 5 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li d-detenturi ta' Kard Ewropea tad-Diżabilità, waqt li jivvjaġġaw lejn ***jew*** iżuru Stat Membru differenti minn dak li tiegħu huma residenti, jingħataw aċċess fuq termini u kundizzjonijiet ugwali għal dawk ipprovduti lil persuni b'diżabilità li huma detenturi ta' ċertifikat tad-diżabilità, kard tad-diżabilità jew kwalunkwe dokument formali ieħor li jirrikonoxxi l-istatus ta' diżabilità tagħhom f'dak l-Istat Membru, għal kwalunkwe kundizzjoni speċjali jew trattament preferenzjali offrut fir-rigward tas-servizzi, l-attivitajiet u l-faċilitajiet imsemmija fl-Artikolu 2(1).	1. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li d-detenturi ta' Kard Ewropea tad-Diżabilità ***u tal-Anzjani***, waqt li jivvjaġġaw lejn***,*** iżuru***, jgħixu, jaħdmu jew jistudjaw fi*** Stat Membru differenti minn dak li tiegħu huma residenti, jingħataw aċċess fuq termini u kundizzjonijiet ugwali għal dawk ipprovduti lil persuni b'diżabilità ***u lil anzjani*** li huma detenturi ta' ċertifikat tad-diżabilità, kard tad-diżabilità***, kard tal-anzjani,*** jew kwalunkwe dokument formali ieħor li jirrikonoxxi l-istatus ta' diżabilità tagħhom f'dak l-Istat Membru, għal kwalunkwe kundizzjoni speċjali jew trattament preferenzjali offrut fir-rigward tas-servizzi, l-attivitajiet u l-faċilitajiet imsemmija fl-Artikolu 2(1).

Or. en

Emenda 259
Miriam Lexmann

Proposta għal direttiva
Artikolu 5 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li d-detenturi ta' Kard Ewropea tad-Diżabilità, waqt li jivvjaġġaw lejn jew iżuru Stat Membru differenti minn dak li tiegħu huma residenti, jingħataw aċċess fuq termini u kundizzjonijiet ugwali bħal dawk ipprovduti lil persuni b'diżabilità li huma detenturi ta' ċertifikat tad-diżabilità, kard tad-diżabilità jew kwalunkwe dokument formali ieħor li jirrikonoxxi l-istatus ta' diżabilità tagħhom f'dak l-Istat Membru, għal kwalunkwe kundizzjoni speċjali jew trattament preferenzjali offrut fir-rigward tas-servizzi, l-attivitajiet u l-faċilitajiet imsemmija fl-Artikolu 2(1).	1. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li d-detenturi ta' Kard Ewropea tad-Diżabilità, waqt li jivvjaġġaw lejn jew iżuru Stat Membru differenti minn dak li tiegħu huma residenti, jingħataw aċċess fuq termini u kundizzjonijiet ugwali bħal dawk ipprovduti lil persuni b'diżabilità li huma detenturi ta' ċertifikat tad-diżabilità, kard tad-diżabilità jew kwalunkwe dokument formali ieħor li jirrikonoxxi l-istatus ta' diżabilità tagħhom f'dak l-Istat Membru, għal kwalunkwe kundizzjoni speċjali jew trattament preferenzjali offrut fir-rigward tas-servizzi, l-attivitajiet u l-faċilitajiet imsemmija fl-Artikolu 2(1) ***u 2(2a)***.

Or. en

Emenda 260
Rosa Estaràs Ferragut

Proposta għal direttiva
Artikolu 5 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	1a. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa biex jirrikonoxxu l-persuni kollha b'diżabilità li huma detenturi ta' Kard Ewropea tad-Diżabilità bħala protetti b'mod speċjali minn diskriminazzjoni abbażi ta' diżabilità, bid-dritt konsegwenti ta' aċċess fl-UE kollha għar-rimedji u l-mekkaniżmi pprovduti kontra l-ksur tad-drittijiet u n-nuqqas ta' trattament ugwali effettiv.

Or. en

Emenda 261
Jordi Cañas, Monica Semedo

Proposta għal direttiva
Artikolu 5 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	1a. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jirrikonoxxu lid-detenturi ta' Kard Ewropea tad-Diżabilità bħala persuni protetti minn diskriminazzjoni abbażi ta' diżabilità, u bħala tali, bħala persuni bid-dritt li jkollhom aċċess għar-riżorsi disponibbli u l-assistenza f'każijiet ta' ksur tad-drittijiet u n-nuqqas ta' trattament ugwali reali u effettiv.

Or. en

Emenda 262
Antonius Manders

Proposta għal direttiva
Artikolu 5 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li d-detenturi ta' Kard Ewropea għall-Parkeġġ għall-persuni b'diżabilità, waqt li jkunu qed jivvjaġġaw lejn ***jew*** iżuru Stat Membru differenti minn dak li tiegħu huma residenti, jingħataw aċċess għall-kundizzjonijiet u l-faċilitajiet tal-parkeġġ riżervati għall-persuni b'diżabilità fuq termini u kundizzjonijiet ugwali għal dawk previsti f'dak l-Istat Membru għad-detenturi ta' kards tal-parkeġġ maħruġa f'dak l-Istat Membru.	2. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li d-detenturi ta' Kard Ewropea għall-Parkeġġ għall-persuni b'diżabilità ***u għall-anzjani***, waqt li jkunu qed jivvjaġġaw lejn***,*** iżuru***, jgħixu, jaħdmu jew jistudjaw fi*** Stat Membru differenti minn dak li tiegħu huma residenti, jingħataw aċċess għall-kundizzjonijiet u l-faċilitajiet tal-parkeġġ riżervati għall-persuni b'diżabilità ***u għall-anzjani*** fuq termini u kundizzjonijiet ugwali għal dawk previsti f'dak l-Istat Membru għad-detenturi ta' kards tal-parkeġġ maħruġa f'dak l-Istat Membru.

Or. en

Emenda 263
Elena Lizzi, Antonio Maria Rinaldi, Paola Ghidoni

Proposta għal direttiva
Artikolu 5 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li d-detenturi ta' Kard Ewropea għall-Parkeġġ għall-persuni b'diżabilità, waqt li jkunu qed jivvjaġġaw lejn jew iżuru Stat Membru differenti minn dak li tiegħu huma residenti, jingħataw aċċess ***għall-kundizzjonijiet*** u l-faċilitajiet ***tal-parkeġġ*** riżervati għall-persuni b'diżabilità fuq termini u kundizzjonijiet ugwali għal dawk previsti f'dak l-Istat Membru għad-detenturi ta' kards tal-parkeġġ maħruġa f'dak l-Istat Membru.	2. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li d-detenturi ta' Kard Ewropea għall-Parkeġġ għall-persuni b'diżabilità, waqt li jkunu qed jivvjaġġaw lejn jew iżuru Stat Membru differenti minn dak li tiegħu huma residenti, jingħataw aċċess ***għal żoni ta' traffiku limitat u għall-parkeġġ u l-kundizzjonijiet*** u l-faċilitajiet ***speċifiċi rilevanti*** riżervati għall-persuni b'diżabilità fuq termini u kundizzjonijiet ugwali għal dawk previsti f'dak l-Istat Membru għad-detenturi ta' kards tal-parkeġġ maħruġa f'dak l-Istat Membru.

Or. en

Emenda 264
Jordi Cañas, Monica Semedo, Lucia Ďuriš Nicholsonová, Abir Al-Sahlani

Proposta għal direttiva
Artikolu 5 – paragrafu 3 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) meta l-kundizzjonijiet speċjali jew it-trattament preferenzjali msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu jinkludu kundizzjonijiet favorevoli għall-persuna/i li jakkumpanjawhom jew li jgħinuhom inklużi assistent(i) personali jew kundizzjonijiet speċifiċi għall-annimali tal-għajnuna, dawn il-kundizzjonijiet favorevoli jew speċifiċi jingħataw fuq termini u kundizzjonijiet ugwali lill-persuna/i li jakkumpanjawhom jew li jgħinuhom, inklużi l-assistent(i) personali jew l-annimali ta' għajnuna tad-detentur ta' Kard Ewropea tad-Diżabilità;	(a) meta l-kundizzjonijiet speċjali jew it-trattament preferenzjali msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu jinkludu kundizzjonijiet favorevoli għall-persuna/i li jakkumpanjawhom jew li jgħinuhom inklużi assistent(i) personali jew kundizzjonijiet speċifiċi għall-annimali tal-għajnuna, dawn il-kundizzjonijiet favorevoli jew speċifiċi jingħataw fuq termini u kundizzjonijiet ugwali lill-persuna/i li jakkumpanjawhom jew li jgħinuhom, inklużi l-assistent(i) personali jew ***il-klieb gwida jew*** l-annimali ta' għajnuna tad-detentur ta' Kard Ewropea tad-Diżabilità;

Or. en

Emenda 265
Antonius Manders

Proposta għal direttiva
Artikolu 5 – paragrafu 3 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) meta l-kundizzjonijiet speċjali jew it-trattament preferenzjali msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu jinkludu kundizzjonijiet favorevoli għall-persuna/i li jakkumpanjawhom jew li jgħinuhom inklużi assistent(i) personali jew kundizzjonijiet speċifiċi għall-annimali tal-għajnuna, dawn il-kundizzjonijiet favorevoli jew speċifiċi jingħataw fuq termini u kundizzjonijiet ugwali lill-persuna/i li jakkumpanjawhom jew li jgħinuhom, inklużi l-assistent(i) personali jew l-annimali ta' għajnuna tad-detentur ta' Kard Ewropea tad-Diżabilità;	(a) meta l-kundizzjonijiet speċjali jew it-trattament preferenzjali msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu jinkludu kundizzjonijiet favorevoli għall-persuna/i li jakkumpanjawhom jew li jgħinuhom inklużi assistent(i) personali jew kundizzjonijiet speċifiċi għall-annimali tal-għajnuna, dawn il-kundizzjonijiet favorevoli jew speċifiċi jingħataw fuq termini u kundizzjonijiet ugwali lill-persuna/i li jakkumpanjawhom jew li jgħinuhom, inklużi l-assistent(i) personali jew l-annimali ta' għajnuna tad-detentur ta' Kard Ewropea tad-Diżabilità ***u tal-Anzjani***;

Or. en

Emenda 266
Rosa Estaràs Ferragut

Proposta għal direttiva
Artikolu 5 – paragrafu 3 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(a) meta l-kundizzjonijiet speċjali jew it-trattament preferenzjali msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu jinkludu kundizzjonijiet favorevoli għall-persuna/i li jakkumpanjawhom jew li jgħinuhom inklużi assistent(i) personali jew kundizzjonijiet speċifiċi għall-annimali tal-għajnuna, dawn il-kundizzjonijiet favorevoli jew speċifiċi jingħataw fuq	(a) meta l-kundizzjonijiet speċjali jew it-trattament preferenzjali msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu jinkludu kundizzjonijiet favorevoli għall-persuna/i li jakkumpanjawhom jew li jgħinuhom inklużi assistent(i) personali jew kundizzjonijiet speċifiċi għall-annimali tal-għajnuna, dawn il-kundizzjonijiet favorevoli jew speċifiċi jingħataw fuq

termini u kundizzjonijiet ugwali lill-persuna/i li jakkumpanjawhom jew li jgħinuhom, inklużi l-assistent(i) personali jew ***l-annimali*** ta' għajnuna tad-detentur ta' Kard Ewropea tad-Diżabilità;	termini u kundizzjonijiet ugwali lill-persuna/i li jakkumpanjawhom jew li jgħinuhom, inklużi l-assistent(i) personali jew ***il-klieb gwida u*** ta' għajnuna tad-detentur ta' Kard Ewropea tad-Diżabilità;

Or. en

Emenda 267
Monica Semedo

Proposta għal direttiva
Artikolu 5 – paragrafu 3 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) ***meta l-kundizzjonijiet*** u l-faċilitajiet tal-parkeġġ imsemmija fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu ***jinkludu kundizzjonijiet favorevoli għall-persuna(i)*** li jakkumpanjawhom jew li jgħinuhom, inklużi l-assistent(i) personali***, dawn il-kundizzjonijiet favorevoli jingħataw fuq termini u kundizzjonijiet ugwali lill-persuna/i li jakkumpanjawhom jew li jgħinuhom, inklużi l-assistent(i) personali tad-detentur tal-Kard Ewropea għall-Parkeġġ għall-persuni b'diżabilità.***	(b) ***il-kundizzjonijiet*** u l-faċilitajiet tal-parkeġġ imsemmija fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu ***japplikaw għall-persuna/i*** li jakkumpanjawhom jew li jgħinuhom, inklużi l-assistent(i) personali

Or. en

Emenda 268
Elena Lizzi, Antonio Maria Rinaldi, Paola Ghidoni

Proposta għal direttiva
Artikolu 5 – paragrafu 3 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) meta l-kundizzjonijiet u ***l-faċilitajiet*** tal-parkeġġ imsemmija fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu jinkludu kundizzjonijiet favorevoli ***għall-persuna(i)*** li jakkumpanjawhom jew li jgħinuhom, inklużi l-assistent(i) personali, dawn il-	(b) meta l-kundizzjonijiet ***li jikkonċernaw l-aċċess għal żoni ta' traffiku limitat*** u ***l-użu ta' faċilitajiet*** tal-parkeġġ imsemmija fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu jinkludu kundizzjonijiet favorevoli ***għall-persuna/i*** li

kundizzjonijiet favorevoli jingħataw fuq termini u kundizzjonijiet ugwali lill-persuna/i li jakkumpanjawhom jew li jgħinuhom, inklużi l-assistent(i) personali tad-detentur tal-Kard Ewropea għall-Parkeġġ għall-persuni b'diżabilità.	jakkumpanjawhom jew li jgħinuhom, inklużi l-assistent(i) personali, dawn il-kundizzjonijiet favorevoli jingħataw fuq termini u kundizzjonijiet ugwali lill-persuna/i li jakkumpanjawhom jew li jgħinuhom, inklużi l-assistent(i) personali tad-detentur tal-Kard Ewropea għall-Parkeġġ għall-persuni b'diżabilità.

Or. en

Emenda 269
Rosa Estaràs Ferragut

Proposta għal direttiva
Artikolu 5 – paragrafu 3 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) meta l-kundizzjonijiet u l-faċilitajiet tal-parkeġġ imsemmija fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu jinkludu kundizzjonijiet favorevoli ***għall-persuna(i)*** li jakkumpanjawhom jew li jgħinuhom, inklużi l-assistent(i) personali, dawn il-kundizzjonijiet favorevoli jingħataw fuq termini u kundizzjonijiet ugwali lill-persuna/i li jakkumpanjawhom jew li jgħinuhom, inklużi l-assistent(i) personali tad-detentur tal-Kard Ewropea għall-Parkeġġ għall-persuni b'diżabilità.	(b) meta l-kundizzjonijiet u l-faċilitajiet tal-parkeġġ imsemmija fil-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu jinkludu kundizzjonijiet favorevoli ***għall-persuna/i*** li jakkumpanjawhom jew li jgħinuhom, inklużi l-assistent(i) personali, dawn il-kundizzjonijiet favorevoli jingħataw fuq termini u kundizzjonijiet ugwali lill-persuna/i li jakkumpanjawhom jew li jgħinuhom, inklużi l-assistent(i) personali tad-detentur tal-Kard Ewropea għall-Parkeġġ għall-persuni b'diżabilità***, dment li d-detentur tal-kard ikun fil-vettura***.

Or. en

Emenda 270
Antonius Manders

Proposta għal direttiva
Artikolu 5 – paragrafu 3 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
(b) meta l-kundizzjonijiet u l-faċilitajiet tal-parkeġġ imsemmija fil-paragrafu 2 ta'	(b) meta l-kundizzjonijiet u l-faċilitajiet tal-parkeġġ imsemmija fil-paragrafu 2 ta'

dan l-Artikolu jinkludu kundizzjonijiet favorevoli ***għall-persuna(i)*** li jakkumpanjawhom jew li jgħinuhom, inklużi l-assistent(i) personali, dawn il-kundizzjonijiet favorevoli jingħataw fuq termini u kundizzjonijiet ugwali lill-persuna/i li jakkumpanjawhom jew li jgħinuhom, inklużi l-assistent(i) personali tad-detentur tal-Kard Ewropea għall-Parkeġġ għall-persuni b'diżabilità.	dan l-Artikolu jinkludu kundizzjonijiet favorevoli ***għall-persuna/i*** li jakkumpanjawhom jew li jgħinuhom, inklużi l-assistent(i) personali, dawn il-kundizzjonijiet favorevoli jingħataw fuq termini u kundizzjonijiet ugwali lill-persuna/i li jakkumpanjawhom jew li jgħinuhom, inklużi l-assistent(i) personali tad-detentur tal-Kard Ewropea għall-Parkeġġ għall-persuni b'diżabilità ***u għall-anzjani***.
	Or. en

Emenda 271
Rosa Estaràs Ferragut

Proposta għal direttiva
Artikolu 5 – paragrafu 3a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	3a. Il-fornituri ta' servizzi għandhom jikkonformaw mal-obbligi u l-miżuri li ġejjin:
	(a) Il-fornituri tas' servizzi huma obbligati jirrikonoxxu lid-detenturi tal-Kard Ewropea tad-Diżabilità bħala persuni li huma protetti b'mod speċjali minn diskriminazzjoni abbażi ta' diżabilità billi jiggarantulhom id-dritt ta' aċċess fl-UE kollha għar-rimedji u l-mekkaniżmi disponibbli għalihom kontra l-ksur tad-drittijiet tagħhom.
	(b) Il-fornituri ta' servizzi għandhom jiżguraw li jipprovdu s-servizzi f'konformità mar-rekwiżiti ta' aċċessibbiltà stabbiliti f'din id-Direttiva.
	(c) Il-fornituri ta' servizzi għandhom jipproduċu l-informazzjoni meħtieġa f'konformità mal-Anness I u jispjegaw kif is-servizzi tagħhom jikkonformaw mar-rekwiżiti ta' aċċessibbiltà applikabbli. L-informazzjoni għandha ssir disponibbli għall-pubbliku f'forma li tkun aċċessibbli b'mod universali għall-persuni kollha

	b'diżabilità.
	(d) Fil-każ ta' nonkonformità, il-forniturі ta' servizzi għandhom jieħdu l-miżuri korrettivi meħtieġa biex iġibu s-servizz f'konformità mar-rekwiżiti ta' aċċessibbiltà universali applikabbli.

Or. en

Emenda 272
Antonius Manders

Proposta għal direttiva
Kapitolu II – titolu

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
II IL-KARD EWROPEA TAD-DIŻABILITÀ U L-KARD EWROPEA GĦALL-PARKEĠĠ GĦALL-PERSUNI B'DIŻABILITÀ	II IL-KARD EWROPEA TAD-DIŻABILITÀ ***U TAL-ANZJANI*** U L-KARD EWROPEA GĦALL-PARKEĠĠ GĦALL-PERSUNI B'DIŻABILITÀ ***U GĦALL-ANZJANI***

Or. en

Emenda 273
Antonius Manders

Proposta għal direttiva
Artikolu 6 – titolu

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Il-format, ir-rikonoxximent reċiproku, il-ħruġ u l-validità tal-Kard Ewropea tad-Diżabilità	Il-format, ir-rikonoxximent reċiproku, il-ħruġ u l-validità tal-Kard Ewropea tad-Diżabilità ***u tal-Anzjani***

Or. en

Emenda 274
Elena Lizzi, Antonio Maria Rinaldi, Paola Ghidoni

Proposta għal direttiva

Artikolu 6 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Kull Stat Membru għandu jintroduċi l-Kard Ewropea tad-Diżabilità skont il-format standardizzat komuni stabbilit fl-Anness I. L-Istati Membri għandhom jintroduċu karatteristiċi diġitali f'kards fiżiċi bl-użu ta' mezzi elettroniċi li jindirizzaw il-prevenzjoni tal-frodi bħala parti mill-Kard Ewropea tad-Diżabilità, hekk kif ir-rekwiżiti li jikkonċernaw il-karatteristiċi diġitali msemmija fl-Anness I jiġu stabbiliti mill-Kummissjoni fl-ispeċifikazzjonijiet tekniċi msemmija fl-Artikolu 8. Il-mezz ta' ħżin diġitali ma għandux ikun fih aktar data personali mid-data prevista għall-Kard Ewropea tad-Diżabilità fl-Anness I.	1. Kull Stat Membru għandu jintroduċi l-Kard Ewropea tad-Diżabilità skont il-format standardizzat komuni stabbilit fl-Anness I. L-Istati Membri għandhom jintroduċu karatteristiċi diġitali f'kards fiżiċi bl-użu ta' mezzi elettroniċi li jindirizzaw il-prevenzjoni tal-frodi bħala parti mill-Kard Ewropea tad-Diżabilità, hekk kif ir-rekwiżiti li jikkonċernaw il-karatteristiċi diġitali msemmija fl-Anness I jiġu stabbiliti mill-Kummissjoni fl-ispeċifikazzjonijiet tekniċi msemmija fl-Artikolu 8. Il-mezz ta' ħżin diġitali ma għandux ikun fih aktar data personali mid-data prevista għall-Kard Ewropea tad-Diżabilità fl-Anness I. ***Fuq in-NAĦA TA' WARA tal-kard, l-Istati Membri għandhom idaħħlu mezzi diġitali li jippermettu, f'konformità mar-regolamenti nazzjonali, limitati fit-territorju nazzjonali u għaċ-ċittadini tal-pajjiż li jkun ħareġ id-dokument biss, il-wiri ta' informazzjoni addizzjonali u aktar speċifika relatata mal-istatus tad-diżabilità tad-detentur tal-kard. Din l-informazzjoni, li hija aċċessibbli permezz ta' għodda kompjuterizzata mal-preżentazzjoni tan-NAĦA TA' WARA tal-kard fiżika li jkollha l-karatteristika diġitali msemmija hawn fuq, trid tkun l-istess bħal dik murija fuq il-format diġitali tal-kard Ewropea tad-diżabilità. L-Istati Membri għandhom imbagħad idaħħlu fuq in-NAĦA TA' WARA tal-kard il-mezzi diġitali xierqa biex jippermettu, f'konformità mar-regolamenti nazzjonali, li tiġi vverifikata l-validità tal-kard permezz ta' infrastruttura diġitali, li taħdem fl-Istati Membri kollha, li l-karatteristiċi tagħha jiġu speċifikati aktar tard mill-Kummissjoni.***

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-Istati Membri kollha għandhom jużaw mezz diġitali (bħall-kodiċi QR) li għandu jitwaħħal man-NAĦA TA' WARA tal-kard, li jippermetti verifika immedjata ta' informazzjoni addizzjonali relatata mal-kundizzjoni tad-diżabilità. Il-possibbiltà li jiġi kkonsultat il-kodiċi QR għandha tkun limitata fl-istat li joħroġ il-Kard Ewropea tad-Diżabilità u għaċ-ċittadini ta' dak il-pajjiż biss, sabiex jiġu limitati l-problemi bl-interkonnessjonijiet tal-bażijiet tad-data nazzjonali u l-protezzjoni tad-data personali. Minflok, il-kapaċità li jintuża l-kodiċi QR biex tiġi ċċekkjata biss il-validità tal-kard għandha tkun possibbiltà transfruntiera għall-Istati Membri kollha.

Emenda 275
João Albuquerque, Daniela Rondinelli, Marc Angel, Milan Brglez, Agnes Jongerius, Aurore Lalucq, Elisabetta Gualmini, Klára Dobrev, Marianne Vind, Vilija Blinkevičiūtė, Alex Agius Saliba, Brando Benifei, Ilan De Basso, Alicia Homs Ginel, Carina Ohlsson, Estrella Durá Ferrandis

Proposta għal direttiva
Artikolu 6 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Kull Stat Membru għandu jintroduċi l-Kard Ewropea tad-Diżabilità skont il-format standardizzat komuni ***stabbilit*** fl-Anness I. L-Istati Membri għandhom jintroduċu karatteristiċi diġitali f'kards fiżiċi bl-użu ta' mezzi elettroniċi li jindirizzaw il-prevenzjoni tal-frodi bħala parti mill-Kard Ewropea tad-Diżabilità, hekk kif ir-rekwiżiti li jikkonċernaw il-karatteristiċi diġitali msemmija fl-Anness I jiġu stabbiliti mill-Kummissjoni fl-ispeċifikazzjonijiet tekniċi msemmija fl-Artikolu 8. Il-mezz ta' ħżin diġitali ma għandux ikun fih aktar data personali mid-data prevista għall-Kard Ewropea tad-Diżabilità fl-Anness I.	1. Kull Stat Membru għandu jintroduċi l-Kard Ewropea tad-Diżabilità skont il-format standardizzat komuni ***u r-rekwiżiti tal-aċċessibbiltà universali stabbiliti*** fl-Anness I. ***L-Istati Membri għandhom jipprovdu l-għażla lill-persuni b'diżabilità, meta japplikaw għall-kard mal-awtoritajiet rilevanti, li juru l-akkomodazzjoni raġonevoli meħtieġa tagħhom permezz tas-simboli rilevanti fuq il-Kard.*** L-Istati Membri għandhom jintroduċu karatteristiċi diġitali f'kards fiżiċi bl-użu ta' mezzi elettroniċi li jindirizzaw il-prevenzjoni tal-frodi bħala parti mill-Kard Ewropea tad-Diżabilità, hekk kif ir-rekwiżiti li jikkonċernaw il-karatteristiċi diġitali msemmija fl-Anness I jiġu stabbiliti mill-Kummissjoni fl-ispeċifikazzjonijiet tekniċi msemmija fl-Artikolu 8. Il-mezz ta' ħżin diġitali ma għandux ikun fih aktar data personali mid-data prevista għall-Kard Ewropea tad-Diżabilità fl-Anness I.

Or. en

Emenda 276
Antonius Manders

Proposta għal direttiva
Artikolu 6 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Kull Stat Membru għandu jintroduċi l-Kard Ewropea tad-Diżabilità skont il-format standardizzat komuni stabbilit fl-Anness I. L-Istati Membri għandhom jintroduċu karatteristiċi diġitali f'kards fiżiċi bl-użu ta' mezzi elettroniċi li jindirizzaw il-prevenzjoni tal-frodi bħala parti mill-Kard Ewropea tad-Diżabilità, hekk kif ir-rekwiżiti li jikkonċernaw il-karatteristiċi diġitali msemmija fl-Anness I jiġu stabbiliti mill-Kummissjoni fl-ispeċifikazzjonijiet tekniċi msemmija fl-Artikolu 8. Il-mezz ta' ħżin diġitali ma għandux ikun fih aktar data personali mid-data prevista għall-Kard Ewropea tad-Diżabilità fl-Anness I.	1. Kull Stat Membru għandu jintroduċi l-Kard Ewropea tad-Diżabilità ***u tal-Anzjani*** skont il-format standardizzat komuni stabbilit fl-Anness I. L-Istati Membri għandhom jintroduċu karatteristiċi diġitali f'kards fiżiċi bl-użu ta' mezzi elettroniċi li jindirizzaw il-prevenzjoni tal-frodi bħala parti mill-Kard Ewropea tad-Diżabilità ***u tal-Anzjani***, hekk kif ir-rekwiżiti li jikkonċernaw il-karatteristiċi diġitali msemmija fl-Anness I jiġu stabbiliti mill-Kummissjoni fl-ispeċifikazzjonijiet tekniċi msemmija fl-Artikolu 8. Il-mezz ta' ħżin diġitali ma għandux ikun fih aktar data personali mid-data prevista għall-Kard Ewropea tad-Diżabilità ***u tal-Anzjani*** fl-Anness I.

Or. en

Emenda 277
Jordi Cañas, Monica Semedo, Lucia Ďuriš Nicholsonová, Abir Al-Sahlani

Proposta għal direttiva
Artikolu 6 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Kull Stat Membru għandu jintroduċi l-Kard Ewropea tad-Diżabilità skont il-format standardizzat komuni stabbilit fl-Anness I. L-Istati Membri għandhom jintroduċu karatteristiċi diġitali f'kards fiżiċi bl-użu ta' mezzi elettroniċi li jindirizzaw il-prevenzjoni tal-frodi bħala parti mill-Kard Ewropea tad-Diżabilità, hekk kif ir-rekwiżiti li jikkonċernaw il-	1. Kull Stat Membru għandu jintroduċi l-Kard Ewropea tad-Diżabilità skont il-format standardizzat komuni ***u aċċessibbli fuq livell universali*** stabbilit fl-Anness I. L-Istati Membri għandhom jintroduċu karatteristiċi diġitali f'kards fiżiċi bl-użu ta' mezzi elettroniċi li jindirizzaw il-prevenzjoni tal-frodi bħala parti mill-Kard Ewropea tad-Diżabilità,

karatteristiċi diġitali msemmija fl-Anness I jiġu stabbiliti mill-Kummissjoni fl-ispeċifikazzjonijiet tekniċi msemmija fl-Artikolu 8. Il-mezz ta' ħżin diġitali ma għandux ikun fih aktar data personali mid-data prevista għall-Kard Ewropea tad-Diżabilità fl-Anness I.

hekk kif ir-rekwiżiti li jikkonċernaw il-karatteristiċi diġitali msemmija fl-Anness I jiġu stabbiliti mill-Kummissjoni fl-ispeċifikazzjonijiet tekniċi msemmija fl-Artikolu 8. Il-mezz ta' ħżin diġitali ma għandux ikun fih aktar data personali mid-data prevista għall-Kard Ewropea tad-Diżabilità fl-Anness I.

Or. en

Emenda 278
Jeroen Lenaers

Proposta għal direttiva
Artikolu 6 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Il-Kards Ewropej tad-Diżabilità maħruġa mill-Istati Membri għandhom jiġu rikonoxxuti b'mod reċiproku fl-Istati Membri kollha.	2. Il-Kards Ewropej tad-Diżabilità maħruġa mill-Istati Membri għandhom jiġu rikonoxxuti b'mod reċiproku fl-Istati Membri kollha. ***Meta detentur ta' Kard Ewropea tad-diżabilità jittrasferixxi ruħu fi Stat Membru ieħor, dak l-Istat Membru, unilateralment jew abbażi ta' ftehimiet bilaterali, jista' jiddeċiedi li jirrikonoxxi l-Kard Ewropea tad-Diżabilità maħruġa minn Stat Membru ieħor, u awtomatikament joħroġ Kard Ewropea tad-Diżabilità f'konformità mal-proċeduri nazzjonali, mingħajr investigazzjoni ulterjuri. L-Anness (x) jelenka l-Istati Membri li fuq bażi reċiproka jew unilateralment jadottaw il-kard tad-diżabilità ta' xulxin mingħajr investigazzjoni ulterjuri.***

Or. en

Emenda 279
Elena Lizzi, Antonio Maria Rinaldi, Paola Ghidoni

Proposta għal direttiva
Artikolu 6 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Il-Kards Ewropej tad-Diżabilità maħruġa mill-Istati Membri għandhom jiġu rikonoxxuti b'mod reċiproku fl-Istati Membri kollha.	2. Il-Kards Ewropej tad-Diżabilità maħruġa mill-Istati Membri għandhom jiġu rikonoxxuti b'mod reċiproku fl-Istati Membri kollha. ***L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li l-preżentazzjoni tal-Kard Ewropea tad-Diżabilità teżenta lid-detentur mill-preżentazzjoni ta' ċertifikazzjoni oħra li tiċċertifika l-istatus tad-diżabilità.***

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-għan huwa li jissaħħaħ il-prinċipju tar-rikonoxximent reċiproku tal-istatus tad-diżabilità.

Emenda 280
Rosa Estaràs Ferragut

Proposta għal direttiva
Artikolu 6 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Il-Kards Ewropej tad-Diżabilità maħruġa mill-Istati Membri għandhom jiġu rikonoxxuti b'mod reċiproku fl-Istati Membri kollha.	2. Il-Kards Ewropej tad-Diżabilità maħruġa mill-Istati Membri għandhom jiġu rikonoxxuti b'mod reċiproku fl-Istati Membri kollha ***u quddiem l-istituzzjonijiet tal-UE***. ***Il-Kard Ewropea tad-Diżabilità tkun kompatibbli ma' kwalunkwe kard jew ċertifikat nazzjonali ta' rikonoxximent tad-diżabilità.***

Or. en

Emenda 281
Jordi Cañas, Monica Semedo, Lucia Ďuriš Nicholsonová, Abir Al-Sahlani

Proposta għal direttiva

Artikolu 6 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Il-Kards Ewropej tad-Diżabilità maħruġa mill-Istati Membri għandhom jiġu rikonoxxuti b'mod reċiproku fl-Istati Membri kollha.	2. Il-Kards Ewropej tad-Diżabilità maħruġa mill-Istati Membri għandhom ***jinħarġu u jiġġeddu mingħajr ħlas,*** jiġu rikonoxxuti b'mod reċiproku fl-Istati Membri kollha ***u jkunu kompatibbli maċ-ċertifikati jew mal-kards nazzjonali***.

Or. en

Emenda 282
Antonius Manders

Proposta għal direttiva
Artikolu 6 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Il-Kards Ewropej tad-Diżabilità maħruġa mill-Istati Membri għandhom jiġu rikonoxxuti b'mod reċiproku fl-Istati Membri kollha.	2. Il-Kards Ewropej tad-Diżabilità ***u tal-Anzjani*** maħruġa mill-Istati Membri għandhom jiġu rikonoxxuti b'mod reċiproku fl-Istati Membri kollha.

Or. en

Emenda 283
Miriam Lexmann

Proposta għal direttiva
Artikolu 6 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Il-Kards Ewropej tad-Diżabilità maħruġa ***mill-Istati Membri*** għandhom jiġu rikonoxxuti b'mod reċiproku fl-Istati Membri kollha.	2. Il-Kards Ewropej tad-Diżabilità maħruġa ***minn Stat Membru wieħed*** għandhom jiġu rikonoxxuti b'mod reċiproku fl-Istati Membri kollha.

Or. en

Emenda 284
Katrin Langensiepen

Proposta għal direttiva
Artikolu 6 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. L-awtoritajiet kompetenti fl-Istati Membri għandhom joħorġu, iġeddu jew jirtiraw il-Kard Ewropea tad-Diżabilità f'konformità mar-regoli, il-proċeduri u l-prattiki nazzjonali tagħhom. Mingħajr preġudizzju għar-Regolament (UE) 2016/679, l-Istati Membri għandhom jiżguraw is-sigurtà, l-integrità, l-awtenticità u l-kunfidenzjalità tad-data miġbura u maħżuna għall-fini ta' dan ir-Regolament. L-awtorità kompetenti responsabbli għall-ħruġ tal-Kard Ewropea tad-Diżabilità għandha titqies bħala l-kontrollur imsemmi fl-Artikolu 4(7) tar-Regolament (UE) 2016/679 u għandu jkollha r-responsabbiltà għall-ipproċessar ta' data personali. Il-kooperazzjoni mal-fornituri tas-servizzi esterni ma għandha teskludi l-ebda responsabbiltà min-naħa ta' Stat Membru li tista' tirriżulta taħt id-dritt tal-Unjoni jew dak nazzjonali dwar ksur ta' obbligi fir-rigward tad-data personali.	3. L-awtoritajiet kompetenti fl-Istati Membri għandhom joħorġu, iġeddu jew jirtiraw il-Kard Ewropea tad-Diżabilità f'konformità mar-regoli, il-proċeduri u l-prattiki nazzjonali tagħhom. ***Tali proċeduri għandhom ikunu mingħajr ħlas għad-detentur tal-kard.*** Mingħajr preġudizzju għar-Regolament (UE) 2016/679, l-Istati Membri għandhom jiżguraw is-sigurtà, l-integrità, l-awtenticità u l-kunfidenzjalità tad-data miġbura u maħżuna għall-fini ta' dan ir-Regolament. L-awtorità kompetenti responsabbli għall-ħruġ tal-Kard Ewropea tad-Diżabilità għandha titqies bħala l-kontrollur imsemmi fl-Artikolu 4(7) tar-Regolament (UE) 2016/679 u għandu jkollha r-responsabbiltà għall-ipproċessar ta' data personali. Il-kooperazzjoni mal-fornituri tas-servizzi esterni ma għandha teskludi l-ebda responsabbiltà min-naħa ta' Stat Membru li tista' tirriżulta taħt id-dritt tal-Unjoni jew dak nazzjonali dwar ksur ta' obbligi fir-rigward tad-data personali.

Or. en

Emenda 285
Antonius Manders

Proposta għal direttiva
Artikolu 6 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. L-awtoritajiet kompetenti fl-Istati Membri għandhom joħorġu, iġeddu jew jirtiraw il-Kard Ewropea tad-Diżabilità f'konformità mar-regoli, il-proċeduri u l-prattiki nazzjonali tagħhom. Mingħajr	3. L-awtoritajiet kompetenti fl-Istati Membri għandhom joħorġu, iġeddu jew jirtiraw il-Kard Ewropea tad-Diżabilità ***u tal-Anzjani*** f'konformità mar-regoli, il-proċeduri u l-prattiki nazzjonali tagħhom.

preġudizzju għar-Regolament (UE) 2016/679, l-Istati Membri għandhom jiżguraw is-sigurtà, l-integrità, l-awtentiċità u l-kunfidenzjalità tad-data miġbura u maħżuna għall-fini ta' dan ir-Regolament. L-awtorità kompetenti responsabbli għall-ħruġ tal-Kard Ewropea tad-Diżabilità għandha titqies bħala l-kontrollur imsemmi fl-Artikolu 4(7) tar-Regolament (UE) 2016/679 u għandu jkollha r-responsabbiltà għall-ipproċessar ta' data personali. Il-kooperazzjoni mal-fornituri tas-servizzi esterni ma għandha teskludi l-ebda responsabbiltà min-naħa ta' Stat Membru li tista' tirriżulta taħt id-dritt tal-Unjoni jew dak nazzjonali dwar ksur ta' obbligi fir-rigward tad-data personali.	Mingħajr preġudizzju għar-Regolament (UE) 2016/679, l-Istati Membri għandhom jiżguraw is-sigurtà, l-integrità, l-awtentiċità u l-kunfidenzjalità tad-data miġbura u maħżuna għall-fini ta' dan ir-Regolament. L-awtorità kompetenti responsabbli għall-ħruġ tal-Kard Ewropea tad-Diżabilità ***u tal-Anzjani*** għandha titqies bħala l-kontrollur imsemmi fl-Artikolu 4(7) tar-Regolament (UE) 2016/679 u għandu jkollha r-responsabbiltà għall-ipproċessar ta' data personali. Il-kooperazzjoni mal-fornituri tas-servizzi esterni ma għandha teskludi l-ebda responsabbiltà min-naħa ta' Stat Membru li tista' tirriżulta taħt id-dritt tal-Unjoni jew dak nazzjonali dwar ksur ta' obbligi fir-rigward tad-data personali.
	Or. en

Emenda 286
José Gusmão

Proposta għal direttiva
Artikolu 6 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Il-Kard Ewropea tad-Diżabilità għandha tinħareġ jew tiġġedded mill-Istat Membru ta' residenza direttament jew wara applikazzjoni mill-persuna b'diżabilità. Din għandha tinħareġ u tiġġedded fl-istess perjodu stabbilit fil-leġiżlazzjoni nazzjonali applikabbli għall-ħruġ ta' ċertifikati ta' diżabilità, kards ta' diżabilità jew kwalunkwe dokument formali ieħor li jirrikonoxxi l-istatus ta' diżabilità ta' persuna b'diżabilità.	4. Il-Kard Ewropea tad-Diżabilità għandha tinħareġ jew tiġġedded mill-Istat Membru ta' residenza direttament ***jekk din tkun il-proċedura skont ir-rikonoxximent nazzjonali tad-diżabilità,*** jew wara applikazzjoni mill-persuna b'diżabilità. Din għandha tinħareġ u tiġġedded ***totalment mingħajr ħlas għall-benefiċjarju u*** fl-istess perjodu stabbilit fil-leġiżlazzjoni nazzjonali applikabbli għall-ħruġ ta' ċertifikati ta' diżabilità, kards ta' diżabilità jew kwalunkwe dokument formali ieħor li jirrikonoxxi l-istatus ta' diżabilità ta' persuna b'diżabilità. ***Il-kard qatt ma għandha tkun meħtieġa bħala prova ta' diżabilità fil-kuntest ta' drittijiet stabbiliti f'leġiżlazzjoni oħra tal-Unjoni.***
	Or. en

Emenda 287
João Albuquerque, Daniela Rondinelli, Marc Angel, Milan Brglez, Agnes Jongerius, Aurore Lalucq, Elisabetta Gualmini, Klára Dobrev, Marianne Vind, Vilija Blinkevičiūtė, Alex Agius Saliba, Brando Benifei, Ilan De Basso, Alicia Homs Ginel, Carina Ohlsson, Estrella Durá Ferrandis

Proposta għal direttiva
Artikolu 6 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Il-Kard Ewropea tad-Diżabilità għandha tinħareġ jew tiġġedded mill-Istat Membru ta' residenza direttament jew wara applikazzjoni mill-persuna b'diżabilità. Din għandha tinħareġ u tiġġedded ***fl-istess perjodu*** stabbilit fil-leġiżlazzjoni nazzjonali applikabbli għall-ħruġ ta' ċertifikati ta' diżabilità, kards ta' diżabilità jew kwalunkwe dokument formali ieħor li jirrikonoxxi l-istatus ta' diżabilità ta' persuna b'diżabilità.	4. Il-Kard Ewropea tad-Diżabilità għandha tinħareġ jew tiġġedded mill-Istat Membru ta' residenza direttament ***meta diġà previst fil-proċedura nazzjonali ta' valutazzjoni u rikonoxximent tad-diżabilità,*** jew wara applikazzjoni mill-persuna b'diżabilità. Din għandha tinħareġ u tiġġedded ***mingħajr ħlas għall-benefiċjarju u f'perjodu raġonevoli mid-data tal-applikazzjoni li ma għandux jaqbeż is-60 jum jew il-perjodu*** stabbilit fil-leġiżlazzjoni nazzjonali applikabbli għall-ħruġ ta' ċertifikati ta' diżabilità, kards ta' diżabilità jew kwalunkwe dokument formali ieħor li jirrikonoxxi l-istatus ta' diżabilità ta' persuna b'diżabilità***, liema minnhom ikun l-iqsar***.

Or. en

Emenda 288
Miriam Lexmann

Proposta għal direttiva
Artikolu 6 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Il-Kard Ewropea tad-Diżabilità għandha tinħareġ jew tiġġedded mill-Istat Membru ta' residenza direttament jew wara applikazzjoni mill-persuna b'diżabilità. Din għandha tinħareġ u tiġġedded fl-istess perjodu stabbilit fil-leġiżlazzjoni nazzjonali	4. Il-Kard Ewropea tad-Diżabilità għandha tinħareġ jew tiġġedded mill-Istat Membru ta' residenza ***f'konformità mal-leġiżlazzjoni u mal-proċeduri nazzjonali applikabbli jew*** direttament jew wara applikazzjoni mill-persuna b'diżabilità. ***Il-***

applikabbli għall-ħruġ ta' ċertifikati ta' diżabilità, kards ta' diżabilità jew kwalunkwe dokument formali ieħor li jirrikonoxxi l-istatus ta' diżabilità ta' persuna b'diżabilità.	***persuni b'diżabilità jenħtieġ li jkunu infurmati kif xieraq dwar il-possibbiltà li japplikaw għal din il-kard jekk ma tinħarigx direttament.*** Din għandha tinħareġ u tiġġedded ***mingħajr ħlas għall-benefiċjarju u*** fl-istess perjodu stabbilit fil-leġiżlazzjoni nazzjonali applikabbli għall-ħruġ ta' ċertifikati ta' diżabilità, kards ta' diżabilità jew kwalunkwe dokument formali ieħor li jirrikonoxxi l-istatus ta' diżabilità ta' persuna b'diżabilità.
	Or. en

Emenda 289
Chiara Gemma

Proposta għal direttiva
Artikolu 6 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Il-Kard Ewropea tad-Diżabilità għandha tinħareġ jew tiġġedded mill-Istat Membru ta' residenza direttament jew wara applikazzjoni mill-persuna b'diżabilità. Din għandha tinħareġ u tiġġedded fl-istess perjodu stabbilit fil-leġiżlazzjoni nazzjonali applikabbli għall-ħruġ ta' ċertifikati ta' diżabilità, kards ta' diżabilità jew kwalunkwe dokument formali ieħor li jirrikonoxxi l-istatus ta' diżabilità ta' persuna b'diżabilità.	4. Il-Kard Ewropea tad-Diżabilità għandha tinħareġ jew tiġġedded mill-Istat Membru ta' residenza direttament ***jekk din tkun il-proċedura skont ir-rikonoxximent nazzjonali tad-diżabilità,*** jew wara applikazzjoni mill-persuna b'diżabilità. Din għandha tinħareġ u tiġġedded ***mingħajr ħlas għall-benefiċjarju u*** fl-istess perjodu stabbilit fil-leġiżlazzjoni nazzjonali applikabbli għall-ħruġ ta' ċertifikati ta' diżabilità, kards ta' diżabilità jew kwalunkwe dokument formali ieħor li jirrikonoxxi l-istatus ta' diżabilità ta' persuna b'diżabilità. ***Il-kard qatt ma għandha tkun meħtieġa bħala prova ta' diżabilità fil-kuntest ta' drittijiet stabbiliti f'leġiżlazzjoni oħra tal-Unjoni.***
	Or. en

Emenda 290
Jarosław Duda

Proposta għal direttiva
Artikolu 6 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Il-Kard Ewropea tad-Diżabilità għandha tinħareġ jew tiġġedded mill-Istat Membru ta' residenza direttament jew wara applikazzjoni mill-persuna b'diżabilità. Din għandha tinħareġ u tiġġedded fl-istess perjodu stabbilit fil-leġiżlazzjoni nazzjonali applikabbli għall-ħruġ ta' ċertifikati ta' diżabilità, kards ta' diżabilità jew kwalunkwe dokument formali ieħor li jirrikonoxxi l-istatus ta' diżabilità ta' persuna b'diżabilità.	4. Il-Kard Ewropea tad-Diżabilità għandha tinħareġ jew tiġġedded mill-Istat Membru ta' residenza direttament ***jekk din tkun il-proċedura skont ir-rikonoxximent nazzjonali tad-diżabilità,*** jew wara applikazzjoni mill-persuna b'diżabilità. Din għandha tinħareġ u tiġġedded ***mingħajr ħlas għall-benefiċjarju u*** fl-istess perjodu stabbilit fil-leġiżlazzjoni nazzjonali applikabbli għall-ħruġ ta' ċertifikati ta' diżabilità, kards ta' diżabilità jew kwalunkwe dokument formali ieħor li jirrikonoxxi l-istatus ta' diżabilità ta' persuna b'diżabilità. ***Il-kard qatt ma għandha tkun meħtieġa bħala prova ta' diżabilità fil-kuntest ta' drittijiet stabbiliti f'leġiżlazzjoni oħra tal-Unjoni.***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Għandu jkun volontarju li wieħed isir detentur tal-Kard Ewropea tad-Diżabilità biex tiġi evitata l-istigmatizzazzjoni. Qatt ma għandu jkun obbligu li l-Kard tintwera bħala prova ta' diżabilità għal servizzi li jingħataw f'leġiżlazzjoni oħra tal-Unjoni, bħad-dritt għall-assistenza fl-ajruporti skont ir-Regolament 1107/2006[1]. Għandha tkun ukoll mingħajr ħlas sabiex dik l-ispiża ma tkunx ostaklu addizzjonali biex wieħed japplika għall-Kard.[1] https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=celex%3A32006R1107, aċċessat fid-19 ta' Ottubru 2023

Emenda 291
Rosa Estaràs Ferragut

Proposta għal direttiva
Artikolu 6 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Il-Kard Ewropea tad-Diżabilità għandha tinħareġ jew tiġġedded mill-Istat Membru ta' residenza ***direttament jew*** wara applikazzjoni mill-persuna	4. Il-Kard Ewropea tad-Diżabilità għandha tinħareġ jew tiġġedded mill-Istat Membru ta' residenza wara applikazzjoni mill-persuna b'diżabilità. Din għandha

b'diżabilità. Din għandha tinħareġ u tiġġedded fl-istess perjodu stabbilit fil-leġiżlazzjoni nazzjonali applikabbli għall-ħruġ ta' ċertifikati ta' diżabilità, kards ta' diżabilità jew kwalunkwe dokument formali ieħor li jirrikonoxxi l-istatus ta' diżabilità ta' persuna b'diżabilità.	tinħareġ u tiġġedded fl-istess perjodu stabbilit fil-leġiżlazzjoni nazzjonali applikabbli għall-ħruġ ta' ċertifikati ta' diżabilità, kards ta' diżabilità jew kwalunkwe dokument formali ieħor li jirrikonoxxi l-istatus ta' diżabilità ta' persuna b'diżabilità. ***F'każ ta' bidla fil-pajjiż tar-residenza, il-perjodu ta' tiġdid jista' jiġi estiż b'6 sa 8 xhur.***

Or. en

Emenda 292
Jordi Cañas, Monica Semedo

Proposta għal direttiva
Artikolu 6 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Il-Kard Ewropea tad-Diżabilità għandha tinħareġ jew tiġġedded mill-Istat Membru ta' residenza ***direttament*** jew wara applikazzjoni mill-persuna b'diżabilità. Din għandha tinħareġ u tiġġedded fl-istess perjodu stabbilit fil-leġiżlazzjoni nazzjonali applikabbli għall-ħruġ ta' ċertifikati ta' diżabilità, kards ta' diżabilità jew kwalunkwe dokument formali ieħor li jirrikonoxxi l-istatus ta' diżabilità ta' persuna b'diżabilità.	4. Il-Kard Ewropea tad-Diżabilità għandha tinħareġ jew tiġġedded mill-Istat Membru ta' residenza jew wara applikazzjoni mill-persuna b'diżabilità. Din għandha tinħareġ u tiġġedded fl-istess perjodu stabbilit fil-leġiżlazzjoni nazzjonali applikabbli għall-ħruġ ta' ċertifikati ta' diżabilità, kards ta' diżabilità jew kwalunkwe dokument formali ieħor li jirrikonoxxi l-istatus ta' diżabilità ta' persuna b'diżabilità. ***F'każ ta' bidla fil-pajjiż tar-residenza, il-perjodu ta' tiġdid tal-kard jista' jiġi estiż minn 6 għal 8 xhur.***

Or. en

Emenda 293
Cindy Franssen, David Casa

Proposta għal direttiva
Artikolu 6 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*

4. Il-Kard Ewropea tad-Diżabilità għandha tinħareġ jew tiġġedded mill-Istat Membru ta' residenza direttament jew wara applikazzjoni mill-persuna b'diżabilità. Din għandha tinħareġ u tiġġedded ***fl-istess perjodu*** stabbilit fil-leġiżlazzjoni nazzjonali applikabbli għall-ħruġ ta' ċertifikati ta' diżabilità, kards ta' diżabilità jew kwalunkwe dokument formali ieħor li jirrikonoxxi l-istatus ta' diżabilità ta' persuna b'diżabilità.	4. Il-Kard Ewropea tad-Diżabilità għandha tinħareġ jew tiġġedded mill-Istat Membru ta' residenza direttament jew wara applikazzjoni mill-persuna b'diżabilità. Din għandha tinħareġ u tiġġedded ***mingħajr ħlas għall-benefiċjarju u f'perjodu raġonevoli mid-data tal-applikazzjoni*** stabbilit fil-leġiżlazzjoni nazzjonali applikabbli għall-ħruġ ta' ċertifikati ta' diżabilità, kards ta' diżabilità jew kwalunkwe dokument formali ieħor li jirrikonoxxi l-istatus ta' diżabilità ta' persuna b'diżabilità.

Or. en

Emenda 294
Antonius Manders

Proposta għal direttiva
Artikolu 6 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Il-Kard Ewropea tad-Diżabilità għandha tinħareġ jew tiġġedded mill-Istat Membru ta' residenza direttament jew wara applikazzjoni mill-persuna b'diżabilità. Din għandha tinħareġ u tiġġedded fl-istess perjodu stabbilit fil-leġiżlazzjoni nazzjonali applikabbli għall-ħruġ ta' ċertifikati ta' diżabilità, kards ta' diżabilità jew kwalunkwe dokument formali ieħor li jirrikonoxxi l-istatus ta' diżabilità ta' persuna b'diżabilità.	4. Il-Kard Ewropea tad-Diżabilità ***u tal-Anzjani*** għandha tinħareġ jew tiġġedded mill-Istat Membru ta' residenza direttament jew wara applikazzjoni mill-persuna b'diżabilità ***u mill-anzjani***. Din għandha tinħareġ u tiġġedded fl-istess perjodu stabbilit fil-leġiżlazzjoni nazzjonali applikabbli għall-ħruġ ta' ċertifikati ta' diżabilità, kards ta' diżabilità***, kards tal-anzjani*** jew kwalunkwe dokument formali ieħor li jirrikonoxxi l-istatus ta' diżabilità ta' persuna b'diżabilità ***u ta' anzjani***.

Or. en

Emenda 295
Elena Lizzi, Antonio Maria Rinaldi, Paola Ghidoni

Proposta għal direttiva
Artikolu 6 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Il-Kard Ewropea tad-Diżabilità għandha tinħareġ jew tiġġedded mill-Istat Membru ta' residenza direttament jew wara applikazzjoni mill-persuna b'diżabilità. Din għandha tinħareġ u tiġġedded fl-istess perjodu stabbilit fil-leġiżlazzjoni nazzjonali applikabbli għall-ħruġ ta' ċertifikati ta' diżabilità, kards ta' diżabilità jew kwalunkwe dokument formali ieħor li jirrikonoxxi l-istatus ta' diżabilità ta' persuna b'diżabilità.	4. Il-Kard Ewropea tad-Diżabilità għandha tinħareġ jew tiġġedded mill-Istat Membru ta' residenza direttament jew wara applikazzjoni mill-persuna b'diżabilità ***jew fuq applikazzjoni mill-persuna b'diżabilità jew minn persuna delegata, skont id-dritt nazzjonali***. Din għandha tinħareġ u tiġġedded fl-istess perjodu stabbilit fil-leġiżlazzjoni nazzjonali applikabbli għall-ħruġ ta' ċertifikati ta' diżabilità, kards ta' diżabilità jew kwalunkwe dokument formali ieħor li jirrikonoxxi l-istatus ta' diżabilità ta' persuna b'diżabilità.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Din l-emenda tal-proposta hija ffinalizzata biex tippermetti lill-persuna b'diżabilità titlob il-Kard Ewropea tad-Diżabilità minn persuna tal-għażla tagħha skont id-dritt nazzjonali, minħabba li jista' jkun hemm ostakli għall-aċċessibbiltà li jagħmluha impossibbli għaliha li tagħmel dan.

Emenda 296
Loucas Fourlas, Stelios Kympouropoulos

Proposta għal direttiva
Artikolu 6 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Il-Kard Ewropea tad-Diżabilità għandha tinħareġ jew tiġġedded mill-Istat Membru ta' residenza direttament jew wara applikazzjoni mill-persuna b'diżabilità. Din għandha tinħareġ u tiġġedded fl-istess perjodu stabbilit fil-leġiżlazzjoni nazzjonali applikabbli għall-ħruġ ta' ċertifikati ta' diżabilità, kards ta' diżabilità jew kwalunkwe dokument formali ieħor li jirrikonoxxi l-istatus ta' diżabilità ta' persuna b'diżabilità.	4. Il-Kard Ewropea tad-Diżabilità għandha tinħareġ jew tiġġedded mill-Istat Membru ta' residenza direttament jew wara applikazzjoni mill-persuna b'diżabilità. Din għandha tinħareġ u tiġġedded ***u tiġi pprovduta mingħajr ħlas għall-benefiċjarju,*** fl-istess perjodu stabbilit fil-leġiżlazzjoni nazzjonali applikabbli għall-ħruġ ta' ċertifikati ta' diżabilità, kards ta' diżabilità jew kwalunkwe dokument formali ieħor li jirrikonoxxi l-istatus ta' diżabilità ta' persuna b'diżabilità.

Or. en

Emenda 297
João Albuquerque, Daniela Rondinelli, Marc Angel, Milan Brglez, Agnes Jongerius, Aurore Lalucq, Elisabetta Gualmini, Klára Dobrev, Marianne Vind, Vilija Blinkevičiūtė, Alex Agius Saliba, Brando Benifei, Ilan De Basso, Alicia Homs Ginel, Carina Ohlsson, Estrella Durá Ferrandis

Proposta għal direttiva
Artikolu 6 – paragrafu 4a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	4a. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-persuni b'diżabilità, jew ir-rappreżentanti maħtura li jaġixxu f'isimhom u bl-approvazzjoni tagħhom jew tal-gwardjan(i) legali tagħhom, jistgħu jappellaw deċiżjoni mill-awtoritajiet kompetenti dwar il-ħruġ, it-tiġdid jew l-irtirar ta' Kard Ewropea tad-Diżabilità.

Or. en

Emenda 298
Maria Walsh

Proposta għal direttiva
Artikolu 6 – paragrafu 4a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	4 a. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li l-finanzjament tal-UE jappoġġa l-produzzjoni u l-implimentazzjoni tal-Kard Ewropea tad-Diżabilità.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Ma għandu jkun hemm l-ebda piż finanzjarju fuq l-Istat Membru jew il-persuna bħala ostaklu għall-produzzjoni u l-implimentazzjoni tal-kard.

Emenda 299
Katrin Langensiepen

Proposta għal direttiva
Artikolu 6 – paragrafu 4a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	4 a. L-Istati Membri għandhom jużaw in-naħa ta' wara tal-kard biex juru informazzjoni dwar it-tip ta' assistenza li jeħtieġ id-detentur tal-kard.

Or. en

Emenda 300
Antonius Manders

Proposta għal direttiva
Artikolu 6 – paragrafu 4a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	4a. L-ispejjeż tal-Kard Ewropea tad-Diżabilità u tal-Anzjani għad-detenturi tal-kard għandhom ikunu ugwali fl-Istati Membri kollha.

Or. en

Emenda 301
Antonius Manders

Proposta għal direttiva
Artikolu 6 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. Il-Kard Ewropea tad-Diżabilità għandha tinħareġ bħala kard fiżika u għandha tiġi kkomplementata minn format diġitali mal-adozzjoni tal-atti delegati msemmija fil-paragrafu 7. Il-persuni b'diżabilità għandhom jingħataw l-għażla li jużaw jew il-kard diġitali jew dik fiżika,	5. Il-Kard Ewropea tad-Diżabilità ***u tal-Anzjani*** għandha tinħareġ bħala kard fiżika u għandha tiġi kkomplementata minn format diġitali mal-adozzjoni tal-atti delegati msemmija fil-paragrafu 7. Il-persuni b'diżabilità ***u l-anzjani*** għandhom jingħataw l-għażla li jużaw jew il-kard

jew it-tnejn li huma.	diġitali jew dik fiżika, jew it-tnejn li huma.

Or. en

Emenda 302
Miriam Lexmann

Proposta għal direttiva
Artikolu 6 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. Il-Kard Ewropea tad-Diżabilità għandha tinħareġ bħala kard fiżika u għandha tiġi kkomplementata minn format diġitali mal-adozzjoni tal-atti delegati msemmija fil-paragrafu 7. Il-persuni b'diżabilità għandhom jingħataw l-għażla li jużaw jew il-kard diġitali jew dik fiżika, jew it-tnejn li huma.	5. Il-Kard Ewropea tad-Diżabilità għandha tinħareġ bħala kard fiżika u għandha tiġi kkomplementata minn format diġitali mal-adozzjoni tal-atti delegati msemmija fil-paragrafu 7. Il-persuni b'diżabilità għandhom jingħataw l-għażla li jużaw***, fuq bażi ugwali,*** jew il-kard diġitali jew dik fiżika, jew it-tnejn li huma.

Or. en

Emenda 303
Rosa Estaràs Ferragut

Proposta għal direttiva
Artikolu 6 – paragrafu 5a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	5a. Il-Kard Ewropea tad-Diżabilità tinħareġ (l-ewwel ħruġ u dawk sussegwenti) mingħajr ħlas, bla ebda spiża għall-persuna li tapplika għaliha.

Or. en

Emenda 304
Jordi Cañas, Monica Semedo

Proposta għal direttiva
Artikolu 6 – paragrafu 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
6. Il-validità tal-Kard Ewropea tad-Diżabilità maħruġa minn Stat Membru għandha tkun tal-anqas għall-istess durata bħal dik taċ-ċertifikat tad-diżabilità, il-kard tad-diżabilità jew kwalunkwe dokument formali ieħor bl-itwal durata għar-rikonoxximent tal-istatus ta' diżabilità tagħhom maħruġ lill-persuna kkonċernata mill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru fit-territorju tiegħu.	6. Il-validità tal-Kard Ewropea tad-Diżabilità maħruġa minn Stat Membru għandha tkun tal-anqas għall-istess durata bħal dik taċ-ċertifikat tad-diżabilità, il-kard tad-diżabilità jew kwalunkwe dokument formali ieħor bl-itwal durata għar-rikonoxximent tal-istatus ta' diżabilità tagħhom maħruġ lill-persuna kkonċernata mill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru fit-territorju tiegħu. ***F'każ ta' bidla fil-pajjiż tar-residenza, il-perjodu ta' tiġdid tal-kard jista' jiġi estiż minn 6 għal 8 xhur.***

Or. en

Emenda 305
Rosa Estaràs Ferragut

Proposta għal direttiva
Artikolu 6 – paragrafu 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
6. Il-validità tal-Kard Ewropea tad-Diżabilità maħruġa minn Stat Membru għandha tkun tal-anqas għall-istess durata bħal dik taċ-ċertifikat tad-diżabilità, il-kard tad-diżabilità jew kwalunkwe dokument formali ieħor bl-itwal durata għar-rikonoxximent tal-istatus ta' diżabilità tagħhom maħruġ lill-persuna kkonċernata mill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru fit-territorju tiegħu.	6. Il-validità tal-Kard Ewropea tad-Diżabilità maħruġa minn Stat Membru għandha tkun tal-anqas għall-istess durata bħal dik taċ-ċertifikat tad-diżabilità, il-kard tad-diżabilità jew kwalunkwe dokument formali ieħor bl-itwal durata għar-rikonoxximent tal-istatus ta' diżabilità tagħhom maħruġ lill-persuna kkonċernata mill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru fit-territorju tiegħu. ***F'każ ta' bidla fil-pajjiż tar-residenza, il-perjodu ta' tiġdid jista' jiġi estiż b'6 sa 8 xhur.***

Or. en

Emenda 306
Elena Lizzi, Antonio Maria Rinaldi, Paola Ghidoni

Proposta għal direttiva
Artikolu 6 – paragrafu 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
6. Il-validità tal-Kard Ewropea tad-Diżabilità maħruġa minn Stat Membru ***għandha tkun tal-anqas għall-istess durata bħal dik taċ-ċertifikat tad-diżabilità, il-kard tad-diżabilità jew kwalunkwe dokument formali ieħor bl-itwal durata għar-rikonoxximent tal-istatus ta' diżabilità tagħhom maħruġ lill-persuna kkonċernata mill-awtorità kompetenti tal-Istat*** Membru ***fit-territorju tiegħu***.	6. Il-validità tal-Kard Ewropea tad-Diżabilità maħruġa minn Stat Membru ***hija stabbilita mill-Istat*** Membru ***individwali f'konformità mal-leġiżlazzjoni attwali***. ***Il-kards maħruġa saż-żmien tat-traspożizzjoni tad-Direttiva mill-pajjiżi li qed jipparteċipaw fil-proġett pilota, f'konformità mar-rekwiżiti applikabbli u bbażati fuq ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill 98/376 jibqgħu fis-seħħ sakemm jiskadu b'mod naturali.***

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-bidliet huma maħsuba biex inaqqsu l-ispejjeż tal-ħruġ mill-ġdid għall-Istati Membri li diġà bdew il-ħruġ tal-kards matul il-proġett pilota.

Emenda 307
Antonius Manders

Proposta għal direttiva
Artikolu 6 – paragrafu 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
6. Il-validità tal-Kard Ewropea tad-Diżabilità maħruġa minn Stat Membru għandha tkun tal-anqas għall-istess durata bħal dik taċ-ċertifikat tad-diżabilità, il-kard tad-diżabilità jew kwalunkwe dokument formali ieħor bl-itwal durata għar-rikonoxximent tal-istatus ta' diżabilità tagħhom maħruġ lill-persuna kkonċernata mill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru fit-territorju tiegħu.	6. Il-validità tal-Kard Ewropea tad-Diżabilità ***u tal-Anzjani*** maħruġa minn Stat Membru għandha tkun tal-anqas għall-istess durata bħal dik taċ-ċertifikat tad-diżabilità, il-kard tad-diżabilità***, il-kard tal-anzjani*** jew kwalunkwe dokument formali ieħor bl-itwal durata għar-rikonoxximent tal-istatus ta' diżabilità tagħhom maħruġ lill-persuna kkonċernata mill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru fit-territorju tiegħu.

Or. en

Emenda 308
Maria Walsh

Proposta għal direttiva
Artikolu 6 – paragrafu 6a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	6a. Id-detenturi tal-Kard Ewropea tad-Diżabilità għandhom ikunu jistgħu jaċċessaw l-appoġġ meħtieġ għall-persuni b'diżabilità matul il-perjodu ta' tranżizzjoni ta' trasferiment f'pajjiż ieħor biex jistudjaw jew jaħdmu sakemm id-diżabilità tagħhom tkun ġiet iċċertifikata mill-pajjiż il-ġdid ta' residenza tagħhom.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Attwalment il-persuni b'diżabilità li jirrilokaw fl-Ewropa spiss jiffaċċjaw diffikultajiet serji biex jivvjaġġaw u jirrilokaw. Huwa meħtieġ li jiġi żgurat aċċess għall-benefiċċji u għal servizzi speċifiċi għad-diżabilità bħal assistenza personali, appoġġ għall-akkomodazzjoni jew akkomodazzjonijiet raġonevoli fl-edukazzjoni jew fuq ix-xogħol.

Emenda 309
Elena Lizzi, Antonio Maria Rinaldi, Paola Ghidoni

Proposta għal direttiva
Artikolu 6 – paragrafu 7

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
7. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 11 biex tissupplimenta din id-Direttiva sabiex tistabbilixxi l-format diġitali tal-Kard Ewropea tad-Diżabilità u tiżgura l-interoperabbiltà, u li temenda l-Anness I sabiex jiġu mmodifikati l-karatteristiċi komuni tal-format standardizzat, jiġi adattat il-format għall-iżviluppi tekniċi, jiġu introdotti karatteristiċi diġitali sabiex jiġu evitati l-falsifikazzjoni u l-frodi, jiġi indirizzat l-abbuż jew l-użu ħażin u tiġi żgurata l-	7. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 11 biex tissupplimenta din id-Direttiva sabiex tistabbilixxi l-format diġitali tal-Kard Ewropea tad-Diżabilità u tiżgura l-interoperabbiltà, u li temenda l-Anness I sabiex jiġu mmodifikati l-karatteristiċi komuni tal-format standardizzat, jiġi adattat il-format għall-iżviluppi tekniċi, jiġu introdotti karatteristiċi diġitali sabiex jiġu evitati l-falsifikazzjoni u l-frodi, jiġi indirizzat l-abbuż jew l-użu ħażin u tiġi żgurata l-

interoperabbiltà.	interoperabbiltà. ***Il-format diġitali tal-Kard Ewropea tad-Diżabilità għandu jiġi żviluppat fil-forma ta' attribut iċċertifikat u integrat fi ħdan proġetti nazzjonali ta' portafoll elettroniku mmirati biex jidħlu fil-proġett Kartiera tal-EUDI.***

Or. en

Emenda 310
João Albuquerque, Daniela Rondinelli, Marc Angel, Milan Brglez, Agnes Jongerius, Aurore Lalucq, Elisabetta Gualmini, Klára Dobrev, Marianne Vind, Vilija Blinkevičiūtė, Alex Agius Saliba, Brando Benifei, Ilan De Basso, Alicia Homs Ginel, Carina Ohlsson, Estrella Durá Ferrandis

Proposta għal direttiva
Artikolu 6 – paragrafu 7

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
7. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 11 biex tissupplimenta din id-Direttiva sabiex tistabbilixxi l-format diġitali tal-Kard Ewropea tad-Diżabilità u tiżgura l-interoperabbiltà, u li temenda l-Anness I sabiex jiġu mmodifikati l-karatteristiċi komuni tal-format standardizzat, jiġi adattat il-format għall-iżviluppi tekniċi, jiġu introdotti karatteristiċi diġitali sabiex jiġu evitati l-falsifikazzjoni u l-frodi, jiġi indirizzat l-abbuż jew l-użu ħażin u tiġi żgurata l-interoperabbiltà.	7. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 11 biex tissupplimenta din id-Direttiva sabiex tistabbilixxi l-format diġitali tal-Kard Ewropea tad-Diżabilità u tiżgura l-interoperabbiltà, u li temenda l-Anness I sabiex jiġu mmodifikati l-karatteristiċi komuni tal-format standardizzat, jiġi adattat il-format għall-iżviluppi tekniċi, jiġu introdotti karatteristiċi diġitali sabiex jiġu evitati l-falsifikazzjoni u l-frodi, jiġi indirizzat l-abbuż jew l-użu ħażin u tiġi żgurata ***l-aċċessibbiltà u*** l-interoperabbiltà.

Or. en

Emenda 311
Antonius Manders

Proposta għal direttiva
Artikolu 6 – paragrafu 7

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*

7. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 11 biex tissupplimenta din id-Direttiva sabiex tistabbilixxi l-format diġitali tal-Kard Ewropea tad-Diżabilità u tiżgura l-interoperabbiltà, u li temenda l-Anness I sabiex jiġu mmodifikati l-karatteristiċi komuni tal-format standardizzat, jiġi adattat il-format għall-iżviluppi tekniċi, jiġu introdotti karatteristiċi diġitali sabiex jiġu evitati l-falsifikazzjoni u l-frodi, jiġi indirizzat l-abbuż jew l-użu ħażin u tiġi żgurata l-interoperabbiltà.	7. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 11 biex tissupplimenta din id-Direttiva sabiex tistabbilixxi l-format diġitali tal-Kard Ewropea tad-Diżabilità ***u tal-Anzjani*** u tiżgura l-interoperabbiltà, u li temenda l-Anness I sabiex jiġu mmodifikati l-karatteristiċi komuni tal-format standardizzat, jiġi adattat il-format għall-iżviluppi tekniċi, jiġu introdotti karatteristiċi diġitali sabiex jiġu evitati l-falsifikazzjoni u l-frodi, jiġi indirizzat l-abbuż jew l-użu ħażin u tiġi żgurata l-interoperabbiltà.

Or. en

Emenda 312
Rosa Estaràs Ferragut

Proposta għal direttiva
Artikolu 6 – paragrafu 7 – punt 1 (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(1) L-aċċessibbiltà universali għandha tiġi żgurata matul il-proċess kollu relatat mal-format, ir-rikonoxximent reċiproku, il-ħruġ u l-validità tal-Kard Ewropea tad-Diżabilità.

Or. en

Emenda 313
Rosa Estaràs Ferragut

Proposta għal direttiva
Artikolu 6 – paragrafu 7 – punt 2 (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(2) F'każ li l-istess persuna b'diżabilità jkollha kemm il-Kard Ewropea tad-Diżabilità kif ukoll il-Kard għall-Parkeġġ, se jiġu stabbiliti formuli

flessibbli u sempliċi li jippermettu l-istess appoġġ materjali u/jew diġitali, sabiex jiġu evitati pożijiet amministrattivi bla bżonn.

Or. en

Emenda 314
José Gusmão

Proposta għal direttiva
Artikolu 6 – paragrafu 7a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	7a. Il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi bażi tad-data disponibbli għall-pubbliku li jkun fiha informazzjoni rilevanti relatata mar-regoli, il-kundizzjonijiet u l-ispazji tal-parkeġġ applikabbli kif definiti fuq livell lokali, reġjonali jew nazzjonali. Il-bażi tad-data għandha tkun disponibbli bil-lingwi kollha tal-UE.

Or. en

Emenda 315
José Gusmão

Proposta għal direttiva
Artikolu 6 – paragrafu 7b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	7b. L-Istati Membri għandhom jinkoraġġixxu lill-awtoritajiet pubbliċi jtellgħu l-informazzjoni rilevanti fil-bażi tad-data.

Or. en

Emenda 316

Antonius Manders

Proposta għal direttiva
Artikolu 7 – titolu

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Il-format, ir-rikonoxximent reċiproku, il-ħruġ u l-validità tal-Kard Ewropea għall-Parkeġġ għall-persuni b'diżabilità	Il-format, ir-rikonoxximent reċiproku, il-ħruġ u l-validità tal-Kard Ewropea għall-Parkeġġ għall-persuni b'diżabilità ***u għall-anzjani***

Or. en

Emenda 317
Antonius Manders

Proposta għal direttiva
Artikolu 7 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Kull Stat Membru għandu jintroduċi l-Kard Ewropea għall-Parkeġġ għall-persuni b'diżabilità skont il-format standardizzat komuni stabbilit fl-Anness II. L-Istati Membri għandhom jintroduċu karatteristiċi diġitali f'kards fiżiċi bl-użu ta' mezzi elettroniċi li jindirizzaw il-prevenzjoni tal-frodi bħala parti mill-Kard Ewropea għall-Parkeġġ għall-persuni b'diżabilità, hekk kif ir-rekwiżiti li jikkonċernaw il-karatteristiċi diġitali msemmija fl-Anness II jiġu stabbiliti mill-Kummissjoni fl-ispeċifikazzjonijiet tekniċi msemmija fl-Artikolu 8. Il-mezz ta' ħżin diġitali ma għandux ikun fih aktar data personali mid-data prevista għall-Kard Ewropea tad-Diżabilità fl-Anness II.	1. Kull Stat Membru għandu jintroduċi l-Kard Ewropea għall-Parkeġġ għall-persuni b'diżabilità ***u għall-anzjani*** skont il-format standardizzat komuni stabbilit fl-Anness II. L-Istati Membri għandhom jintroduċu karatteristiċi diġitali f'kards fiżiċi bl-użu ta' mezzi elettroniċi li jindirizzaw il-prevenzjoni tal-frodi bħala parti mill-Kard Ewropea għall-Parkeġġ għall-persuni b'diżabilità ***u għall-anzjani***, hekk kif ir-rekwiżiti li jikkonċernaw il-karatteristiċi diġitali msemmija fl-Anness II jiġu stabbiliti mill-Kummissjoni fl-ispeċifikazzjonijiet tekniċi msemmija fl-Artikolu 8. Il-mezz ta' ħżin diġitali ma għandux ikun fih aktar data personali mid-data prevista għall-Kard Ewropea tad-Diżabilità ***u tal-Anzjani*** fl-Anness II.

Or. en

Emenda 318
Chiara Gemma

Proposta għal direttiva
Artikolu 7 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	1a. Il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi bażi tad-data disponibbli għall-pubbliku li jkun fiha informazzjoni rilevanti relatata mar-regoli, il-kundizzjonijiet u l-ispazji tal-parkeġġ applikabbli kif definiti fuq livell lokali, reġjonali jew nazzjonali. Il-bażi tad-data għandha tkun disponibbli bil-lingwi kollha tal-UE. L-Istati Membri għandhom jinkoraġġixxu lill-awtoritajiet pubbliċi jtellgħu l-informazzjoni rilevanti fil-bażi tad-data.

Or. en

Emenda 319
Maria Walsh

Proposta għal direttiva
Artikolu 7 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Il-Kards Ewropej għall-Parkeġġ għall-persuni b'diżabilità maħruġa mill-Istati Membri għandhom jiġu rikonoxxuti b'mod reċiproku fl-Istati Membri kollha.	2. Il-Kards Ewropej għall-Parkeġġ għall-persuni b'diżabilità maħruġa mill-Istati Membri għandhom jiġu rikonoxxuti b'mod reċiproku fl-Istati Membri kollha ***u matul il-perjodu ta' tranżizzjoni ta' ċaqliq minn pajjiż għall-ieħor biex jistudjaw jew jaħdmu***.

Or. en

Emenda 320
Antonius Manders

Proposta għal direttiva
Artikolu 7 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Il-Kards Ewropej għall-Parkeġġ għall-persuni b'diżabilità maħruġa mill-Istati Membri għandhom jiġu rikonoxxuti b'mod reċiproku fl-Istati Membri kollha.	2. Il-Kards Ewropej għall-Parkeġġ għall-persuni b'diżabilità ***u għall-anzjani*** maħruġa mill-Istati Membri għandhom jiġu rikonoxxuti b'mod reċiproku fl-Istati Membri kollha.

Or. en

Emenda 321
Miriam Lexmann

Proposta għal direttiva
Artikolu 7 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. Il-Kards Ewropej għall-Parkeġġ għall-persuni b'diżabilità maħruġa ***mill-Istati Membri*** għandhom jiġu rikonoxxuti b'mod reċiproku fl-Istati Membri kollha.	2. Il-Kards Ewropej għall-Parkeġġ għall-persuni b'diżabilità maħruġa ***minn Stat Membru wieħed*** għandhom jiġu rikonoxxuti b'mod reċiproku fl-Istati Membri kollha.

Or. en

Emenda 322
Katrin Langensiepen

Proposta għal direttiva
Artikolu 7 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. L-awtoritajiet kompetenti fl-Istati Membri għandhom joħorġu, iġeddu jew jirtiraw il-Kard Ewropea għall-Parkeġġ għall-persuni b'diżabilità f'konformità mar-regoli, il-proċeduri u l-prattiki nazzjonali tagħhom. Mingħajr preġudizzju għar-Regolament (UE) 2016/679, l-Istati Membri għandhom jiżguraw is-sigurtà, l-awtenticità u l-kunfidenzjalità tad-data personali miġbura u maħżuna għall-fini ta' dan ir-Regolament. L-awtorità kompetenti	3. L-awtoritajiet kompetenti fl-Istati Membri għandhom joħorġu, iġeddu jew jirtiraw il-Kard Ewropea għall-Parkeġġ għall-persuni b'diżabilità f'konformità mar-regoli, il-proċeduri u l-prattiki nazzjonali tagħhom. ***Tali proċeduri għandhom ikunu mingħajr ħlas għad-detentur tal-kard.*** Mingħajr preġudizzju għar-Regolament (UE) 2016/679, l-Istati Membri għandhom jiżguraw is-sigurtà, l-awtenticità u l-kunfidenzjalità tad-data

responsabbli għall-ħruġ tal-Kard Ewropea għall-Parkeġġ għall-persuni b'diżabilità għandha titqies bħala l-kontrollur imsemmi fl-Artikolu 4(7) tar-Regolament (UE) 2016/679 u għandu jkollha r-responsabbiltà għall-ipproċessar ta' data personali. Il-kooperazzjoni mal-fornituri tas-servizzi esterni ma għandha teskludi l-ebda responsabbiltà min-naħa ta' Stat Membru li tista' tirriżulta taħt id-dritt tal-Unjoni jew dak nazzjonali dwar ksur ta' obbligi fir-rigward tad-data personali.	personali miġbura u maħżuna għall-fini ta' dan ir-Regolament. L-awtorità kompetenti responsabbli għall-ħruġ tal-Kard Ewropea għall-Parkeġġ għall-persuni b'diżabilità għandha titqies bħala l-kontrollur imsemmi fl-Artikolu 4(7) tar-Regolament (UE) 2016/679 u għandu jkollha r-responsabbiltà għall-ipproċessar ta' data personali. Il-kooperazzjoni mal-fornituri tas-servizzi esterni ma għandha teskludi l-ebda responsabbiltà min-naħa ta' Stat Membru li tista' tirriżulta taħt id-dritt tal-Unjoni jew dak nazzjonali dwar ksur ta' obbligi fir-rigward tad-data personali.
	Or. en

Emenda 323
Antonius Manders

Proposta għal direttiva
Artikolu 7 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
3. L-awtoritajiet kompetenti fl-Istati Membri għandhom joħorġu, iġeddu jew jirtiraw il-Kard Ewropea għall-Parkeġġ għall-persuni b'diżabilità f'konformità mar-regoli, il-proċeduri u l-prattiki nazzjonali tagħhom. Mingħajr preġudizzju għar-Regolament (UE) 2016/679, l-Istati Membri għandhom jiżguraw is-sigurtà, l-awtentiċità u l-kunfidenzjalità tad-data personali miġbura u maħżuna għall-fini ta' dan ir-Regolament. L-awtorità kompetenti responsabbli għall-ħruġ tal-Kard Ewropea għall-Parkeġġ għall-persuni b'diżabilità għandha titqies bħala l-kontrollur imsemmi fl-Artikolu 4(7) tar-Regolament (UE) 2016/679 u għandu jkollha r-responsabbiltà għall-ipproċessar ta' data personali. Il-kooperazzjoni mal-fornituri tas-servizzi esterni ma għandha teskludi l-ebda responsabbiltà min-naħa ta' Stat Membru li tista' tirriżulta taħt id-dritt tal-Unjoni jew dak nazzjonali dwar ksur ta'	3. L-awtoritajiet kompetenti fl-Istati Membri għandhom joħorġu, iġeddu jew jirtiraw il-Kard Ewropea għall-Parkeġġ għall-persuni b'diżabilità ***u għall-anzjani*** f'konformità mar-regoli, il-proċeduri u l-prattiki nazzjonali tagħhom. Mingħajr preġudizzju għar-Regolament (UE) 2016/679, l-Istati Membri għandhom jiżguraw is-sigurtà, l-awtentiċità u l-kunfidenzjalità tad-data personali miġbura u maħżuna għall-fini ta' dan ir-Regolament. L-awtorità kompetenti responsabbli għall-ħruġ tal-Kard Ewropea għall-Parkeġġ għall-persuni b'diżabilità ***u għall-anzjani*** għandha titqies bħala l-kontrollur imsemmi fl-Artikolu 4(7) tar-Regolament (UE) 2016/679 u għandu jkollha r-responsabbiltà għall-ipproċessar ta' data personali. Il-kooperazzjoni mal-fornituri tas-servizzi esterni ma għandha teskludi l-ebda responsabbiltà min-naħa ta' Stat Membru li tista' tirriżulta taħt id-dritt

obbligi fir-rigward tad-data personali.

tal-Unjoni jew dak nazzjonali dwar ksur ta' obbligi fir-rigward tad-data personali.

Or. en

Emenda 324
Rosa Estaràs Ferragut

Proposta għal direttiva
Artikolu 7 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Il-Kard Ewropea għall-Parkeġġ għall-persuni b'diżabilità għandha tinħareġ jew tiġġedded mill-Istat Membru ta' residenza wara applikazzjoni mill-persuna b'diżabilità. ***Din għandha tinħareġ jew tiġġedded f'perjodu raġonevoli mid-data*** tal-applikazzjoni li ***ma għandux jaqbeż is-60 jum***.	4. Il-Kard Ewropea għall-Parkeġġ għall-persuni b'diżabilità għandha tinħareġ jew tiġġedded mill-Istat Membru ta' residenza wara applikazzjoni mill-persuna b'diżabilità. ***Il-preżentazzjoni*** tal-applikazzjoni ***għat-tiġdid tal-kard għall-parkeġġ fil-perjodu previst fir-regolamenti tal-Istat applikabbli, testendi l-validità tal-kard maħruġa qabel sas-soluzzjoni tal-proċedura. Fil-każ li l-applikazzjoni tiġi sottomessa fi żmien disgħin jum kalendarju wara d-data*** li ***fiha l-validità tal-aħħar kard maħruġa tkun skadiet, ikun mifhum li l-validità tal-kard se tkompli tkun valida sakemm tiġi riżolta l-proċedura ta' tiġdid korrispondenti***.

Or. en

Emenda 325
Elena Lizzi, Antonio Maria Rinaldi, Paola Ghidoni

Proposta għal direttiva
Artikolu 7 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Il-Kard Ewropea għall-Parkeġġ għall-persuni b'diżabilità għandha tinħareġ jew tiġġedded mill-Istat Membru ta' residenza wara applikazzjoni mill-persuna b'diżabilità. Din għandha tinħareġ jew	4. Il-Kard Ewropea għall-Parkeġġ għall-persuni b'diżabilità għandha tinħareġ jew tiġġedded mill-Istat Membru ta' residenza wara applikazzjoni mill-persuna b'diżabilità ***jew minn persuna delegata,***

tiġġedded f'perjodu raġonevoli mid-data tal-applikazzjoni li ma għandux jaqbeż is-60 jum.	***skont id-dritt nazzjonali***. Din għandha tinħareġ jew tiġġedded f'perjodu raġonevoli mid-data tal-applikazzjoni li ma għandux jaqbeż is-60 jum. ***Il-validità tal-Kard hija ugwali għaċ-ċertifikazzjoni tal-kundizzjoni ta' diżabilità, il-kard ta' diżabilità jew kwalunkwe dokument formali ieħor li jirrikonoxxi l-istatus ta' diżabilità ta' persuna b'diżabilità.***

Or. en

Emenda 326
João Albuquerque, Daniela Rondinelli, Marc Angel, Milan Brglez, Agnes Jongerius, Aurore Lalucq, Elisabetta Gualmini, Klára Dobrev, Marianne Vind, Vilija Blinkevičiūtė, Alex Agius Saliba, Brando Benifei, Ilan De Basso, Alicia Homs Ginel, Carina Ohlsson, Estrella Durá Ferrandis

Proposta għal direttiva
Artikolu 7 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Il-Kard Ewropea għall-Parkeġġ għall-persuni b'diżabilità għandha tinħareġ jew tiġġedded mill-Istat Membru ta' residenza wara applikazzjoni mill-persuna b'diżabilità. Din għandha tinħareġ jew tiġġedded f'perjodu raġonevoli mid-data tal-applikazzjoni li ma għandux jaqbeż is-60 jum.	4. Il-Kard Ewropea għall-Parkeġġ għall-persuni b'diżabilità għandha tinħareġ jew tiġġedded mill-Istat Membru ta' residenza wara applikazzjoni mill-persuna b'diżabilità. Din għandha tinħareġ jew tiġġedded ***mingħajr ħlas għall-benefiċjarju u*** f'perjodu raġonevoli mid-data tal-applikazzjoni li ma għandux jaqbeż is-60 jum.

Or. en

Emenda 327
Cindy Franssen, David Casa

Proposta għal direttiva
Artikolu 7 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Il-Kard Ewropea għall-Parkeġġ għall-persuni b'diżabilità għandha tinħareġ	4. Il-Kard Ewropea għall-Parkeġġ għall-persuni b'diżabilità għandha tinħareġ

jew tiġġedded mill-Istat Membru ta' residenza wara applikazzjoni mill-persuna b'diżabilità. Din għandha tinħareġ jew tiġġedded f'perjodu raġonevoli mid-data tal-applikazzjoni li ma għandux jaqbeż is-60 jum.	jew tiġġedded mill-Istat Membru ta' residenza wara applikazzjoni mill-persuna b'diżabilità. Din għandha tinħareġ jew tiġġedded ***mingħajr ħlas għall-benefiċjarju u*** f'perjodu raġonevoli mid-data tal-applikazzjoni li ma għandux jaqbeż is-60 jum.
	Or. en

Emenda 328
Antonius Manders

Proposta għal direttiva
Artikolu 7 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Il-Kard Ewropea għall-Parkeġġ għall-persuni b'diżabilità għandha tinħareġ jew tiġġedded mill-Istat Membru ta' residenza wara applikazzjoni mill-persuna b'diżabilità. Din għandha tinħareġ jew tiġġedded f'perjodu raġonevoli mid-data tal-applikazzjoni li ma għandux jaqbeż is-60 jum.	4. Il-Kard Ewropea għall-Parkeġġ għall-persuni b'diżabilità ***u għall-anzjani*** għandha tinħareġ jew tiġġedded mill-Istat Membru ta' residenza wara applikazzjoni mill-persuna b'diżabilità ***jew mill-anzjani***. Din għandha tinħareġ jew tiġġedded f'perjodu raġonevoli mid-data tal-applikazzjoni li ma għandux jaqbeż is-60 jum.
	Or. en

Emenda 329
Katrin Langensiepen

Proposta għal direttiva
Artikolu 7 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
4. Il-Kard Ewropea għall-Parkeġġ għall-persuni b'diżabilità għandha tinħareġ jew tiġġedded mill-Istat Membru ta' residenza wara applikazzjoni mill-persuna b'diżabilità. Din għandha tinħareġ jew tiġġedded f'perjodu raġonevoli mid-data tal-applikazzjoni li ma għandux jaqbeż ***is-***	4. Il-Kard Ewropea għall-Parkeġġ għall-persuni b'diżabilità għandha tinħareġ jew tiġġedded mill-Istat Membru ta' residenza wara applikazzjoni mill-persuna b'diżabilità. Din għandha tinħareġ jew tiġġedded f'perjodu raġonevoli mid-data tal-applikazzjoni li ma għandux jaqbeż ***it-***

60 jum. ***30*** jum.

Or. en

Emenda 330
Stelios Kympouropoulos, Loucas Fourlas

Proposta għal direttiva
Artikolu 7 – paragrafu 4 – subparagrafu 1 (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Il-kliem "Kard Ewropea għall-Parkeġġ" għandu jintwera bil-braille bl-użu tad-dimensjonijiet tal-kodiċi Marburg.

Or. en

Emenda 331
João Albuquerque, Daniela Rondinelli, Marc Angel, Milan Brglez, Agnes Jongerius, Aurore Lalucq, Elisabetta Gualmini, Klára Dobrev, Marianne Vind, Vilija Blinkevičiūtė, Alex Agius Saliba, Brando Benifei, Ilan De Basso, Alicia Homs Ginel, Carina Ohlsson, Estrella Durá Ferrandis

Proposta għal direttiva
Artikolu 7 – paragrafu 4a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	4a. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li persuni b'diżabilità, jew rappreżentanti maħtura li jaġixxu f'isimhom u bl-approvazzjoni tagħhom jew tal-gwardjan(i) legali tagħhom, jistgħu jappellaw deċiżjoni mill-awtoritajiet kompetenti dwar il-ħruġ, it-tiġdid jew l-irtirar ta' Kard Ewropea għall-Parkeġġ.

Or. en

Emenda 332
Antonius Manders

Proposta għal direttiva
Artikolu 7 – paragrafu 4a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	4a. L-ispejjeż tal-Kard Ewropea għall-Parkeġġ għall-persuni b'diżabilità u għall-anzjani għad-detenturi tal-kard għandhom ikunu ugwali fl-Istati Membri kollha.

Or. en

Emenda 333
Elżbieta Rafalska, Beata Szydło, Margarita de la Pisa Carrión, Anna Zalewska

Proposta għal direttiva
Artikolu 7 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li l-Kard Ewropea għall-Parkeġġ għall-persuni b'diżabilità tissostitwixxi l-kards għall-parkeġġ validi eżistenti kollha, maħruġa f'konformità mar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar il-kards għall-parkeġġ għall-persuni b'diżabilità[58] fil-livell nazzjonali, reġjonali jew lokali ***sa mhux aktar tard minn jj/xx/ss [id-data*** tal-applikazzjoni ta' din id-Direttiva***]***.	5. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li l-Kard Ewropea għall-Parkeġġ għall-persuni b'diżabilità tissostitwixxi l-kards għall-parkeġġ validi eżistenti kollha, maħruġa f'konformità mar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar il-kards għall-parkeġġ għall-persuni b'diżabilità[58] fil-livell nazzjonali, reġjonali jew lokali ***fuq talba għall-ħruġ tagħha, u fi kwalunkwe każ fi żmien 3 snin mid-data*** tal-applikazzjoni ta' din id-Direttiva.
[58] Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-4 ta' Ġunju 1998 (98/376/KE), ĠU L 167/25, 12.6.1998, kif adattata mir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-3 ta' Marzu 2008 minħabba l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Bulgarija, ir-Repubblika Ċeka, ir-Repubblika tal-Estonja, ir-Repubblika ta' Ċipru, ir-Repubblika tal-Latvja, ir-Repubblika tal-Litwanja, ir-Repubblika tal-Ungerija, ir-Repubblika ta' Malta, ir-Repubblika tal-Polonja, ir-	[58] Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-4 ta' Ġunju 1998 (98/376/KE), ĠU L 167/25, 12.6.1998, kif adattata mir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-3 ta' Marzu 2008 minħabba l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Bulgarija, ir-Repubblika Ċeka, ir-Repubblika tal-Estonja, ir-Repubblika ta' Ċipru, ir-Repubblika tal-Latvja, ir-Repubblika tal-Litwanja, ir-Repubblika tal-Ungerija, ir-Repubblika ta' Malta, ir-Repubblika tal-Polonja, ir-

Repubblika tar-Rumanija, ir-Repubblika tas-Slovenja u r-Repubblika Slovakka (ĠU L 63/43,7.3.2008).

Repubblika tar-Rumanija, ir-Repubblika tas-Slovenja u r-Repubblika Slovakka (ĠU L 63/43,7.3.2008).

Or. en

Emenda 334
Antonius Manders

Proposta għal direttiva
Artikolu 7 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
5. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li l-Kard Ewropea għall-Parkeġġ għall-persuni b'diżabilità tissostitwixxi l-kards għall-parkeġġ validi eżistenti kollha, maħruġa f'konformità mar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar il-kards għall-parkeġġ għall-persuni b'diżabilità[58] fil-livell nazzjonali, reġjonali jew lokali sa mhux aktar tard minn jj/xx/ss [id-data tal-applikazzjoni ta' din id-Direttiva].	5. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li l-Kard Ewropea għall-Parkeġġ għall-persuni b'diżabilità ***u għall-anzjani*** tissostitwixxi l-kards għall-parkeġġ validi eżistenti kollha, maħruġa f'konformità mar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar il-kards għall-parkeġġ għall-persuni b'diżabilità[58] fil-livell nazzjonali, reġjonali jew lokali sa mhux aktar tard minn jj/xx/ss [id-data tal-applikazzjoni ta' din id-Direttiva].
[58] Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-4 ta' Ġunju 1998 (98/376/KE), ĠU L 167/25, 12.6.1998, kif adattata mir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-3 ta' Marzu 2008 minħabba l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Bulgarija, ir-Repubblika Ċeka, ir-Repubblika tal-Estonja, ir-Repubblika ta' Ċipru, ir-Repubblika tal-Latvja, ir-Repubblika tal-Litwanja, ir-Repubblika tal-Ungerija, ir-Repubblika ta' Malta, ir-Repubblika tal-Polonja, ir-Repubblika tar-Rumanija, ir-Repubblika tas-Slovenja u r-Repubblika Slovakka (ĠU L 63/43,7.3.2008).	[58] Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-4 ta' Ġunju 1998 (98/376/KE), ĠU L 167/25, 12.6.1998, kif adattata mir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-3 ta' Marzu 2008 minħabba l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Bulgarija, ir-Repubblika Ċeka, ir-Repubblika tal-Estonja, ir-Repubblika ta' Ċipru, ir-Repubblika tal-Latvja, ir-Repubblika tal-Litwanja, ir-Repubblika tal-Ungerija, ir-Repubblika ta' Malta, ir-Repubblika tal-Polonja, ir-Repubblika tar-Rumanija, ir-Repubblika tas-Slovenja u r-Repubblika Slovakka (ĠU L 63/43,7.3.2008).

Or. en

Emenda 335
Loucas Fourlas

Proposta għal direttiva
Artikolu 7 – paragrafu 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
6. Il-Kard Ewropea għall-Parkeġġ għall-persuni b'diżabilità għandha tinħareġ jew tiġġedded bħala kard fiżika u għandha tiġi kkomplementata minn format diġitali mal-adozzjoni tal-atti delegati msemmija fil-paragrafu 7. Il-persuni b'diżabilità għandhom jingħataw l-għażla li jużaw jew il-kard diġitali jew dik fiżika, jew it-tnejn li huma.	6. Il-Kard Ewropea għall-Parkeġġ għall-persuni b'diżabilità għandha tinħareġ jew tiġġedded bħala kard fiżika u għandha tiġi kkomplementata minn format diġitali mal-adozzjoni tal-atti delegati msemmija fil-paragrafu 7. Il-persuni b'diżabilità għandhom jingħataw l-għażla li jużaw jew il-kard diġitali jew dik fiżika, jew it-tnejn li huma. ***Il-persuni b'mard rewmatiku u muskoloskeletali (RMDs) madwar l-Ewropa kollha, filwaqt li jirrikonoxxu l-firxa varjata ta' kundizzjonijiet, ta' spiss jesperjenzaw tnaqqis fil-mobilità, li jkun għadu ma jilħaqx il-limitu ta' diżabilità u għalhekk x'aktarx li jsiru diżabbli mingħajr appoġġ.***

Or. en

Emenda 336
Antonius Manders

Proposta għal direttiva
Artikolu 7 – paragrafu 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
6. Il-Kard Ewropea għall-Parkeġġ għall-persuni b'diżabilità għandha tinħareġ jew tiġġedded bħala kard fiżika u għandha tiġi kkomplementata minn format diġitali mal-adozzjoni tal-atti delegati msemmija fil-paragrafu 7. Il-persuni b'diżabilità għandhom jingħataw l-għażla li jużaw jew il-kard diġitali jew dik fiżika, jew it-tnejn li huma.	6. Il-Kard Ewropea għall-Parkeġġ għall-persuni b'diżabilità ***u għall-anzjani*** għandha tinħareġ jew tiġġedded bħala kard fiżika u għandha tiġi kkomplementata minn format diġitali mal-adozzjoni tal-atti delegati msemmija fil-paragrafu 7. Il-persuni b'diżabilità ***u l-anzjani*** għandhom jingħataw l-għażla li jużaw jew il-kard diġitali jew dik fiżika, jew it-tnejn li huma.

Or. en

Emenda 337
Miriam Lexmann

Proposta għal direttiva
Artikolu 7 – paragrafu 6

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
6. Il-Kard Ewropea għall-Parkeġġ għall-persuni b'diżabilità għandha tinħareġ jew tiġġedded bħala kard fiżika u għandha tiġi kkomplementata minn format diġitali mal-adozzjoni tal-atti delegati msemmija fil-paragrafu 7. Il-persuni b'diżabilità għandhom jingħataw l-għażla li jużaw jew il-kard diġitali jew dik fiżika, jew it-tnejn li huma.	6. Il-Kard Ewropea għall-Parkeġġ għall-persuni b'diżabilità għandha tinħareġ jew tiġġedded bħala kard fiżika u għandha tiġi kkomplementata minn format diġitali mal-adozzjoni tal-atti delegati msemmija fil-paragrafu 7. Il-persuni b'diżabilità għandhom jingħataw l-għażla li jużaw***, fuq bażi ugwali,*** jew il-kard diġitali jew dik fiżika, jew it-tnejn li huma.

Or. en

Emenda 338
Stelios Kympouropoulos, Loucas Fourlas

Proposta għal direttiva
Artikolu 7 – paragrafu 6a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	6a. L-Istati Membri għandhom jinkoraġġixxu lill-awtoritajiet pubbliċi u privati jtellgħu l-informazzjoni rilevanti f'bażi tad-data disponibbli għall-pubbliku.

Or. en

Emenda 339
Elena Lizzi, Antonio Maria Rinaldi, Paola Ghidoni

Proposta għal direttiva
Artikolu 7 – paragrafu 7

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
7. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li	7. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li

tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 11 biex tissupplimenta din id-Direttiva sabiex tistabbilixxi l-format diġitali tal-Kard Ewropea għall-Parkeġġ għall-persuni b'diżabilità u tiżgura l-interoperabbiltà, inkluż permezz tal-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' għodod diġitali, u li temenda l-Anness II sabiex jiġu mmodifikati l-karatteristiċi komuni tal-format standardizzat, jiġi adattat il-format għall-iżviluppi tekniċi, jiġu evitati l-falsifikazzjoni u l-frodi, jiġi indirizzat l-abbuż jew l-użu ħażin u tiġi żgurata l-interoperabbiltà, inkluż permezz tal-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' għodod diġitali.	tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 11 biex tissupplimenta din id-Direttiva sabiex tistabbilixxi l-format diġitali tal-Kard Ewropea għall-Parkeġġ għall-persuni b'diżabilità u tiżgura l-interoperabbiltà, inkluż permezz tal-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' għodod diġitali, u li temenda l-Anness II sabiex jiġu mmodifikati l-karatteristiċi komuni tal-format standardizzat, jiġi adattat il-format għall-iżviluppi tekniċi, jiġu evitati l-falsifikazzjoni u l-frodi, jiġi indirizzat l-abbuż jew l-użu ħażin u tiġi żgurata l-interoperabbiltà, inkluż permezz tal-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' għodod diġitali. ***Il-format diġitali tal-Kard Ewropea għall-Parkeġġ għandu jiġi żviluppat fil-forma ta' attribut iċċertifikat li għandu jiġi integrat fi ħdan proġetti nazzjonali ta' portafoll elettroniku mmirati biex jidħlu fil-proġett Kartiera tal-EUDI.***
	Or. en

Emenda 340
Antonius Manders

Proposta għal direttiva
Artikolu 7 – paragrafu 7

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
7. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 11 biex tissupplimenta din id-Direttiva sabiex tistabbilixxi l-format diġitali tal-Kard Ewropea għall-Parkeġġ għall-persuni b'diżabilità u tiżgura l-interoperabbiltà, inkluż permezz tal-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' għodod diġitali, u li temenda l-Anness II sabiex jiġu mmodifikati l-karatteristiċi komuni tal-format standardizzat, jiġi adattat il-format għall-iżviluppi tekniċi, jiġu evitati l-falsifikazzjoni u l-frodi, jiġi indirizzat l-abbuż jew l-użu ħażin u tiġi żgurata l-	7. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 11 biex tissupplimenta din id-Direttiva sabiex tistabbilixxi l-format diġitali tal-Kard Ewropea għall-Parkeġġ għall-persuni b'diżabilità ***u għall-anzjani*** u tiżgura l-interoperabbiltà, inkluż permezz tal-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' għodod diġitali, u li temenda l-Anness II sabiex jiġu mmodifikati l-karatteristiċi komuni tal-format standardizzat, jiġi adattat il-format għall-iżviluppi tekniċi, jiġu evitati l-falsifikazzjoni u l-frodi, jiġi indirizzat l-abbuż jew l-użu ħażin u tiġi

interoperabbiltà, inkluż permezz tal-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' għodod diġitali.	żgurata l-interoperabbiltà, inkluż permezz tal-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' għodod diġitali.

Or. en

Emenda 341
João Albuquerque, Daniela Rondinelli, Marc Angel, Milan Brglez, Agnes Jongerius, Aurore Lalucq, Elisabetta Gualmini, Klára Dobrev, Marianne Vind, Vilija Blinkevičiūtė, Alex Agius Saliba, Brando Benifei, Ilan De Basso, Alicia Homs Ginel, Carina Ohlsson, Estrella Durá Ferrandis

Proposta għal direttiva
Artikolu 7 – paragrafu 7a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	7a. Il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi bażi tad-data tal-Unjoni disponibbli għall-pubbliku li jkun fiha l-informazzjoni rilevanti kollha relatata mal-kundizzjonijiet u l-faċilitajiet tal-parkeġġ applikabbli kif definiti fil-livell lokali, reġjonali jew nazzjonali f'kull Stat Membru. Il-bażi tad-data għandha tkun disponibbli bil-lingwi kollha tal-UE u f'formati aċċessibbli. Il-bażi tad-data għandha tkun disponibbli fis-sit web uniku, bil-lingwi uffiċjali kollha, li tiġbor il-kundizzjonijiet speċjali jew it-trattament preferenzjali offruti mill-awtoritajiet pubbliċi tagħhom. L-Istati Membri għandhom jiffaċilitaw l-informazzjoni dwar il-kundizzjonijiet speċjali jew it-trattament preferenzjali offrut minn operaturi privati fuq is-sit web meta disponibbli u jaġġornaw din l-informazzjoni regolarment skont kwalunkwe tibdil fil-leġiżlazzjoni nazzjonali.

Or. en

Emenda 342
Lucia Ďuriš Nicholsonová, Abir Al-Sahlani, Jordi Cañas, Monica Semedo, Atidzhe

Alieva-Veli, Dragoş Pîslaru, Irena Joveva, Max Orville, Sylvie Brunet, Marie-Pierre Vedrenne

Proposta għal direttiva
Artikolu 7 – paragrafu 7a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	7a. Il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi bażi tad-data tal-Unjoni disponibbli għall-pubbliku li jkun fiha l-informazzjoni rilevanti relatata mal-kundizzjonijiet u l-faċilitajiet tal-parkeġġ applikabbli kif definiti fil-livell lokali, reġjonali jew nazzjonali f'kull Stat Membru. Il-bażi tad-data għandha tkun disponibbli bil-lingwi kollha tal-UE u bil-lingwi tas-sinjali nazzjonali tal-Istati Membri kif ukoll f'formati aċċessibbli. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtoritajiet pubbliċi jtellgħu din l-informazzjoni fil-bażi tad-data u meta meħtieġ jaġġornawha.

Or. en

Emenda 343
Miriam Lexmann

Proposta għal direttiva
Artikolu 7 – paragrafu 7a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	7a. Il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi bażi tad-data disponibbli għall-pubbliku li jkun fiha informazzjoni rilevanti relatata mar-regoli, il-kundizzjonijiet u l-ispazji tal-parkeġġ applikabbli kif definiti fuq livell lokali, reġjonali jew nazzjonali. Il-bażi tad-data għandha tkun disponibbli bil-lingwi kollha tal-UE. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtoritajiet pubbliċi jtellgħu u jaġġornaw regolarment l-informazzjoni rilevanti fil-bażi tad-data.

Or. en

Emenda 344
Loucas Fourlas, Stelios Kympouropoulos

Proposta għal direttiva
Artikolu 7 – paragrafu 7a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	7a. Il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi bażi tad-data disponibbli għall-pubbliku li tinkludi informazzjoni rilevanti għar-regoli, il-kundizzjonijiet u l-ispazji tal-parkeġġ applikabbli kif definiti fuq livell lokali, reġjonali jew nazzjonali. Il-bażi tad-data għandha tkun disponibbli u aġġornata bil-lingwi uffiċjali kollha tal-UE.

Or. en

Emenda 345
Francesca Peppucci, Rosa Estaràs Ferragut, Stelios Kympouropoulos

Proposta għal direttiva
Artikolu 7 – paragrafu 7a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	7a. Il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi bażi tad-data aċċessibbli għall-pubbliku, disponibbli bil-lingwi uffiċjali kollha tal-UE, li jkun fiha informazzjoni dwar il-Kard Ewropea għall-Parkeġġ għall-persuni b'diżabilità, kif definit fil-livell lokali, reġjonali jew nazzjonali.

Or. en

Emenda 346
Katrin Langensiepen

Proposta għal direttiva
Artikolu 7a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	Artikolu 7a
	Dispożizzjonijiet għad-detenturi tal-kard meta jibdlu r-residenza
	1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-benefiċjarji li bidlu l-Istat Membru ta' residenza tagħhom u li jkunu qed jistennew li tinħarġilhom kard nazzjonali tad-diżabilità mill-awtoritajiet kompetenti, ikunu ggarantiti d-drittijiet u l-benefiċċji tagħhom ipprovduti mill-Kard tad-Diżabilità u l-Kard għall-Parkeġġ tal-Istat Membru li jkun ħariġha. Il-Kard Ewropea tad-Diżabilità u l-Kard Ewropea għall-Parkeġġ għandhom ikunu validi sakemm tinħareġ il-kard nazzjonali l-ġdida.
	2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-proċess ta' rivalutazzjoni tad-diżabilità u l-ħruġ tal-kard nazzjonali l-ġdida u għalhekk il-Kard Ewropea tad-Diżabilità u l-Kard Ewropea għall-Parkeġġ il-ġdida ma jkunx itwal minn 6 xhur.

Or. en

Emenda 347
Antonius Manders

Proposta għal direttiva
Artikolu 8 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. Il-Kummissjoni għandha tadotta atti ta' implimentazzjoni li jistabbilixxu speċifikazzjonijiet tekniċi komuni biex tispeċifika ulterjorament il-formati tal-Kard Ewropea tad-Diżabilità u tal-Kard Ewropea għall-Parkeġġ għall-persuni b'diżabilità, is-sigurtà u l-karatteristiċi diġitali tal-ogħla	1. Il-Kummissjoni għandha tadotta atti ta' implimentazzjoni li jistabbilixxu speċifikazzjonijiet tekniċi komuni biex tispeċifika ulterjorament il-formati tal-Kard Ewropea tad-Diżabilità ***u tal-Anzjani*** u tal-Kard Ewropea għall-Parkeġġ għall-persuni b'diżabilità ***u għall-anzjani***, is-sigurtà u l-

livell ta’ żvilupp tekniku rispettivi tagħhom inkluż il-format speċifiku tagħhom u, id-data li tinsab fihom, inklużi l-miżuri tas-sigurtà xierqa għad-data personali, kif ukoll kwistjonijiet ta’ interoperabbiltà, bħal applikazzjonijiet komuni tal-UE għall-qari tad-data li tinsab fil-karatteristiċi diġitali fil-kards fiżiċi bl-użu ta’ mezzi elettroniċi li jindirizzaw il-prevenzjoni tal-frodi, kif ukoll għad-definizzjoni tal-ispeċifikazzjonijiet tekniċi tal-mezz ta’ ħżin tal-kards diġitali, għal kwistjonijiet bħall-verifika tal-validità tal-kards u n-numru tagħhom, għall-kontroll tal-awtentiċità tagħhom, għall-prevenzjoni tal-falsifikazzjoni u l-frodi, għall-qari tal-kard/s bejn l-Istati Membri, għall-użu tagħhom fil-Portafoll tal-Identità Diġitali tal-UE kif ukoll għall-iżgurar tal-aċċessibbiltà għall-persuni b’diżabilità għal kwalunkwe data fil-kards.

karatteristiċi diġitali tal-ogħla livell ta’ żvilupp tekniku rispettivi tagħhom inkluż il-format speċifiku tagħhom u, id-data li tinsab fihom, inklużi l-miżuri tas-sigurtà xierqa għad-data personali, kif ukoll kwistjonijiet ta’ interoperabbiltà, bħal applikazzjonijiet komuni tal-UE għall-qari tad-data li tinsab fil-karatteristiċi diġitali fil-kards fiżiċi bl-użu ta’ mezzi elettroniċi li jindirizzaw il-prevenzjoni tal-frodi, kif ukoll għad-definizzjoni tal-ispeċifikazzjonijiet tekniċi tal-mezz ta’ ħżin tal-kards diġitali, għal kwistjonijiet bħall-verifika tal-validità tal-kards u n-numru tagħhom, għall-kontroll tal-awtentiċità tagħhom, għall-prevenzjoni tal-falsifikazzjoni u l-frodi, għall-qari tal-kard/s bejn l-Istati Membri, għall-użu tagħhom fil-Portafoll tal-Identità Diġitali tal-UE kif ukoll għall-iżgurar tal-aċċessibbiltà għall-persuni b’diżabilità ***u għall-anzjani*** għal kwalunkwe data fil-kards.

Or. en

Emenda 348
Chiara Gemma

Proposta għal direttiva
Artikolu 9 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-Istati Membri għandhom jagħmlu l-kundizzjonijiet u r-regoli, il-prattiki u l-proċeduri għall-ħruġ, għat-tiġdid jew għall-irtirar ta’ Kard Ewropea tad-Diżabilità u ta’ Kard Ewropea għall-Parkeġġ għall-persuni b’diżabilità disponibbli għall-pubbliku f’formati aċċessibbli, inkluż f’formati diġitali, u fuq talba f’formati ta’ assistenza mitluba minn persuni b’diżabilità.	1. L-Istati Membri għandhom jagħmlu l-kundizzjonijiet u r-regoli, il-prattiki u l-proċeduri għall-ħruġ, għat-tiġdid jew għall-irtirar ta’ Kard Ewropea tad-Diżabilità u ta’ Kard Ewropea għall-Parkeġġ għall-persuni b’diżabilità disponibbli għall-pubbliku f’formati aċċessibbli, inkluż f’formati diġitali, ***kif ukoll bil-lingwi tas-sinjali nazzjonali u format faċli biex jinqara,*** u fuq talba f’formati ta’ assistenza mitluba minn persuni b’diżabilità. ***Din l-informazzjoni, inkluża informazzjoni dwar is-servizzi koperti fl-Artikolu 2, il-***

paragrafu1, għandha tingħabar fuq sit web fil-livell tal-UE u għandha tkun disponibbli bil-lingwi kollha tal-UE.

Or. en

Emenda 349
José Gusmão

Proposta għal direttiva
Artikolu 9 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-Istati Membri għandhom jagħmlu l-kundizzjonijiet u r-regoli, il-prattiki u l-proċeduri għall-ħruġ, għat-tiġdid jew għall-irtirar ta' Kard Ewropea tad-Diżabilità u ta' Kard Ewropea għall-Parkeġġ għall-persuni b'diżabilità disponibbli għall-pubbliku f'formati aċċessibbli, inkluż f'formati diġitali, u fuq talba f'formati ta' assistenza mitluba minn persuni b'diżabilità.	1. L-Istati Membri għandhom jagħmlu l-kundizzjonijiet u r-regoli, il-prattiki u l-proċeduri għall-ħruġ, għat-tiġdid jew għall-irtirar ta' Kard Ewropea tad-Diżabilità u ta' Kard Ewropea għall-Parkeġġ għall-persuni b'diżabilità disponibbli għall-pubbliku f'formati aċċessibbli, inkluż f'formati diġitali, ***kif ukoll bil-lingwi tas-sinjali nazzjonali u format faċli biex jinqara,*** u fuq talba f'formati ta' assistenza mitluba minn persuni b'diżabilità. ***Din l-informazzjoni, inkluża informazzjoni dwar is-servizzi koperti fl-Artikolu 2, il-paragrafu 1, għandha tingħabar fuq sit web fil-livell tal-UE u għandha tkun disponibbli bil-lingwi kollha tal-UE.***

Or. en

Emenda 350
Stelios Kympouropoulos, Loucas Fourlas

Proposta għal direttiva
Artikolu 9 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-Istati Membri għandhom jagħmlu l-kundizzjonijiet u r-regoli, il-prattiki u l-proċeduri għall-ħruġ, għat-tiġdid jew għall-irtirar ta' Kard Ewropea tad-Diżabilità u ta'	1. L-Istati Membri għandhom jagħmlu l-kundizzjonijiet u r-regoli, il-prattiki u l-proċeduri għall-ħruġ, għat-tiġdid jew għall-irtirar ta' Kard Ewropea tad-Diżabilità u ta'

Kard Ewropea għall-Parkeġġ għall-persuni b'diżabilità disponibbli għall-pubbliku f'formati aċċessibbli, inkluż f'formati diġitali, u fuq talba f'formati ta' assistenza mitluba minn persuni b'diżabilità.	Kard Ewropea għall-Parkeġġ għall-persuni b'diżabilità disponibbli għall-pubbliku f'formati aċċessibbli, inkluż f'formati diġitali, ***f'format li jinqara faċilment,*** u fuq talba f'formati ta' assistenza mitluba minn persuni b'diżabilità. ***Din l-informazzjoni, inkluża informazzjoni dwar is-servizzi koperti fl-Artikolu 2, il-paragrafu 1, għandha tingħabar fuq sit web fil-livell tal-UE u għandha tkun disponibbli bil-lingwi kollha tal-UE.***
	Or. en

Emenda 351
Miriam Lexmann

Proposta għal direttiva
Artikolu 9 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-Istati Membri għandhom jagħmlu l-kundizzjonijiet u r-regoli, il-prattiki u l-proċeduri għall-ħruġ, għat-tiġdid jew għall-irtirar ta' Kard Ewropea tad-Diżabilità u ta' Kard Ewropea għall-Parkeġġ għall-persuni b'diżabilità disponibbli għall-pubbliku f'formati aċċessibbli, inkluż f'formati diġitali, u fuq talba f'formati ta' assistenza mitluba minn persuni b'diżabilità.	1. L-Istati Membri għandhom jagħmlu l-kundizzjonijiet u r-regoli, il-prattiki u l-proċeduri għall-ħruġ, għat-tiġdid jew għall-irtirar ta' Kard Ewropea tad-Diżabilità u ta' Kard Ewropea għall-Parkeġġ għall-persuni b'diżabilità disponibbli għall-pubbliku ***inkluż fuq sit web fil-livell tal-UE bil-lingwi kollha tal-UE. L-informazzjoni għandha tkun disponibbli*** f'formati aċċessibbli, inkluż f'formati diġitali, ***kif ukoll bil-lingwi tas-sinjali nazzjonali u f'format faċli biex jinqara,*** u fuq talba ***individwali*** f'formati ta' assistenza ***oħra*** mitluba minn persuni b'diżabilità.
	Or. en

Emenda 352
Francesca Peppucci, Rosa Estaràs Ferragut, Stelios Kympouropoulos

Proposta għal direttiva
Artikolu 9 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-Istati Membri għandhom jagħmlu l-kundizzjonijiet u r-regoli, il-prattiki u l-proċeduri għall-ħruġ, għat-tiġdid jew għall-irtirar ta' Kard Ewropea tad-Diżabilità u ta' Kard Ewropea għall-Parkeġġ għall-persuni b'diżabilità disponibbli għall-pubbliku f'formati aċċessibbli, inkluż f'formati diġitali, u fuq talba f'formati ta' assistenza mitluba minn persuni b'diżabilità.	1. L-Istati Membri għandhom jagħmlu l-kundizzjonijiet u r-regoli, il-prattiki u l-proċeduri għall-ħruġ, għat-tiġdid jew għall-irtirar ta' Kard Ewropea tad-Diżabilità u ta' Kard Ewropea għall-Parkeġġ għall-persuni b'diżabilità disponibbli għall-pubbliku f'formati aċċessibbli, inkluż f'formati diġitali, u fuq talba f'formati ta' assistenza mitluba minn persuni b'diżabilità. ***Il-Kummissjoni tiżgura li tali informazzjoni tkun disponibbli bil-lingwi uffiċjali kollha tal-UE fuq sit web fil-livell tal-UE.***

Or. en

Emenda 353
Ádám Kósa, Stelios Kympouropoulos, Lucia Ďuriš Nicholsonová

Proposta għal direttiva
Artikolu 9 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-Istati Membri għandhom jagħmlu l-kundizzjonijiet u r-regoli, il-prattiki u l-proċeduri għall-ħruġ, għat-tiġdid jew għall-irtirar ta' Kard Ewropea tad-Diżabilità u ta' Kard Ewropea għall-Parkeġġ għall-persuni b'diżabilità disponibbli għall-pubbliku f'formati aċċessibbli, inkluż f'formati diġitali, u fuq talba f'formati ta' assistenza mitluba minn persuni b'diżabilità.	1. L-Istati Membri għandhom jagħmlu l-kundizzjonijiet u r-regoli, il-prattiki u l-proċeduri għall-ħruġ, għat-tiġdid jew għall-irtirar ta' Kard Ewropea tad-Diżabilità u ta' Kard Ewropea għall-Parkeġġ għall-persuni b'diżabilità disponibbli għall-pubbliku f'formati aċċessibbli ***(bħal formati faċli biex jinqraw u vidjos tal-lingwa tas-sinjali nazzjonali bis-sottotitoli u l-vidjos tas-sinjali internazzjonali)***, inkluż f'formati diġitali, u fuq talba f'formati ta' assistenza mitluba minn persuni b'diżabilità.

Or. en

Emenda 354
Jordi Cañas, Monica Semedo, Lucia Ďuriš Nicholsonová

Proposta għal direttiva
Artikolu 9 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-Istati Membri għandhom jagħmlu l-kundizzjonijiet u r-regoli, il-prattiki u l-proċeduri għall-ħruġ, għat-tiġdid jew għall-irtirar ta' Kard Ewropea tad-Diżabilità u ta' Kard Ewropea għall-Parkeġġ għall-persuni b'diżabilità disponibbli għall-pubbliku f'formati aċċessibbli, inkluż f'formati diġitali, u fuq talba f'formati ta' assistenza mitluba minn persuni b'diżabilità.	1. L-Istati Membri għandhom jagħmlu l-kundizzjonijiet u r-regoli, il-prattiki u l-proċeduri għall-ħruġ, għat-tiġdid jew għall-irtirar ta' Kard Ewropea tad-Diżabilità u ta' Kard Ewropea għall-Parkeġġ għall-persuni b'diżabilità disponibbli għall-pubbliku f'formati aċċessibbli, inkluż f'formati diġitali, ***bil-lingwi tas-sinjali nazzjonali, bil-Braille, u f'format faċli biex jinqara, b'verżjoni awdjo*** u fuq talba f'formati ta' assistenza ***alternattivi oħra*** mitluba minn persuni b'diżabilità.

Or. en

Emenda 355
Jarosław Duda

Proposta għal direttiva
Artikolu 9 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-Istati Membri għandhom jagħmlu l-kundizzjonijiet u r-regoli, il-prattiki u l-proċeduri għall-ħruġ, għat-tiġdid jew għall-irtirar ta' Kard Ewropea tad-Diżabilità u ta' Kard Ewropea għall-Parkeġġ għall-persuni b'diżabilità disponibbli għall-pubbliku f'formati aċċessibbli, inkluż f'formati diġitali, u fuq talba f'formati ta' assistenza mitluba minn persuni b'diżabilità.	1. L-Istati Membri għandhom jagħmlu l-kundizzjonijiet u r-regoli, il-prattiki u l-proċeduri għall-ħruġ, għat-tiġdid jew għall-irtirar ta' Kard Ewropea tad-Diżabilità u ta' Kard Ewropea għall-Parkeġġ għall-persuni b'diżabilità disponibbli għall-pubbliku f'formati aċċessibbli, inkluż f'formati diġitali, ***kif ukoll bil-lingwi tas-sinjali nazzjonali u format faċli biex jinqara,*** u fuq talba f'formati ta' assistenza mitluba minn persuni b'diżabilità.

Or. en

Emenda 356
Antonius Manders

Proposta għal direttiva
Artikolu 9 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
1. L-Istati Membri għandhom jagħmlu l-kundizzjonijiet u r-regoli, il-prattiki u l-proċeduri għall-ħruġ, għat-tiġdid jew għall-irtirar ta' Kard Ewropea tad-Diżabilità u ta' Kard Ewropea għall-Parkeġġ għall-persuni b'diżabilità disponibbli għall-pubbliku f'formati aċċessibbli, inkluż f'formati diġitali, u fuq talba f'formati ta' assistenza mitluba minn persuni b'diżabilità.	1. L-Istati Membri għandhom jagħmlu l-kundizzjonijiet u r-regoli, il-prattiki u l-proċeduri għall-ħruġ, għat-tiġdid jew għall-irtirar ta' Kard Ewropea tad-Diżabilità ***u tal-Anzjani*** u ta' Kard Ewropea għall-Parkeġġ għall-persuni b'diżabilità ***u għall-anzjani*** disponibbli għall-pubbliku f'formati aċċessibbli, inkluż f'formati diġitali, u fuq talba f'formati ta' assistenza mitluba minn persuni b'diżabilità ***u mill-anzjani***.

Or. en

Emenda 357
Elena Lizzi, Antonio Maria Rinaldi, Paola Ghidoni

Proposta għal direttiva
Artikolu 9 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. L-Istati Membri għandhom jieħdu miżuri xierqa biex iqajmu kuxjenza fost il-pubbliku u jinfurmaw lill-persuni b'diżabilità, inkluż b'modi aċċessibbli, dwar l-eżistenza u l-kundizzjonijiet biex jiksbu, jużaw, jew iġeddu l-Kard Ewropea tad-Diżabilità u l-Kard Ewropea għall-Parkeġġ għall-persuni b'diżabilità.	2. L-Istati Membri għandhom jieħdu miżuri xierqa biex iqajmu kuxjenza fost il-pubbliku u jinfurmaw lill-persuni b'diżabilità, inkluż b'modi aċċessibbli, dwar l-eżistenza u l-kundizzjonijiet biex jiksbu, jużaw, jew iġeddu l-Kard Ewropea tad-Diżabilità u l-Kard Ewropea għall-Parkeġġ għall-persuni b'diżabilità. ***Bl-istess mod, il-Kummissjoni hija marbuta li tinforma lill-pubbliku fil-livell Ewropew dwar iż-żewġ dokumenti u b'mod speċifiku l-karatteristika ta' rikonoxximent reċiproku tagħhom fl-Unjoni Ewropea.***

Or. en

Emenda 358
José Gusmão

Proposta għal direttiva
Artikolu 9 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. L-Istati Membri għandhom jieħdu miżuri xierqa biex ***iqajmu*** kuxjenza fost il-pubbliku u ***jinfurmaw*** lill-persuni b'diżabilità, inkluż b'modi aċċessibbli, dwar l-eżistenza u l-kundizzjonijiet biex jiksbu, jużaw, jew iġeddu l-Kard Ewropea tad-Diżabilità u l-Kard Ewropea għall-Parkeġġ għall-persuni b'diżabilità.	2. L-Istati Membri għandhom jieħdu miżuri xierqa ***u l-Kummissjoni Ewropea għandha tiddefinixxi u tikkoordina, filwaqt li tqis il-parteċipazzjoni tal-partijiet ikkonċernati rilevanti kollha, kampanja*** biex ***tqajjem*** kuxjenza fost il-pubbliku u ***tinforma*** lill-persuni b'diżabilità, inkluż b'modi aċċessibbli, dwar l-eżistenza u l-kundizzjonijiet biex jiksbu, jużaw, jew iġeddu l-Kard Ewropea tad-Diżabilità u l-Kard Ewropea għall-Parkeġġ għall-persuni b'diżabilità.

Or. en

Emenda 359
Ádám Kósa

Proposta għal direttiva
Artikolu 9 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. L-Istati Membri għandhom jieħdu miżuri xierqa biex iqajmu kuxjenza fost il-pubbliku u jinfurmaw lill-persuni b'diżabilità, inkluż b'modi aċċessibbli, dwar l-eżistenza u l-kundizzjonijiet biex jiksbu, jużaw, jew iġeddu l-Kard Ewropea tad-Diżabilità u l-Kard Ewropea għall-Parkeġġ għall-persuni b'diżabilità.	2. L-Istati Membri għandhom jieħdu miżuri xierqa biex iqajmu kuxjenza fost il-pubbliku***, inkluż lill-awtoritajiet pubbliċi u lill-operaturi privati li għandhom il-potenzjal li joffru trattament preferenzjali skont l-Artikolu 5,*** u jinfurmaw lill-persuni b'diżabilità, inkluż b'modi aċċessibbli, dwar l-eżistenza u l-kundizzjonijiet biex jiksbu, jużaw, jew iġeddu l-Kard Ewropea tad-Diżabilità u l-Kard Ewropea għall-Parkeġġ għall-persuni b'diżabilità.

Or. en

Emenda 360
Katrin Langensiepen

Proposta għal direttiva
Artikolu 9 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. L-Istati Membri għandhom jieħdu miżuri xierqa biex iqajmu kuxjenza fost il-pubbliku u jinfurmaw lill-persuni b'diżabilità, inkluż b'modi aċċessibbli, dwar l-eżistenza u l-kundizzjonijiet biex jiksbu, jużaw, jew iġeddu l-Kard Ewropea tad-Diżabilità u l-Kard Ewropea għall-Parkeġġ għall-persuni b'diżabilità.	2. L-Istati Membri għandhom jieħdu miżuri xierqa biex iqajmu kuxjenza fost il-pubbliku ***inkluż lill-awtoritajiet pubbliċi u lill-operaturi privati li għandhom il-potenzjal li joffru trattament preferenzjali skont l-Artikolu 5*** u jinfurmaw lill-persuni b'diżabilità, inkluż b'modi aċċessibbli, dwar l-eżistenza u l-kundizzjonijiet biex jiksbu, jużaw, jew iġeddu l-Kard Ewropea tad-Diżabilità u l-Kard Ewropea għall-Parkeġġ għall-persuni b'diżabilità.

Or. en

Emenda 361
Cindy Franssen, David Casa, Antonius Manders

Proposta għal direttiva
Artikolu 9 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. L-Istati Membri għandhom jieħdu miżuri xierqa biex iqajmu kuxjenza fost il-pubbliku u jinfurmaw lill-persuni b'diżabilità, inkluż b'modi aċċessibbli, dwar l-eżistenza u l-kundizzjonijiet biex jiksbu, jużaw, jew iġeddu l-Kard Ewropea tad-Diżabilità u l-Kard Ewropea għall-Parkeġġ għall-persuni b'diżabilità.	2. L-Istati Membri għandhom jieħdu miżuri xierqa biex iqajmu kuxjenza fost il-pubbliku u jinfurmaw lill-persuni b'diżabilità, inkluż b'modi aċċessibbli, dwar l-eżistenza u l-kundizzjonijiet biex jiksbu, jużaw, jew iġeddu l-Kard Ewropea tad-Diżabilità u l-Kard Ewropea għall-Parkeġġ għall-persuni b'diżabilità. ***Il-Kummissjoni għandha twettaq kampanja Ewropea ta' sensibilizzazzjoni f'kooperazzjoni mal-Istati Membri.***

Or. en

Emenda 362
Miriam Lexmann

Proposta għal direttiva

Artikolu 9 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. L-Istati Membri għandhom jieħdu miżuri xierqa biex iqajmu kuxjenza fost il-pubbliku u jinfurmaw lill-persuni b'diżabilità, inkluż b'modi aċċessibbli, dwar l-eżistenza u l-kundizzjonijiet biex jiksbu, jużaw, jew iġeddu l-Kard Ewropea tad-Diżabilità u l-Kard Ewropea għall-Parkeġġ għall-persuni b'diżabilità.	2. L-Istati Membri ***u l-Kummissjoni*** għandhom jieħdu miżuri xierqa***, inkluż permezz ta' kampanji dedikati fil-livell nazzjonali u tal-UE,*** biex iqajmu kuxjenza fost il-pubbliku u jinfurmaw lill-persuni b'diżabilità, inkluż b'modi aċċessibbli, dwar l-eżistenza u l-kundizzjonijiet biex jiksbu, jużaw, jew iġeddu l-Kard Ewropea tad-Diżabilità u l-Kard Ewropea għall-Parkeġġ għall-persuni b'diżabilità.

Or. en

Emenda 363
Chiara Gemma

Proposta għal direttiva
Artikolu 9 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. L-Istati Membri għandhom jieħdu miżuri xierqa biex iqajmu kuxjenza fost il-pubbliku u jinfurmaw lill-persuni b'diżabilità, inkluż b'modi aċċessibbli, dwar l-eżistenza u l-kundizzjonijiet biex jiksbu, jużaw, jew iġeddu l-Kard Ewropea tad-Diżabilità u l-Kard Ewropea għall-Parkeġġ għall-persuni b'diżabilità.	2. L-Istati Membri għandhom jieħdu miżuri xierqa***, u l-Kummissjoni Ewropea għandha tikkoordina kampanja,*** biex iqajmu kuxjenza fost il-pubbliku u jinfurmaw lill-persuni b'diżabilità, inkluż b'modi aċċessibbli, dwar l-eżistenza u l-kundizzjonijiet biex jiksbu, jużaw, jew iġeddu l-Kard Ewropea tad-Diżabilità u l-Kard Ewropea għall-Parkeġġ għall-persuni b'diżabilità.

Or. en

Emenda 364
Jarosław Duda

Proposta għal direttiva
Artikolu 9 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. L-Istati Membri għandhom jieħdu miżuri xierqa biex iqajmu kuxjenza fost il-pubbliku u jinfurmaw lill-persuni b'diżabilità, inkluż b'modi aċċessibbli, dwar l-eżistenza u l-kundizzjonijiet biex jiksbu, jużaw, jew iġeddu l-Kard Ewropea tad-Diżabilità u l-Kard Ewropea għall-Parkeġġ għall-persuni b'diżabilità.	2. L-Istati Membri għandhom jieħdu miżuri xierqa***, u l-Kummissjoni Ewropea għandha tikkoordina kampanja,*** biex iqajmu kuxjenza fost il-pubbliku u jinfurmaw lill-persuni b'diżabilità, inkluż b'modi aċċessibbli, dwar l-eżistenza u l-kundizzjonijiet biex jiksbu, jużaw, jew iġeddu l-Kard Ewropea tad-Diżabilità u l-Kard Ewropea għall-Parkeġġ għall-persuni b'diżabilità.

Or. en

Emenda 365
Antonius Manders

Proposta għal direttiva
Artikolu 9 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. L-Istati Membri għandhom jieħdu miżuri xierqa biex iqajmu kuxjenza fost il-pubbliku u jinfurmaw lill-persuni b'diżabilità, inkluż b'modi aċċessibbli, dwar l-eżistenza u l-kundizzjonijiet biex jiksbu, jużaw, jew iġeddu l-Kard Ewropea tad-Diżabilità u l-Kard Ewropea għall-Parkeġġ għall-persuni b'diżabilità.	2. L-Istati Membri għandhom jieħdu miżuri xierqa biex iqajmu kuxjenza fost il-pubbliku u jinfurmaw lill-persuni b'diżabilità ***u lill-anzjani***, inkluż b'modi aċċessibbli, dwar l-eżistenza u l-kundizzjonijiet biex jiksbu, jużaw, jew iġeddu l-Kard Ewropea tad-Diżabilità ***u tal-Anzjani*** u l-Kard Ewropea għall-Parkeġġ għall-persuni b'diżabilità ***u għall-anzjani***.

Or. en

Emenda 366
Francesca Peppucci, Rosa Estaràs Ferragut, Stelios Kympouropoulos

Proposta għal direttiva
Artikolu 9 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. L-Istati Membri għandhom jieħdu	2. ***Il-Kummissjoni u*** l-Istati Membri

miżuri xierqa biex iqajmu kuxjenza fost il-pubbliku u jinfurmaw lill-persuni b'diżabilità, inkluż b'modi aċċessibbli, dwar l-eżistenza u l-kundizzjonijiet biex jiksbu, jużaw, jew iġeddu l-Kard Ewropea tad-Diżabilità u l-Kard Ewropea għall-Parkeġġ għall-persuni b'diżabilità.

għandhom jieħdu miżuri xierqa biex iqajmu kuxjenza fost il-pubbliku u jinfurmaw lill-persuni b'diżabilità, inkluż b'modi aċċessibbli, dwar l-eżistenza u l-kundizzjonijiet biex jiksbu, jużaw, jew iġeddu l-Kard Ewropea tad-Diżabilità u l-Kard Ewropea għall-Parkeġġ għall-persuni b'diżabilità.

Or. en

Emenda 367
Maria Walsh

Proposta għal direttiva
Artikolu 9 – paragrafu 2 – subparagrafu 1 (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw passi ċari biex jinvolvu lill-persuni b'diżabilità u lill-organizzazzjonijiet rappreżentattivi tagħhom fl-implimentazzjoni u s-sorveljanza tal-Kard Ewropea tad-Diżabilità.

Or. en

Emenda 368
Loucas Fourlas

Proposta għal direttiva
Artikolu 9 – paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	2a. L-Istati Membri għandhom jedukaw u jqajmu kuxjenza wkoll dwar il-kunċett ta' diżabilità kkawżat minn mard rewmatiku u muskoloskeletali (RMDs), u jagħmlu l-proċessi ta' valutazzjoni aktar aċċessibbli u li jistgħu jintlaħqu, peress li l-persuni affettwati bħalissa jridu jqattgħu ħin u jagħmlu sforz biex juru d-diżabilità

tagħhom ħalli jiksbu kard.

Or. en

Emenda 369
Monica Semedo, Abir Al-Sahlani, Lucia Ďuriš Nicholsonová, Sylvie Brunet

Proposta għal direttiva
Artikolu 9 – paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	2a. L-Istati Membri għandhom jieħdu miżuri xierqa biex iqajmu kuxjenza fost il-professjonisti f'kuntatt mal-pubbliku, inkluż b'modi aċċessibbli, dwar l-eżistenza u d-drittijiet mogħtija mill-Kard Ewropea tad-Diżabilità u mill-Kard Ewropea għall-Parkeġġ għall-persuni b'diżabilità.

Or. en